# IL-ĦAJJA f'Għawdex

€2

April 2014 * -GĦ DXIN GĦAL 69 SENA * Nru. 957



# ŻEWĠ PAPIET KBAR ISSA SARU QADDISIN!

Żgur li ħafna minnkom tiftakruhom sew.

**ĠWANNI XXIII** - *Il-Papa tal-Konċilju Vatikan II*
u **ĠWANNI PAWLU II** - *Il-Papa Missjunarju*







## INT X'TAF FUQHOM?
## X'TISTA' TITGĦALLEM FIL-QOSOR MILL-GĦERF TAGĦHOM?

Akkwista dawn iż-żewġ kotba ta' Pariri Spiritwali tagħhom,
miġbura minn P. Guido Schembri OFM u Carmel C. Cachia,
għall-prezz ta' €5 biss it-tnejn flimkien, mil-Lumen Christi Bookshop, Victoria, Għawdex.
U jekk tixtieq tirċevihom id-dar bil-posta,
ibgħat cheque ta' €6 f'ittra lil Jodie Refalo f'dan l-indirizz:.

## LUMEN CHRISTI BOOKSHOP

Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Għawdex VCT 2579
*(Il-ħanut jiftaħ il-Ħamis, il-Ġimgħa u s-Sibt, mid-9.00am sa 12.00pm)*

# Il-Ħajja f'Għawdex

L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945

*Ħarġa nru. 957 – April 2014*



4 Editorjal
**"Bajd taċ-Ċikkulata... u Ġesù Qam"**
*Joseph W. Psaila*

5 Kronaka
**Mill-Ħajja fid-Djoċesi**
*Charles Spiteri*

7 X'Jgħidilna l-Isqof
**Ir-Randan: Mixja ta' Talb, Sawm u Karità**

9 Kummentarju (1)
**Papa Franġisku għandu 'Ħolma'!**
*Mons Anton Sultana*

10 Aħbarijiet Lokali
**X'għadda minn għalina**
*Charles Spiteri*

14 Kummentarju (2)
**Anniversarji u Tifkiriet**
*Franco Masini*

15 Riflessi
**Nifirħu mas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù**
*Kav. Joe M. Attard*

16 Kummentarju (3)
**Viżjoni għat-Turiżmu f'Għawdex**
*Paul Scicluna*

18 Kummentarju (4)
**Diskursata dwar il-Ko-edukazzjoni**
*Chev. Frank Gatt*

19 Għawdex 150 sena Djoċesi (4)
**Id-Djoċesi kienet ta' ħtieġa kbira**
*Joseph Bezzina*

20 Kummentarju (5)
**Utopja...! Sewwa kieku!**
*Dr Alfred Grech*

22 Kummentarju (6)
**Il-Papa Franġisku... ifiehem ċar imnebbaħ mill-Kelma ta' Alla**
*Mons Salv Grima*

24 It-Taraġ lejn il-Qdusija (7)
**Qassis Dejjem Żagħżugħ**
*Miriam Portelli*

26 Dawl għall-Ħajja
**Żmien il-Għid: 50 Jum ta' 'Hallelujah'**
*Arċipriet C. Mercieca*

28 Riflessjoni Biblika
**Alla jidher f'kull bniedem... Ħadd mhu żejjed!**
*Mons Lawrenz Sciberras*

30 Folklor Għawdxi
**Il-Ħabsijiet ta' Għawdex u Xogħol il-Kalzriera u l-Gwardjana (4)**
*Anton F. Attard*

32 Reminixxenzi (16)
**L-Erba' Anniversarji Nazzjonali**
*Anton Tabone*

34 Tieqa fuq l-Ambjent (57)
**L-għasafar fil-Qwiel**
*Joe Sultana*

36 Ħarsa lejn il-Kmandamenti (2)
**L-ewwel Kmandament**
*Mons Renato Borg*

38 Passiġġata Biblika (90)
**L-Inbid fil-Bibbja**
*Fr Charles Buttigieg*

40 Għawdex Qabel ir-Ritratti (64)
**Il-Qaddis li ġie jgħix Għawdex**
*John Cremona*

41 Paġni mill-Arkivju Nazzjonali (222)
**L-organista Patri Antonio Gat, Franġiskan**
*Joseph Bezzina*

42 Għawdex Online (58)
**Kull Bolla għandha Storja**
*Salvu Felice Pace*

43 L-Istorja Tgħallimna (11)
**Il-Bidu tal-Qawwa tar-Russja u l-Iżolament tal-Ġappun**
*Dr Mario Saliba*

45 Mill-Omeliji tal-Papa (1)
**Il-Kuraġġ fit-Talb**
*Angelo Xuereb*

46 Mill-Parlament
**Mistoqsijiet Parlamentari dwar Għawdex**

47 Apprezzament
**Mons Alwiġ Vella**
*Dun Geoffrey G. Attard*

49 Għawdex Sportiv
**Malta Cycling Tour**
*Joe Bajada*

50 Snajja tal-Imgħoddi
**Il-Bidwi u Ir-Ragħaj**
*Fr Geoffrey G. Attard*

*Suppliment fin-nofs:*
- **Id-dimensjoni soċjali tal-Imħabba Nisranija**
- **Madre Margerita: Vulkan ta' Enerġija**
- **Dirgħajna miftuħa bħall-Kurċifiss**
- **Messaġġ lill-Moviment Ewkaristiku Għawdxi fil-50 anniversarju**


*Ritratt tal-Qoxra:* Papa Franġisku fl-Għid 2013.
*Ħajr lil "Libreria Editrice Vaticana"*


**Rivista maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

Direzzjoni u Amministrazzjoni:
Lumen Christi Media Centre, Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 2579 Tel. 21560496/7 Fax. 21561860
e-mail: gozopress@onvol.net

Abbonament Annwali: €15 Sostenitur: €20

Issettjata u Stampata: "Gozo Press" Tel.21551534



*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

# "Bajd taċ-Ċikkulata... u Ġesù Qam"



**Joseph W. Psaila**
*jwpsaila@melita.com*

**L-hena tagħna l-Insara hi biss fi Kristu Irxuxtat! Biex nużaw espressjoni importata mill-Istati Uniti: "*We are the Easter People*". Din l-hena mhix pjaċir bħal dak li nħossu f'siegħa ta'divertiment; mhix serħan ta' xi nostalġija; mhix sodisfazzjon li nġarrbu wara li niksbu xi suċċess; mhix l-allegrija ta' xi bibita mal-ħbieb; mhix l-ewforija tas-sostenituri tat-tim tal-futbol li skorja gowl. Dawn huma kollha waqtiet sbieħ.. u li l-hena nisranija tista' wkoll tidher ġo fihom.**

**Imma din l-hena tagħna hi akar profonda... u aktar dejjiema. Hi hena li sserraħ fuq il-Qawmien ta' dak Ġesù li hu dejjem magħna. Papa Franġisku jiddiskrivi l-hena nisranija bħala "virtù pellegrina". Lil min tingħata – għaliex hija don – ma jistax jaħżinha u jwarrabha "fil-fliexken" sabiex iżommha għalih. Jekk jagħmel hekk timmoffalu. Din hija hena li teħtieġ timxi, tidher u tkun għanja li tlaqqam lil ħaddieħor.**

Imma kemm drabi din "il-virtù pellegrina" naqtgħulha n-nifs fl-aljenazzjoni tagħna bil-ġugarelli żgħar u kbar li toffrilna l-kultura madwarna. Kultant naħsbu li l-hena se nsibuha fil-konsumiżmu, li jimla t-*trolley* bil-kumditajiet żejda, jew fil-karozza li saret simbolu tal-istat soċjali - jekk mhux ukoll f'iżjed minn karozza waħda; naħsbu li se nsibu l-hena fil-bini dejjem tiela', jitferrex u jogħla, fil-karriera, bil-promozzjonijiet waħda wara oħra jew fil-programmi tat-televiżjoni li jaljenawna u jimpikawna ma' xulxin, jew forsi mingħalina se niskopru l-hena fl-aħħar mudelli tat-teknoloġija li għadhom kemm ħarġu fil-moda imma li ħin bla waqt iħalluna nixxennqu għall-mudell ta' wara. Naħsbu li l-hena nsibuha fis-setgħat li jikkmandaw u mhux iservu jew fl-applawsi tal-popolarità fost min ixejjer il-palm u 'l għada jgħajat "sallbu".

Ċertament bħala nazzjon l-hena mhux se niksbuha fl-ossessjoni għat-tkabbir ekonomiku li naħsbu li nistgħu nibqgħu sejrin bih għal dejjem ta' dejjem. Sar jgħodd għalina wkoll, dak li darba Bobby Kennedy widdeb dwaru lill-Amerikani: "Il-prodott gross nazzjonali (PGN) ma jkejjilx is-saħħa ta' wliedna, il-kwalità ta' edukazzjoni u tal-ferħ waqt il-logħob tagħhom. Il-PGN ma jinkludix is-sbuħija tal-poeżija jew is-sħuħija tal-familji, ma jqisx l-intelliġenza fid-dibattiti pubbliċi u lanqas l-integrità tal-uffiċjali pubbliċi. Il-PGN ma jkejjilx l-ispirtu pront jew il-kuraġġ, lanqas l-għaqal u t-tagħlim u lanqas jinkludi l-ħniena jew id-dedikazzjoni għal art twelidna." Fi ftit kliem, l-ossessjoni għat-tkabbir ekonomiku ma jimportahiex biex lill-ħajja tagħtiha stil ta' kwalità li fiha nkunu nistgħu niddixxernu dak li jista' tabilħaqq jagħmilna hienja.

Jekk verament irridu naqraw is-sinjali taż-żminijiet, ma nisgħux naħarbu mir-realtà. Aħna qegħdin ngħixu f'tip ta' soċjetà "medjokrament" nisranija li taljena rasha malajr fuq il-ħmerijiet tal-mument u tfittex l-hena fejn ma tistax issibha. Meta aħna, *the Easter People*, nieħdu ta' bilfors in-nifs mill-arja ta' din il-kultura, ma tkunx ħaġa kbira li ninsew li għandna raġuni eterna u infinita sabiex inkunu hienja tassew. Hija r-raġuni tat-Tama, u din għandha tixprunana biex l-hena tagħna nagħmlu minnha "virtù pellegrina".

**Toħroġ kważi spontanja l-mistoqsija : Il-ferħ li nuru fil-festi tal-qaddisin, patruni tal-irħula tagħna kemm qed ikun xhieda tal-"hena bħala virtù pellegrina"? Għaliex fil-waqt li aħna nifirħu bil-baned u l-murtali, ikun hemm min jikkritikana li l-fidi fina mhix matura biżżejjed u bqajna fil-fażi tat-tfulija meta ma konniex nifirdu t-twemmin sagru mill-briju u l-marċijiet.**

Dak il-professur tal-Università ta' Oxford, C.S. Lewis, li minn ateu ikkonverta għat-twemmin nisrani, jirrakkonta dwar daqsxejn ta' tifel li kiteb poeżija "*Chocolate Eggs and Jesus Risen*" – poeżija li għall-età tat-tifel kienet ta' min jammiraha kemm għall-versi u kemm għad-devozzjoni. Iżda mbagħad, il-professur jirrifletti li meta t-tifel jikber ma jibqax, mingħajr sforz, igawdi l-unità fl-ispiritwalità tal-Għid u l-aspett kummerċjali. Jibda jifred dawn iż-żewġ aspetti tal-istess festa minn xulxin. U f'din il-fażi ta' firda, ikun jeħtieġlu jagħti prijorità lil waħda jew lill-oħra. Jekk iqiegħed l-aspett spiritwali l-ewwel, josserva l-professur, jibqa' jtiegħem xi ftit mill-ispirtu tal-Għid fil-bajd taċ-ċikkulata. Imma jekk iqiegħed il-bajd taċ-ċikkulata qabel l-aspett spiritwali, allura fi ftit snin il-bajd tal-Għid isir bħal kwalunkwe ħelu ieħor.

**Ħalli nkunu ferħanin mhux biss fil-festi imma wkoll f'kull jum tas-sena. Imma jalla l-ferħ kollu tagħna jkun fih ingredjent qawwi li jagħti t-togħma tal-hena tal-Għid il-Kbir! U jalla wkoll li fil-waqtiet tqal ta' ħajjitna nsibu s-serħan fil-hena li sawwab fina l-Qawmien tal-Mulej Ġesù!**





# Mill-Ħajja fid-Djoċesi

www.gozodiocese.org

Charles Spiteri





## In-Nunzju Appostoliku f'Dar Arka

In-Nunzju Appostoliku, Mons. Aldo Cavalli, għamel żjara uffiċjali f'Dar Arka f'Għajnsielem. Dar Arka toffri għadd ta' servizzi fejjieda lill-persuni bi ħtiġijiet speċjali. Hemmhekk, Mons. Cavalli ngħata merħba mill-Isqof ta' Għawdex, Mario Grech u minn Mons. Emmanuel Curmi, Direttur tal-Fondazzjoni Arka. In-Nunzju ħa din l-okkażjoni biex jitkellem ma' uħud mir-residenti u ma' membri tal-istaff. Barra minn hekk, hu seta' jara l-apparat speċjalizzat li jintuża f'dan ir-*Respite Centre*, il-*multi sensory studio, dark room, optimusic room, indoor heated pool, Jacuzzi* u *gym.*

## Għotja ta' Kurċifiss

Waqt konċelebrazzjoni fis-Santwarju Ta' Pinu, Mons. Isqof Mario Grech bierek Kurċifiss li ngħata lis-Santwarju minn missieru George u ħutu Peter, John, Carmel u Ġużeppi. Kurċifiss li fis-snin kien fid-dar tal-ġenituri tagħhom, il-mejtin George u Luigia Grech.

F'dan ir-ritratt tidher il-familja Ellul miż-Żurrieq, Malta, timmedita' quddiem il-Kurċifiss. Joseph (il-missier) Karen (l-omm) flimkien mat-tifel Andreas u t-tifla Anthea








## Viżta ta' Orjentazzjoni

Bħala parti mill-proċess għad-dħul fil-Form I fis-sena skolastika 2014 – 2015, l-istudenti tal-primarja fis-Sitt Sena tal-Kulleġġ ta' Għawdex, għamlu żjara ta' orjentazzjoni lis-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù. Il-ġenituri kienu mistiedna li jissieħbu ma' uliedhom għal din iż-zjara. Il-Kap tal-Iskola, il-Kan. Emmanuel Saliba u l-*Guidance Teacher*, Lilian Mizzi, permezz ta' *power-point presentation* fissru t-taqsim, l-organizzazzjoni u s-sistemi fl-Iskola Minuri tas-Seminarju. Wara, mbagħad, l-istudenti u l-ġenituri kienu mdawrin mad-diversi taqsimiet tal-iskola biex setgħu jaraw il-faċilitajiet li hemm.

## Dar Dun Franġisk Grima fin-Nadur



L-Isqof Mario Grech żar lill-anzjani f'Dar Dun Frangisk Grima fin-Nadur. F'diskors qasir, l-Arċipriet tan-Nadur Mons. Jimmy Xerri fisser kif din id-Dar qiegħda, kull nhar ta' Ħamis tintuża bħala Ċentru għall-Anzjani. L-Isqof Mario Grech stieden lill-anzjani biex ikunu attivi u jagħtu leħen lil dak li jolqothom u jagħmlu proposti. Saħaq fuq il-fatt li l-anzjani għandhom rwol importanti biex jgħaddu l-patrimonju, l-esperjenza tagħhom u t-twemmin lill-ġenerazzjoni żagħżugħa. Il-Kunsilliera Lokali, Josianne Cutajar xprunat id-diskussjoni fost dawk preżenti u ħarġu diversi suġġerimenti dwar kif għandha tintuża Dar Dun Franġisk Grima fil-ġejjieni.

L-Isqof t'Għawdex qal li l-Kurja tilqa' opportunitajiet biex tingħaqad ma' *stakeholders* oħra fi proġetti li jkunu ta' benefiċċju għas-soċjetà, bħalma hu l-każ fejn il-Kurja u l-Ministeru għal Għawdex qed jikkoperaw għall-ftuħ ta' residenza għall-anzjani f'Dar San Ġużepp, Għajnsielem. Il-laqgħa ntemmet fi spirtu ferrieħi b'xi rakkonti minn Joe Said dwar ir-raħal fl-imgħoddi, - rakkonti li ġabu daħka u tbissima fost dawk preżenti.



## Fjur t'Assisi

Il-komunità tal-Patrijiet Kapuċċini fil-Belt Victoria fakkret il-ħmistax-il sena mit-twaqqif tal-Kor "Fjur t'Assisi". Il-Kor taħt id-direzzjoni ta' Marita Cassar, ħa sehem f'celebrazzjoni liturġika ta' radd il-ħajr, immexxija mir-Rev. Gwardjan, Patri Godfrey Zarb. "Fjur t'Assisi" regolarment jieħdu sehem fil-Festival Marjan li, kull sena, jiġi organizzat f'Għawdex mill-Leġjun ta' Marija. Barra minn hekk, dan il-Kor kellu esperjenzi ta' parteċipazzjoni f'Assisi u fil-Ġermanja.

## Żjara ta' tħejjija

Il-Viżitatur Ġenerali, Patri Salvatore Ferro OFM, flimkien mas-Segretarju, Fra Antonio Iacono OFM, għamel żjara lill-Fraternità Franġiskana tal-Patrijiet ta' Sant Antnin f'Għajnsielem. Viżta bħal din issir kull sitt snin bħala tħejjija għall-Kapitlu elittiv. Din id-darba, il-Kapitlu se jsir f'Mejju li ġej meta jiġu eletti Superjuri ġodda għall-Provinċja Franġiskana f'Malta. Kemm dam Għawdex, Patri Ferro żar lill-Isqof t'Għawdex, Mario Grech, u lis-Sorijiet Klarissi fil-Kunvent tagħhom fir-Rabat.





## Tkompli l-Viżta Pastorali

Bħala parti mill-Viżta Pastorali fil-Parroċċa tal-Fontana, L-Isqof t'Għawdex, Mario Grech, żar l-Iskola Primarja tal-Victoria fejn jattendu t-tfal ta' din il-parroċċa. L-Isqof kellu opportunità jitħallat mat-tfal, jitkellem magħhom u jwieġeb għal xi mistoqsijiet li għamlulu.

**AGĦTI SEHMEK FIL-ĦAJJA TAL-PARROĊĊA TIEGĦEK**

# Ir-Randan: Mixja ta' Talb, Sawm u Karità

## *Omelija ta' Ras ir-Randan nhar l-Erbgħa, 5 ta' Marzu 2014 fil-Knisja Katidrali, ir-Rabat, Għawdex*



**Bħal fi żmien il-profeta Ġoel, illum ukoll fost il-popli jistaqsu b'riferenza għalina l-Insara: "Fejn hu Alla tagħhom?" (2:17). Ir-Randan huwa żmien providenzjali biex aħna nwieġbu għal din il-mistoqsija dwar fejn hu Alla tagħna!**

Imma biex inwieġeb għal din il-mistoqsija, irrid inkun naf min hu Alla tagħna. Għax għal xi wħud kif jgħid San Pawl **"alla tagħhom hija żaqqhom"** (Fil. 3,19). Mifnijin mill-mentalitá materjalista ta' żminijietna, uħud huma mhedijin biex jissodisfaw il-ħtiġijiet materjali u minħabba f'hekk jitraskuraw aspetti oħra importanti tal-ħajja. Ġesù avżana li l-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix imma b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla. L-eżerċizzju tas-sawm li l-Knisja tipproponilna matul ir-Randan għandu jgħinna nrawmu fina ċerta dixxiplina biex lil ġisimna ma nagħtuhx dak li jrid imma dak li għandu bżonn.

Oħrajn jaslu biex iqisu bniedem ieħor daqs Alla. Mhux darba jew tnejn il-bniedem neħħa lil Alla minn nofs u qiegħed lilu nnifsu! It-tqegħid tal-irmied fuq rasna f'Ras ir-Randan għandu tifsira profonda ħafna għax niftakru li trab konna u trab ser nerġgħu nsiru. Tassew miskin dak il-bniedem li ma jagħrafx li huwa ħlejqa li għandha l-bidu u t-tmiem!

Mela min hu Alla tagħna? Alla tagħna huwa dak li kellemna dwaru Ġesù Kristu: dak Alla li tant ħabb lid-dinja li taha lil Ibnu l-waħdieni biex kull min jemmen fiH isalva. Kif jiddeskrivih il-Profeta, Alla "huwa twajjeb u ħanin, tqil biex jinkorla, u kollu tjieba; u jisgħobbih għall-ħażen" (Ġoel 2,16). Fi kliem San Pawl "dak li ma kienx jaf x'inhu dnub, Alla għamlu dnub għalina" (2Kor 6.1), fis-sens li lil Ġesù li ma kellu ebda ħtija, Alla ppermettielu li jġarrab il-passjoni u l-mewt biex jifdina mid-dnub tagħna. Huwa għalhekk li fl-aħħar Ittra Pastorali tagħna l-Isqfijiet għamilna sejħa biex matul ir-Randan inġeddu l-laqgħa personali tagħna ma' Ġesù Kristu.

**Ġesù huwa l-Kelma Eterna li fil-milja taż-żmien saret laħam – "il-Verb sar bniedem u għammar fostna".** Għalhekk fir-Randan il-Knisja tagħmlilna sejħa qawwija biex niltaqgħu ma' din il-Kelma kemm bis-smiegħ jew il-qari attent tal-Iskrittura kif ukoll bis-sehem tagħna fil-prietki tal-Eżerċizzi li jkollna fl-erba' ġimgħat li ġejjin.

Għal mistoqsija dwar fejn jinsab Alla tagħna wieħed faċli jwieġeb li Alla qiegħed fit-tabernaklu jew fil-knisja. Forsi wieħed iwieġeb bir-risposta li tgħallimna fil-Katekiżmu: Alla jinsab fis-sema, fl-art u kullimkien! Imma ħasra jekk nillimitaw il-preżenza t'Alla għal dawn il-postijiet biss u ninsew li Alla jgħammar ukoll fil-qalba tal-qalb tagħna. Kull qalb umana hija tinda li tilqa' l-preżenza t'Alla! Il-qalb tal-bniedem għandha tieqa miftuħa fuq l-eternità. Għalhekk meta l-profeta jisħaq li għandna nċarrtu qlubna u mhux ilbiesna qiegħed jgħidilna biex nifthu qalbna mhux tant biex Alla jidħol fiha daqskemm biex aħna niskopru din il-preżenza ta' Alla fiha. Il-Knisja tistedinna biex matul ir-Randan infittxu ngħożżu aktar dawk il-waqtiet ta' talb għaliex fit-talb il-qalb tal-bniedem titkellem mal-Qalb ta' Alla. Għalhekk xieraq li f'dawn il-ġimgħat li ġejjin nippruvaw noħolqu ftit aktar spazju għat-talb kemm fil-programmi personali tagħna kif ukoll bħala familja.

**Ħafna drabi n-nies jistaqsu fejn hu Alla tagħna jekk kemm-il darba fil-ħajja tagħna ta' kuljum aħna nibqgħu lura milli nagħtu xhieda tat-twemmin tagħna fih jekk mhux ukoll ġie li nagħtu eżempji ħżiena.** Il-fidi mingħajr għemejjel hija fidi mejta. Jekk Alla qiegħed fejn hemm l-imħabba, in-nuqqas tal-imħabba jista' jkun indizju li Alla wkoll huwa assenti. Għalhekk l-għemejjel ta' karità li tistedinna nagħmlu l-Knisja matul ir-Randan huma għodda tajba biex min jara dawn l-għemejjel ikollu konferma li dak Alla li aħna nqimu huwa preżenti f'dak l-att ta' karità. Il-ġenerożità li nuru ma' min hu fqir u fil-bżonn hija manifestazzjoni ta' Alla li jħobb.

**Nitlob lill-Ispirtu t'Alla jieqaf magħna matul il-ġimgħat li ġejjin ħalli r-Randan bit-taħriġ ħelu li jipproponilna verament ikun mument ta' grazzja biex nagħrfu aħjar lil Alla. Din il-konverżjoni biex inkunu nsara awtentiċi neħtiġuha biex hekk inkunu nistgħu nagħtu xhieda għaliH fil-ħajja ta'kuljum.**

gozopress

• Offset & Letterpress Printing
• Graphic Design Studio

Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo
Tel: 2155 1534
Email: gozopress@onvol.net

# Papa Franġisku għandu 'Ħolma'!



Mons Anton Sultana

**Hekk il-ġurnal tal-Vatikan, "*L'Osservatore Romano*", tal-Ħamis, 28 ta' Novembru li għadda, beda l-kummentarju prinċipali fl-ewwel paġna tiegħu b'dawn il-preċiżi kelmiet: "*Papa Francesco ha un sogno*"! Il-ġurnal tal-Vatikan kien qiegħed iħabbar il-ħruġ tal-Eżortazzjoni Appostolika tal-Papa, "*Evangelii Gaudium*", (Il-Ferħ tal-Vanġelu) dokument twil, sorprendenti u eċċezzjonali li hu ried joffri lill-komunità Nisranija kollha fl-għeluq tas-Sena tal-Fidi, u li kif enfasizza huwa stess, "huwa dokument li għandu sinifikat programmatiku u konsegwenzi importanti" għall-Knisja kollha.(*par. 25*) Hawn jinsab il-qofol tal-pjan ta' Papa Franġisku u tal-ħsieb tiegħu, bid-dettalji kollha li jeħtieġ li jiġu applikati fil-prattika, għal riforma sħiħa imma ġenwina fil-missjoni tal-Evanġelizzazzjoni Ġdida tal-Knisja.**

## X' "ħolma" hi?

Il-"ħolma" ta' Papa Franġisku hi li jara l-Knisja ta' Kristu miexja bis-serjetà fit-triq tal-Vanġelu b'dik li huwa jsejħilha "**konverżjoni pastorali u missjunarja**", b'atteġġament personali u komunitarju li jkun kapaċi "jittrasforma" mill-qiegħ id-drawwiet, l-istili, il-lingwaġġ, l-istrutturi tal-Knisja, u jorjentahom lejn l-evanġelizzazzjoni vera u awtentika, aktar milli lejn "l-awtopreservazzjoni u l-ħarsien tat-tradizzjonijiet pastorali tagħha.."

Din "il-ħolma" ta' Papa Franġisku hija fiċ-ċentru tal-"*Evangelii Gaudium*" li ispirat mill-Ispirtu Qaddis fassal, kiteb u fisser, bla tlaqlieq u bla kantunieri, b'konvinzjoni u determinazzjoni, b'onestà, sempliċità u kuraġġ, f'224 paġna, f'ħames kapitli differenti b'288 paragrafu, li fihom jiġbor il-frott tas-Sinodu tal-Isqfijiet dwar "L-Evanġelizzazzjoni Ġdida għat-trażmissjoni tal-Fidi", li kien sar fil-Vatikan mis-7 sat-28 ta' Ottubru 2012.

Imma jidher ċar u evidenti li Papa Franġisku għandu intenzjoni ferm aktar profonda u qawwija minn dik indikata mill-padri sinodali. Dak li l-Papa qed joffri lill-Knisja Universali, lill-insara kollha, huwa dokument li jeżiġi impenn serju fuq programm mhux biss duttrinali u kateketiku imma wkoll prattiku u dinamiku, fuq kull livell ġerarkiku mill-Papa nnifsu 'l isfel (*ara paragrafi 25 – 33, taqsima II tal-ewwel kapitlu*). U dan kollu u aktar għat-trasformazzjoni (bidla) tal-Knisja b'viżjoni "**missjunarja**" u "**evanġelika**".

Il-Papa jgħidilna li b'din l-Eżortazzjoni jixtieq jindirizza stedina lill-fidili Nsara kollha biex jidħlu b'ħeġġa "f'linja evanġelizzatriċi ġdida" immarkata bil-ferħ tal-Vanġelu biex jinstabu toroq ġodda għall-mixja tal-Fidi fis-snin li ġejjin, billi jagħrfu jgħixu fi "**stat permanenti ta' missjoni**" fi Knisja missjunarja, mhux Knisja trijonfalista magħluqa fis-siġurtà tagħha. Din l-istedina hija intiża biex nerġgħu nsibu "*la freschezza originale del Vangelo*", u hekk din "il-ħolma missjunarja" tiegħu twassal lil kulħadd f'laqgħa "personali ma' Ġesù Kristu".*(par. 3)*

## "Fażi Ġdida ta' Evanġelizzazzjoni"

Hekk isejħilha l-Papa "il-ħolma" tiegħu, waqt li jippreżenta xi *guide-lines* lil kull fergħa tal-Knisja, biex tkun immarkata mhux bil-biża' jew qtiegħ ta' qalb, imma "b'entużjażmu u vitalità" *(par.17)*. U għalhekk ġibed fit-tul biex, fuq il-bażi tat-tagħlim tal-Kostituzzjoni Dommatika "*Lumen Gentium*" tal-Konċilju Vatikan II ifisser kif għandha tkun fil-prattika din il-gwida li offrilna, fir-riforma tal-Knisja :

a. fil-ħidma missjunarja "lejn kulħadd"
b. fit-tentazzjonijiet tal-bruda pastorali
c. fil-Knisja bħala "Poplu t'Alla"
d. fil-preparazzjoni tal-omeliji u l-predikazzjoni
e. fl-importanza lejn il-foqra fis-soċjetà
f. fid-djalogu għall-paċi u l-ġustizzja soċjali
g. fil-motivazzjoni spiritwali u missjunarja.

Skont Papa Franġisku din l-Eżortazzjoni mhix xi "trattat estensiv" imma mod ġdid biex ikollna triq ċara kif fil-prattika għandna nimxu 'l quddiem u mhux lura fil-missjoni tal-Knisja llum, "bi stil definit ta' evanġelizzazzjoni f'kull ħidma li nagħmlu, **b'konverżjoni meħtieġa f'kulħadd**, f'kull qasam tal-ħajja pastorali, fil-Knisja Universali nnifisha, ibda mill-parroċċa, fl-Għaqdiet, fil-Komunitajiet, f'kull istituzzjoni, moviment jew assoċjazzjoni tal-Knisja, inklużi kull djoċesi, l-Isqfijiet u anki l-Vatikan u l-Papa nnifsu *(par.25 – 33)*.

Minn dawn l-oqsma ekkleżjastiċi kollha li semmejt, forsi l-aktar li jinteressa lill-qarrejja tagħna hija l-Parroċċa *(par. 28)* X'jgħid il-Papa?

## X'inhi tassew il-Parroċċa?

Jew aħjar, kif jixtieq u jrid li tkun kull parroċċa l-Qdusija Tiegħu Papa Franġisku? Skont paragrafu 28 ta' din l-Eżortazzjoni Appostolika, li ser tibqa' gwida famuża għal-lum u għas-snin li ġejjin, kif għandha tkun il-parroċċa biex tassew tkun "evanġelizzata" u "evanġelizzatriċi" fil-ħajja tal-Knisja?

**"Il-parroċċa m'għaddhiex żmienha,"** jgħidilna l-Papa. "Anzi, preċiżament għaliex din l-istituzzjoni għandha flessibbiltà kbira, il-parroċċa tista' tassumi ċerti kontorni u responsabbiltajiet differenti; dan jiddependi fuq l-apertura u l-kreattività missjunarja tal-kappillan u tal-komunità



parrokkjali. Għalkemm ċertament mhix l-unika istituzzjoni li tevanġelizza, jekk il-parroċċa turi li hi kapaċi twettaq it-tiġdid fiha nfisha u fit-territorju tagħha, u jekk hi tagħraf taddatta ruħha f'kontinwità pastorali soda, **"il-parroċċa tista' tkompli tkun il-Knisja ħajja li tgħix u tikber f'nofs id-djar ta' wliedha, subien u bniet"**, kif kien qal Papa Ġwanni Pawlu II fl-eżortazzjoni appostolika tiegħu "*Christifidelis Laici*" tat-30 ta' Settembru 1988, f'paragrafu 26.

B'dan il-kliem ċar, Papa Franġisku ried jurina li għandu fiduċja kbira fil-missjoni tal-parroċċa anki jekk żgħira fil-popolazzjoni. Imma jkompli jwissi u jiġbed l-attenzjoni li "dan jippresumi li verament il-parroċċa qiegħda tkun f'kuntatt reali mad-djar u mal-ħajjiet tal-parruċċani u abitanti tagħha u li ma ssirx biss struttura inutli u bla relazzjoni stabbli mal-poplu kollu. **Il-parroċċa m'għandhiex tkun sempliċiment grupp elitista ta' ftit nies magħżulin u maqtugħin għal rashom li jassorbu lilhom infushom u jagħlqu l-bibien għal tant oħrajn madwarhom."** Fi kliem ieħor, il-parroċċa mhix tassew parroċċa jekk tkun iddominata mill-esklużjoni pastorali preferenzjali ta' ftit individwi magħluqa għall-evanġelizzazzjoni ta' kulħadd. Fi bnadi oħra tal-"*Evangelii Gaudium*", Papa Franġisku jinsisti fuq "**Knisja missjunarja bil-bibien dejjem miftuħa.**" *(ara l-artiklu ta' Mons. Salv Grima fir-rivista "Il-Ħajja f'Għawdex" ta' Frar 2014, pp. 10 – 11, paragrafi 46 – 49)*

## Viżjoni Pożittiva u Attiva

X'ħolma sabiħa għandu l-Papa fuq il-ħidma pastorali-missjunarja fil-parroċċi kollha tagħna; din hi l-mediċina ġusta biex jitrażżan u forsi wkoll jinqered is-sens żbaljat ta' parrokkjaliżmu trijonfalistiku li f'pajjiżna tant għadna morda bih, speċjalment fl-ossessjoni pikuża ta' festi kbar, bl-infiq eżaġerat ta' somom kbar ta' flus fid-duħħan meta hemm miljuni ta' foqra li qegħdin imutu għal-loqma ħobż! *(ara par.43 u 53)*

Inkomplu naraw fl-istess paragrafu 28, x'viżjoni għandu l-Papa dwar il-parroċċa **tassew attiva mhux fil-ħmerijiet imma fl-essenza**: "Il-parroċċa hija l-preżenza tal-Knisja f'territorju determinat, b'ambjent imħeġġeġ għas-smigħ tal-Kelma t'Alla, għat-tisħiħ u t-tkattir tal-valuri Nsara, għad-djalogu u l-proklamazzjoni (tal-*Kerygma*), għall-opri ta' karità Nisranija, għat-talb, qima u ċelebrazzjoni liturġika... Il-parroċċa hija wkoll ħajja u attiva meta tinkoraġġixxi u tħarreġ lill-membri tagħha biex isiru evanġelizzaturi; hija komunità tal-komunitajiet (familji, għaqdiet reliġjużi, movimenti ta' appostolat jew spiritwalità); hija santwarju fejn dawk li huma bil-għatx jistgħu jiġu jixorbu l-verità, il-ħniena t'Alla u l-imħabba fraterna fil-mixja tal-vjaġġ diffiċli ta' ħajjithom; **il-parroċċa għandha tkun iċ-ċentru kontinwu ta' ħidma missjunarja fit-territorju tagħha stess..."**

U donnu b'dispjaċir kbir, Papa Franġisku jissokta jistqarr: "Ikollna nammettu, madankollu, li s-sejħa biex nirrevedu u nġeddu l-parroċċi tagħna qisha ma kinitx biżżejjed (jew ma ngħatatx widen biżżejjed) biex il-parroċċi jersqu aktar qrib tal-ħajja tal-poplu, biex isiru tassew ambjenti ta' komunjoni ħajja u parteċipazzjoni attiva, **biex kull parroċċa ssir tassew komunità qawwija ta' fidi u mħabba b'orjentament missjunarju."**

Dawn l-aħħar versi minn paragrafu 28 fuq il-parroċċa huma qarsa! Ikollna aħna wkoll nammettu li għadna lura ħafna minn din il-viżjoni, dan l-ideal sabiħ li nsibu f'din "il-ħolma" tal-Papa għall-ħajja Nisranija ġenwina fil-parroċċi tagħna. Forsi għaliex, kif qal il-Papa f'paragrafu 25, li jgħodd ukoll għat-tmexxija tal-parroċċi: "Nittama li l-komunitajiet kollha jiddedikaw **aktar sforzi u enerġija biex jimxu 'l quddiem fit-triq tal-konverżjoni pastorali u missjunarja, triq ġdida li ma tistax tippermetti li l-affarijiet jibqgħu sejrin kif inhuma sejrin!** Amministrazzjoni anki tajba ma tistax tkun biżżejjed! Mad-dinja kollha jeħtieġ li nkunu "**fi stat permanenti ta' missjoni għal Kristu.**"

Tgħid din "ħolma fiergħa" ta' Franġisku?!

***Errata Corrige***

L-artiklu, "*L-Effett tal-Emigrazzjoni fuq Għawdex f'dawn l-Aħħar Snin*" li deher fil-ħarġa ta' Marzu 2014, paġni 16 – 17, hu miktub minn Dr Rose Marie **Azzopardi.**



Niskużaw ruħna għal din l-isvista.

# X'għadda minn għalina



Charles Spiteri



Photo - DOI - Jeremy Wonnacott



Photo - DOI - Jeremy Wonnacott



Photo - DOI - Jeremy Wonnacott

## L-Ewwel Żjara tal-E.T. Marie Louise Coleiro Preca, President ta' Malta

L-E.T. is-Sinjura Marie Louise Coleiro Preca, President ta' Malta għamlet l-ewwel żjara tagħha f'Għawdex nhar- is-Sibt, 5 ta' April, eżattament l-għada li ħadet il-ġurament. Kulfejn marret f'Għawdex, il-President intlaqgħet b'ferħ u b'rispett mill-Għawdxin. Hija nawgurat *Dar Emmaus* fil-Belt Victoria – dar li se sservi ta' kenn lill-persuni vittmi ta' vjolenza domestika. Waqt iż-żjara tagħha f'*Dar Arka,* l-E.T. il-President attendiet għall-Quddiesa ċċelebrata mill-Isqof Mario Grech. *(ara ritratti)* Presenti għall-Quddiesa kien hemm il-Ministru għal Għawdex, Anton Refalo u l-membri Parlamentari Għawdxin miż-żewġ naħat tal-Kamra, x'uħud mir-residenti u membri tal-istaff tal-*Arka,* kif ukoll diversi sostenituri ta' din l-inizjattiva fejjieda. *(ara wkoll Dokumentazzjoni).*



## Attività ta' Wirt Għawdex

L-ornitologu magħruf Joe Sultana, f'taħdita organizzata minn Wirt Għawdex fil-Kappella ta' Santa Ċeċilja, tkellem dwar *"Nature Sites in Gozo".* Hu fisser u elabora dwar l-osservazzjonijiet u studji tiegħu b'ritratti uniċi tal-*flora* u *fauna* Għawdxija. Fost il-lokalitajiet naturali li ddeskriva kien hemm ir-Ramla, id-Dwejra, l-irdum ta' Ċenċ u Wied Ħanżira. Joe Sultana hu ambjentalist u awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet dwar Għawdex. Fil-konklużjoni tat-taħdita tiegħu, hu appella biex napprezzaw aktar u nagħtu ħarsien kontinwu lis-sbuħija naturali tal-gżira tagħna.





## Għawdxija Oħra tagħlaq 100 Sena

Fit-13 ta'Marzu, Roża Mizzi ċċelebrat il-100 sena età b'quddiesa u riċeviment fid-dar tagħha f' Xjuf ir-Riħ, in-Nadur. L-Isqof Mario Grech ikkonċelebra quddiesa mal-Arċipriet tan-Nadur, Jimmy Xerri u Dun Karm Portelli.

In-neputijiet tagħha allegraw ir-riċeviment billi fformaw orkestra żgħira għall-okkażjoni.

Roża hija mwielda Għajnsielem, iżda għexet għal dawn l-aħħar 60 sena fin-Nadur.

## Ġemellaġġ Naturali

Is-Sindku ta' Pachino fi Sqallija, Paolo Bonaiuto, għamel żjara uffiċjali fix-Xewkija, fejn iltaqa' mas-Sindku Paul Azzopardi, biex sar ftehim ta' ġemellaġġ bejn iż-żewġ lokalitajiet ta' Pachino u tax-Xewkija. Il-Ministru għal Għawdex, Anton Refalo, ta s-sostenn tal-Ministeru tiegħu għal din l-inizjattiva.

Kien Dr Ray Bondin li ta l-bidu għall-kuntatti bejn il-Kunsilli ta' dawn iż-żewġ lokalitajiet wara li studji minn Arnold Cassola u Joseph Bezzina skoprew li fost l-erbgħin familja li, fl-1760, kienu fundaturi ta' Pachino, x'uħud minnhom kienu ġejjin mix-Xewkija. Għall-okkażjoni kien inawgurat il-ktieb "*Malta Pachino*" ta' Arnold Cassola u Silvio Aliffi.



## Arkeoloġija fil-Belt Victoria

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria nieda proġett ta' *Ground Penetration Radar Scanning* bil-għan li jkunu magħrufin il-fdalijiet arkeoloġiċi li hemm taħt Pjazza Indipendenza (It-Tokk) fir-Rabat. Hu mifhum li wara li toħroġ din il-mappa arkeoloġika, ikun jista' jsir it-tħaffir manwali. Dan il-proġett qed isir bl-għajnuna ta' fondi mill-Unjoni Ewropea.

Fis-snin sittin tas-seklu l-ieħor, meta fit-Tokk kienu għaddejjin xogħlijiet infrastrutturali, kienu nstabu xi fdalijiet arkeoloġiċi. L-arkeologu magħruf, Dr David Trump kien dak iż-żmien mexxa t-tiftix f'gandott li kien tħaffer fuq żewġ naħat tal-misraħ. Fost l-oġġetti misjuba kien hemm żewġ lampi taż-żejt ta' żmien ir-Rumani u fuħħar minn amfori għall-inbid. Dan il-gandott li kien jinżel tliet metri u nofs, kixef serje sħiħa ta' strati kulturali, xhieda ta' fażijiet diversi ta' ċiviltà f'dan iċ-ċentru tar-Rabat.

Is-Sindku tal-Belt Victoria, Samuel Azzopardi qal li l-iskop aħħari tar-*Radar Scanning* hi li l-fdalijiet taħt Pjazza Indipendenza jsiru magħrufin u jkunu mħarsa għall-futur.







## Jum L-Isports

Nhar l-Erbgħa, 12 ta' Marzu, kien Jum l-Isports għall-istudenti fl-Iskejjel Primarji tal-Knisja f'Għawdex. L-istudenti ħadu sehem fi program varjat ta' attivitajiet fil-*Gozo Sports Complex*. Fit-tmiem tal-logħob, l-Isqof t'Għawdex, Mario Grech, ta medalji sportivi lit-tfal kollha li ħadu sehem.

## "Il-Kelma ta' Ġesù tagħti l-ħajja lill-bniedem" – L-Isqof Grech

"Il-kelma ta' Ġesù mhix kelma li ssallab lill-bniedem, imma li tagħtih il-ħajja". Hekk qal l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech fi tmiem il-Via Sagra Djoċesana li nżammet il-bieraħ il-Ħadd (6 ta' April) fil-għaxija fuq l-Għolja Ta' Għammar, quddiem is-Santwarju Ta' Pinu f'Għawdex.

Il-meditazzjonijiet ta' din is-sena kienu meħudin mid-diskorsi u l-omeliji tal-Papa Franġisku, u huma ppubblikati fi ktejjeb li jista' jinkiseb mis-Santwarju.

Fil-mixja matul l-erbatax-il stazzjon tul it-triq li tieħu għal fuq l-għolja tant popolari mal-pellegrini, l-Isqof Grech kien akkumpanjat mill-kappillani Għawdxin flimkien ma' għadd ta' saċerdoti u nsara tad-Djoċesi. L-istatwi ta' l-irħam li jirrappreżentaw il-mixja tat-tbatija li Ġesù mexa lejn il-Kalvarju għall-okkażjoni kienu mixgħula bi dwal differenti. Il-qari tal-meditazzjonijiet kien jalterna ma' kant mill-Kor *Stella Maris* (dir. Carmel P. Grech) u mill-kantant popolari Mario Caruana.

F'talba spontanja qabel ta l-Barka Ewkaristika fi tmiem il-*Via Crucis*, l-Isqof Grech talab biex il-Kelma Msallba – b'riferenza għal Kristu – issib fina art tajba f'dawn il-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa li ġejjin fuqna ħalli, kif jgħid l-Appostlu Pawlu, aħna wkoll insiru kelma miktuba fiż-żmien tal-lum. "Inkella bħala Knisja nirriskjaw li l-kliem tagħna jibqa' vojt u rħis u ma jolqotx il-qlub", temm jgħid l-Isqof.





*Ritratti: Joseph Xuereb*

Il-Via Sagra kienet imxandra dirett fuq Radju Marija u rrekordjata wkoll minn stazzjon tat-televiżjoni lokali.









### "Two of a Kind"

Sue Nightingale u Rachel Galea dan l-aħħar esibixxew flimkien xi xogħlijiet artisti riċenti tagħhom, f'wirja li nżammet fil-Banca Giuratale, Victoria. Il-wirja bl-isem "*Two of a Kind*" ressqet żewġ temi lejn xulxin. Waqt li l-pittura ta' Nightingale tosserva u teżalta "żiemel", dik ta' Galea toħroġ espressjonijiet differenti ta' panorama.

### "Deus Caritas Est"

Dan hu l-isem ta' wirja ta' xogħlijiet artistiċi fil-pittura li nżammet fis-Sala tal-Wirjiet tal-Ministeru għal Għawdex matul il-jiem tar-Randan. L-għadd ġmielu ta' kwadri, minn Marie Rose Saliba u bintha Laura, miż-Żebbuġ, jiżvolġu temi dwar l-imħabba t'Alla, il-flaġell tal-ħażen u l-istorja tas-salvazzjoni li Alla ħejja għall-bniedem.



*Loraine Borg Group Scout Leader, Antoine Spiteri Beaver Scout Leader, Steven Sultana Cub Scout Leader, Josmar Azzopardi Scout Leader. Isfel: Abigail Pace beaver tas-sena, Christiana Pisani cub tas-sena, Andre Cassar scout tas-sena*



*Prezentazzjoni tal-ktieb dwar il-50 sena tal-Victoria Scout Group lil Lorraine Borg (Group Scout Leader) mill- Kummissarju tad-Distrett, Lorrie Saliba.*

### Laqgħa Ġenerali Annwali

Ix-*Xagħra Scout Group* dan l-aħħar kellhom il-Laqgħa Ġenerali Annwali. Wara l-qari tas-soltu rapporti annwali minn Lorraine Borg (*Group Scout Leader*), Paul Azzopardi (*chairperson HQ Committee*), Doris Sultana (*Chairperson Group Committee*) u Helen Muscat (Kaxxiera), il-laqgħa kienet animata minn kant u għana u wiri ta' filmati dwar l-attivitajiet li l-Grupp kellu matul is-sena 2013. Kienu wkoll ippremjati l-aħjar *Beaver Scout,* l-aħjar Skawt u l-aħjar *Cub* tas-sena.

Il-kummissarju tad-Distrett, Lorrie Saliba ppreżenta lix-*Xagħra Scout Group*, il-pubblikazzjoni li tikkommemora l-50 sena tal-*Victoria Scout Group.* Preżenti għal-laqgħa kien hemm is-Sindku tax-Xagħra, Joe Cordina.

# Anniversarji u Tifkiriet



Franco Masini

**Matul dis-sena l-pajjiż ser ifakkar erba' anniversarji importanti ħafna fl-istorja ta' Malta. Huma anniversarji ta' ġrajjiet politiċi nazzjonali li fissru tibdil importanti immens fil-kamp politiku ta' pajjiżna. Il-ksib tal-Indipendenza, it-twaqqif tar-Repubblika, l-Ħelsien minn forzi armati ta' pajjiż barrani u d-dħul fl-Unjoni Ewropea kienu jfissru għal pajjiżna mhux biss progress kostituzzjonali iżda t-teħid ta' postna fil-komunità internazzjonali bħala pajjiż liberu u sovran.** Għalhekk huwa ħafna importanti li dawn l-anniversarji jibqgħu isiru sabiex il-Maltin u l-Għawdxin kollha, speċjalment iż-żgħażagħ japprezzaw dak kollu li wettqu missirijiethom biex Malta tieħu dak li għal ġenerazzjonijiet sħaħ ħadmu għalih dawk li ġew qabilna.

Ta' min ifakkar is-sehem li kellhom l-Għawdxin fil-ksib ta' dak li qed jiġi ċċelebrat dis-sena. Jekk nibdew mill-Indipendenza li pajjiżna kiseb ħamsin sena ilu rridu infakkru li erbgħa mill-ħames deputati Għawdxin fil-Parlament kienu vvutaw għall-indipendenza ta' Malta bil-kostituzzjoni proposta li kienet ġiet konfermata fir-Referendum li kien sar. Dawn id-deputati kienu t-Tabib Anton Tabone, il-Prokuratur Legali Marċell Mizzi, Coronato Attard u Carmelo Refalo. Fir-Referendum Għawdex kien ta wkoll il-kunsens tiegħu billi l-maġġoranza kienet ivvutat iva fl-għaxar distrett.

Għaxar snin wara l-Indipendenza, Malta akkwistat l-istat Repubblikan tagħha meta ġiet ivvutata l-Kostituzzjoni Repubblikana f'Diċembru tal-1974. Dan l-avveniment kien ifisser illi Malta għad li ġa kienet sovrana, taqta' darba għal dejjem kull dipendenza anke dik simbolika minn min kien ħakimha fil-passat. F'din l-okkażjoni wkoll l-Għawdxin fil-Parlament taw sehemhom peress li f'dik is-seduta deċiżiva d-deputati Għawdxin kollha vvutaw għal din il-Kostituzzjoni. Insemmuhom ukoll għax jixirqilhom li jibqgħu jissemmew fl-annali ta' pajjiżna. Il-ħames deputati kienu Coronato Attard, Anton Tabone, Amabile Cauchi, Kelinu Galea u Anġlu Camilleri.

Fl-1979 ingħalqet il-bażi militari Ingliża u l-forzi armati Brittaniċi telqu lill-pajjiżna wara li ntemm l-arranġament li kien intlaħaq magħhom mill-Gvern Malti fl-1972. Jum il-Ħelsien kien ċelebrat fil-31 ta' Marzu 1979 u dan jimmarka l-ġrajja li pajjiżna beda' triq ġdida mingħajr preżenza ta' truppi barranin f'pajjiżna. Ma kien hemm l-ebda referendum jew elezzjoni biex jintlaħaq dan l-avveniment.

Fl-2003 Malta vvutat permezz ta' Referendum fuq is-sħubija fl-Unjoni Ewropea. Ir-Referendum li sar f'Marzu ta' dik is-sena ta konferma ċara li l-poplu ried li Malta ssir membru ta' din l-assoċjazzjoni ta' pajjiżi. Hawn ukoll il-vot



Għawdxi kien pożittiv ukoll u dan kollu ġie kkonfermat fl-elezzjoni ġenerali li saret ftit ġimgħat wara. Ftit ġranet wara l-elezzjoni l-Prim Ministru Fenech Adami mar Ateni fejn iffirma t-trattat ta' adeżjoni. Fl-2004 id-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea kien ifisser li wara tant snin ħadna postna fi ħdan din l-għaqda.

Kif għidna dawn huma avvenimenti importanti ħafna fl-istorja ta' pajjiżna u huwa xieraq ħafna li jiġu kkommemorati b'festi kbar. **Iżda hemm anniversarju importanti ħafna għalina l-Għawdxin li mhux ser jiġi ċelebrat b'mod nazzjonali. Dan huwa l-150 sena mit-twaqqif tad-Djoċesi Għawdxija. Dan l-avveniment importanti jixraq li jiġi ċċelebrat b'mod kbir u dinjituż almenu minna l-Għawdxin għax jimmarka mument fl-istorja pluri-millenarja ta' gżiritna fejn almenu fil-kamp ekkleżjastiku lħaqna ċertu livell ta' awtonomija.** L-istorja importanti ta' dawn il-150 sena jixirqilha li tibqa' tiġi mfakkra. Il-Knisja Għawdxija tat ħafna frott minn kemm ilha mwaqqfa. In-numru ta' missjunarji Għawdxin, in-nies kbar li żejnu din il-Knisja inkluż mill-anqas tnejn li bdew it-triq lejn il-kanonizzazzjoni huma xhieda ħajja ta' dak li wettqet il-Knisja f'dawn il-150 sena.

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop. Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
*Appointments for*
*EYE TESTING / EXAMINATION*
*by the Latest Computer Technology*
*and Eye Specialists*
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

# Nifirħu mas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù



notamenti mill-
**Kav. Joe M. Attard**

Kien fil-festa ta' Sant Anjese, li xi ħadd ċempilli u qalli: 'Mintix tisma' din il-mota ferrieħa!' Mill-ewwel ħriġt fejn il-bieb ta' barra u smajt il-qniepen idoqqu ferreħija u staqsejt ir-raġuni ta' dan kollu u sirt naf li dawk l-ilsna tal-qniepen kienu qed iwasslu l-aħbar sabiħa li *'l-eżitu tal-vot mill-Kongregazzjoni tal-Kawża tal-Qaddisin f'Ruma dwar il-virtujiet erojċi tal-Qaddejja t'Alla Madre Margerita Debrincat kien wieħed* ***pożittiv*** *u allura kien jonqos biss issa li l-Papa Francesco jiffirma d-digriet uffiċjali li bih jiddikjaraha Venerabbli.'*

Bla dubju ta' xejn din l-aħbar li konna ilna nistennew u li tant kienet mixtieqa għandha tferraħna bi sħiħ, iktar u iktar lilna l-Għawdxin għaliex din il-mara twajba, Fundatriċi tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, hija Għawdxija bħalna bl-għeruq u x-xniexel, imwielda fir-raħal ta' Kerċem, tefgħa ta' ġebla bogħod mill-Belt Victoria u mgħammda fil-Knisja Bażilika ta' San Ġorġ Megalomartri. Dik li hija magħrufa bħala l-*Casa Madre* għadna nsibuha fi Triq Palma, Victoria. Kien faċċata ta' dan il-kunvent li jien twelidt u għext l-ewwel snin ta' ħajti u rċevejt l-ewwel tagħlim tiegħi, bħalma żgur għamlu ħafna tfal tampari li żgur jiftakru lil Sister Spiridiona, lil Swor Susanna, lil Swor Fedele, (tal-ewwel għalliema tiegħi, u t-tnejn l-oħra kienu jieħdu ħsieb il-knisja) fost tant oħrajn li llum marru jiltaqgħu mal-Fundatriċi fil-glorja tas-Sema. Kemm kien żmien sabiħ dak ta' 60 sena ilu u kif ma jergax jiġi lura! B'xorti tajba oħti l-kbira wkoll tagħmel parti minn din il-Kongregazzjoni li llum il-ġurnata tinsab imferrxa mal-erbat irjieħ tal-globu u l-ġid li qed twettaq fost tant popli, morda u indiġeni, Alla biss jista' jqisu! Nitolbu biex il-Mulej jissokta jagħtina iktar reliġjużi li jkomplu jedukaw u jressqulu l-erwieħ! Hawnhekk inħeġġu lil kulħadd biex ikompli jitlob biex fi żmien mhux 'l bogħod naraw jissokta miexi fuq l-istess passi ta' din oħtna, ruħ twajba oħra, dik tas-saċerdot umli u twajjeb Dun Mikiel Attard min-Nadur.

Intant wara din l-aħbar sabiħa, issa jkun imiss li nitolbu lil din il-Venerabbli biex hekk kif jiġi ddikjarat l-ewwel miraklu bl-interċessjoni tagħha, din il-Madre mill-ewwel tkun iddikjarata Beata u bil-mod il-mod narawha wkoll meqjuma fuq l-altari tagħna bħala Qaddisa. O x'ferħ kbir iġarrab Għawdex dakinhar, jara lil waħda minn uliedu fost ix-Xirka tal-Qaddisin, din il-gżira ċkejkna li mank tikser it-tletin elf ruħ! Tgħid inkun għadni hawn! Hawnhekk ta' min isellem il-memorja tal-Isqof Emeritus Monsinjur Nikol Cauchi li



kien hu li f'Lulju tal-1988 beda l-proċess għall-Beatifikazzjoni ta' din l-Għawdxija u li kien magħluq f'Jannar tas-sena 2000 wara li d-dokumenti kollha kienu twasslu lill-Kongregazzjoni tal-Qaddisin f'Ruma mill-Postulatur Ġenerali Patri Luca De Rosa ofm.

Intant dan l-aħħar Kummissjoni ta' Kardinali u Isqfijiet fi ħdan il-Kongregazzjoni tal-Kawżi tal-Qaddisin kif issoltu jsir, iltaqgħet f'sessjoni ordinarja biex tat ġudizzju dwar jekk il-Papa għandux jiddikjara lill-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita Debrincat, bint id-Djoċesi ta' Għawdex, bħala Venerabbli. Dik is-sessjoni tmexxiet mill-Kardinal James M. Harvey u għaliha kien preżenti l-Postulatur tal-Kawża Patri Gianni Califano OFM.

Dak il-vot dwar il-virtujiet erojċi ta' Madre Margerita sar fuq il-proposti mogħtija minn Kummissjoni ta' disa' konsulturi teoloġi f'April tas-sena 2013. L-eżitu tal-vot kien wieħed pożittiv u għalhekk il-Kongregazzjoni ressqet ir-riżultat tal-vot tagħha quddiem il-Qdusija Tiegħu u issa sar magħruf li fuq parir tal-istess Kongregazzjoni, li l-Q.T. il-Papa Francesco ffirma d-Digriet Uffiċjali li bih iddikjara lil Madre Margertita Debrincat bħala **Venerabbli.** Kif għidt iktar 'l fuq, f'dan l-istadju issa jkun jonqos biss l-approvazzjoni ta' miraklu bl-interċessjoni tal-Venerabbli De Brincat biex hi tiġi ddikjarata Beata.

Matul Velja ta' talb li nżammet hekk kif din l-aħbar waslet fuq xtutna, fil-knisja tas-Sorijiet Franġiskani fi Triq Palma Victoria, fejn kif tafu tinsab il-Casa Madre, li fiha għexet għal tant snin u wara mietet Madre Margerita, u fejn tinsab midfuna, l-Isqof t'Għawdex Monsinjur Mario Grech sejjaħ lil din il-Qaddejja t'Alla bħala *vulkan li jarmi enerġija umana u evanġelika* u żied jgħid li *dan huwa jum storiku għall-Knisja f'Għawdex,* għaliex għall-ewwel darba fl-istorja, bint id-Djoċesi t'Għawdex tinsab hekk fil-qrib tal-glorja tal-altari. Għal min ma jafx, l-Isqof Mario Grech trabba u kiber f'ta' Kerċem fejn serva wkoll għal xi żmien bħala Kappillan.

*(ara wkoll id-Dokumentazzjoni, p.2 fis-Suppliment)*

# Viżjoni għat-Turiżmu f'Għawdex



**Paul Scicluna**
*Chairman Gozo Tourism Association*

**Nibda biex nilqa' b'sodisfazzjon l-aħbar li ħarġet f'dawn il-jiem li l-Università prestiġjuża "Queen Mary" ta' Londra għażlet lil gżiritna biex tiftaħ skola medika ġdida fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex. Għal dan il-għan għadu kif ġie ffirmat ftehim bejn il-Ministeru tas-Saħħa u l-Edukazzjoni ma' din l-iskola medika li hi waħda mill-aqwa li hemm fir-Renju Unit. Bla dubju ta' xejn dan hu vot ta' fiduċja fl-amministrazzjoni tal-isptar, l-ispeċjalisti, dentisti, tobba, l-infermieri u l-ħaddiema.**

Din ser tkun niċċa oħra li ser tiġbed lejn pajjiżna speċjalisti u riċerkaturi mis-settur mediku. Minbarra pazjenti lokali dan l-isptar ħa jkun jista' jakkomoda ukoll, pazjenti Maltin u barranin. Barra mill-pajjiż kollu, definittivament is-settur turistiku wkoll ser jigwadanja minn din l-attività medika għax il-pazjent ma jiġix waħdu iżda jkollu miegħu l-familjari li jistgħu joqgħodu hawn anke għal żmien il-konvalixxenza. Konvint li l-awtoritajiet ser jagħmlu minn kollox biex dan il-ftehim jitwettaq fl-iqsar żmien possibbli, u din għandha, kif diġà għedt, tkun niċċa oħra ta' suċċess fil-kullana ta' niċeċ speċjalizzati li Għawdex tagħna għandu bżonn biex jiġi sostnut.

**Aħbar oħra riċenti li tinteressana direttament, hi dwar l-istudju li qed isir bħalissa biex iċ-Cittadella t'Għawdex tiġi inkluża fil-lista ta' siti storiċi mondjali. Grazzi għall-investiment kbir permezz ta' fondi mill-Unjoni Ewropea li sar f'dawn l-aħħar snin biex din il-fortifikazzjoni setgħet tibda tiġi restawrata u llum qed titgawda ferm aktar milli kienet qabel. Sadanittant ilkoll napprezzaw il-potenzjal ta' dan il-monument uniku li għandna f'pajjiżna li jiġbed l-ammirazzjoni ta' kull min iżuru. Iċ-Ċittadella flimkien mat-tempji PreiStoriċi tal-Ġgantija u t-tieqa pittoreska tad-Dwejra huma ta' attrazzjoni mondjali u l-gżejjer Maltin għandhom japprofittaw mill-pubbliċità ta' dawn is-siti uniċi.**

Jumejn ilu attendejt għall-konsultazzjoni pubblika li saret mill-Ministru tat-Turiżmu u Segretarju Parlamentari għall-Kultura u bqajt impressjonat bil-ħidma estensiva li qed issir għal meta l-Belt Valletta ser isservi ta' Belt Ewropea tal-Kultura fis-sena 2018. Dan hu titlu prestiġjuż li jirrifletti l-wirt kulturali u rikk ta' dan il-kapulavur ta' pajjiżna. Nittama li Għawdex jidħol ukoll fil-kalendarju u jgawdi minn din l-esperjenza unika, meta d-dinja kulturali ser tkun iffukata fuq pajjiżna. Ejjew inkomplu nippreparaw u naħdmu ħalli pajjiżna jkun verament vetrina għal dan l-avveniment tant mistenni.

Mingħajr dubju ta' xejn it-turiżmu hu l-akbar industrija li hawn Malta u Għawdex minn fejn eluf ta' Maltin u Għawdxin jaqilgħu l-għajxien tagħhom. Għaldaqstant kienet ta' sodisfazzjoni ż-żieda rekord li pajjiżna rreġistra fin-numru ta' turisti li żaru pajjiżna fis-sena li għadha kif intemmet – żieda li anke l-lukandi Għawdxin gawdew minnha kemm fin-numru, kif ukoll anke f'iljieli. Iżda rrid nirrimarka li għalkemm il-lukandi Għawdxin qed iżidu fix-xogħol, inkun sodisfatt aktar meta l-lukandi tagħna jibdew jirrappurtaw livell aktar għoli ta' okkupanza u jilħqu d-daqs tal-lukandi f'Malta.

**Bħalma nafu t-turiżmu f'Għawdex ma jiddependix biss mil-lukandi iżda għandna wkoll is-settur tal-*Self Catering* li nemmen li ukoll ra titjib fl-okkupanza. Għalkemm dan jirrreġistra mat-tnejn u sebgħin fil-mija tas-sodod f'Għawdex, statistika uffiċjali ta' okkupanza għadha ma tinżammx. Għalhekk il-GTA tisħaq li l-istatistika għandha tkun inklussiva u għaldaqstant għandu jitwaqqaf f'Għawdex uffiċċju reġjonali tal-istatistika sabiex tkun tista' tingabar informazzjoni dettaljata ta' kif ikun sejjer is-settur turistiku kollu kemm hu.**

Wara ħamsin sena ta' turiżmu fil-Gżira Għawdxija, is-settur turistiku japprezza l-iżvilupp estensiv u t-titjib li sar minn sena għal sena, kemm fin-numru ta' turisti li jżuruna iżda anke fit-titjib tal-prodott turistiku tal-Gżira. Iżda nkunu irresponsabbli jekk ma nammettux li għad fadal ħafna xi jsir.

Bħala Assoċjazzjoni, sa mit-twaqqif tagħna, dejjem sħaqna ma' kull amministrazzjoni dwar il-ħtieġa taż-żamma u t-titjib fil-prodott turistiku. Kien hemm drabi matul iż-żmien li ngħatajna widen għall-ilmenti tagħna, iżda aħna li ta' kuljum inħabbtu wiċċna mat-turist, nafu li l-prodott turistiku Għawdxi għadu 'l bogħod mill-livelli li nixtiequ. L-aspettattivi tat-turist huma għolja u nkunu qed nidħku bina nfusna jekk ma nammettux dan.

**Kien għalhekk li matul dawn l-ewwel xhur ta' din l-amministrazzjoni għamilna preżentazzjoni lill-Ministru ta' Għawdex ta' diversi lokalitajiet madwar il-Gżira li għandhom bżonn tindif u titjib fid-dehra tagħhom. Nista' ngħid li hu ta' sodisfazzjon għalina li ftit wara osservajna ħaddiema tal-Ministeru ta' Għawdex inaddfu, jsewwu u jimlew il-ħofor f'diversi lokalitajiet turistiċi f'Għawdex. Huwa wkoll ta' sodisfazzjon għalina naraw li xi trejqat fil-kampanja jiġu miksija u jsiru aktar diċenti fl-aċċessibbiltà tagħhom u aħna li għandna l-akkomodazzjoni f'dawn l-akkwati ma nistħux mit-turisti li nospitaw.**

Iżda rrid nagħmel ukoll osservazzjoni għax innotajt li f'ċertu postijiet fejn naf li sar tindif fil-kampanja, bħal fiż-żona ta' Wied il-Għasri, sfortunatament reġa' ntafa' l-imbarazz u *tyers* mhux użati. Dan ma jistax ikun li

nittolleraw dawn l-atti vandali li ħaqqhom kull kundanna. Hemm bżonn dixxiplina u multi aktar ħarxa għal min hu irresponsabbli. Nispera li kif għadu kif ħabbar il-Ministru Karmenu Vella li f'Malta ser jiġu introdotti t-*Tourism Police*, dawn jiġu wkoll estiżi għal Għawdex ħalli tinżamm id-dixxiplina u nindokraw aħjar lil pajjiżna.

Madankollu, atti bħal li għadni kif semmejt m'għandhomx jaqtgħulna qalbna anzi rridu nkomplu bil-ħidma u nżidu r-ritmu sabiex intejbu l-prodott. Għalhekk aħna fil-GTA rridu nkunu parteċipi fil-kampanja li riċentiment nieda l-Ministru, **'Nnaddfu lil Għawdex'.**

**Ma nistax nifhem kif pereżempju propju fiċ-ċentru ta' Marsalforn, ix-Xlendi u l-Imġarr jibqa' jkollna karkassi tal-ħadid tal-karrijiet tad-dgħajjes mitluqa hemm matul ix-xhur kollha tas-sajf meta l-opri jkunu fil-baħar. Iridu jinstabu postijiet alternattivi u trid tinstab soluzzjoni għal din is-sitwazzjoni imbarazzanti li qed tirrendi dawn is-siti prinċipali bħallikieku kienu sottu-żviluppati. Irridu nfehmu lil poplu Għawdxi li t-turiżmu hu priorità u li minnha jiekol kulħadd anke l-istess sajjied.**

Naqblu li d-*diving* hu wieħed mill-akbar niċeċ li għandna f'pajjiżna u b' sodisfazzjon ninnotaw titjib fid-*dive sites* madwar Għawdex. Eżempju minnhom huwa x-xogħlijiet li saru dan l-aħħar ix-Xatt l-Aħmar fejn ġiet irranġata żona mill-aktar iffrekwentata. Imma għad fadal postijiet oħra frekwentati mid-*divers* li hemm bżonn li jkunu rranġati u anke jkollhom il-faċilitajiet sanitarji li jixirqu lill-gżira li taspira li tkun destinazzjoni distinta. Huwa xieraq li jkun implimentat il-*Master Plan* għad-*diving* li sar fis-sena 2006 u li għadu validu sal-lum.

Importanti li din in-niċċa tibqa' tiġi indukrata u hawn irrid nisħaq fuq proposta oħra tal-GTA li qed tipproponi li jiġu identifikati siti fuq il-baħar madwar il-kosta Għawdxija li jkunu magħrufa bħala '*Marine Protected Areas*' li fihom ma jkunx jista' jsir ebda tip ta' sajd. Dawn l-*areas* għandhom ikunu protetti u mħarsa sabiex jitrawwem fihom il-ħut għal skopijiet ta' *diving*.

Fit-turiżmu dejjem sħaqna li Għawdex għandu diversi żvantaġġi, ewlenin fosthom huma l-konnettività u l-istaġjonalità. Hu fatt li l-aċċess huwa s-suċċess ta' kull destinazzjoni u għaldaqstant hu sodisfazzjon għalina naraw li matul dawn l-aħħar xhur il-gvern ħareġ espressjoni ta' interess għal *Cruise liner terminal, Yacht Marina* u *fast ferry service.*

**Komplimentari ma' dawn is-servizzi, il-GTA tkompli tisħaq dwar l-importanza ta' servizz bl-ajru bejn il-gżejjer. Aħna ninsabu konvinti li jekk Għawdex ikollu servizz bl-ajru permezz ta' ajruplan *fixed wing*, id-destinazzjoni tkun milħuqa b'mod aktar faċli u tkun miftuħa għal opportunitajiet ġodda u nsiru wkoll aktar kompetittivi. Ara x'paniku u frustrazzjoni nqalgħu ftit tal-ġranet ilu meta s-servizz tal-baħar bejn il-gżejjer kien sospiż għal numru ta' sigħat minħabba l-maltemp.**

L-istaġjonalità hi wkoll waħda mill-akbar sfidi li magħha l-imprenditur Għawdxi jrid iħabbat wiċċu. Din tinħass ferm aktar f'Għawdex u dan il-fatt jirrendi lill-istabbilimenti Għawdxin b'nuqqas ta' kompetittività u profitabbiltà. Nifhmu li l-Għawdxin għandhom diversi spejjeż li kontinwament jogħlew u mhux kulħadd għandu biżżejjed volum ta' xogħol matul is-sena biex ilaħħaq ma' dawn l-ispejjeż. Għalhekk hija x-xewqa tagħna li niddiskutu mal-awtoritajiet konċernati biex insibu soluzzjonijiet ġusti li jistgħu jiġu implimentati fuq livell reġjonali.

**Napprezza li Għawdex sar destinazzjoni favorit ta' ħafna mill-Maltin, iżda sfortunatament għadek tisma' lmenti li Għawdex mhux destinazzjoni rħisa u li diversi stabbilimenti jitolbu prezzijiet iktar minn dawk li wieħed isib f'Malta. Nemmen li ħafna drabi l-ilmenti jkunu eżaġerati iżda madankollu l-GTA ma tistax ma tagħmel xejn biex din il-perċezzjoni tkun ikkumbattuta.** Barra li dejjem nisħqu mal-membri biex joqgħodu attenti rigward il-prezzijiet li jiċċarġjaw, il-GTA qed tipproponi li tiġi introdotta skema li fiha jidħlu l-istabbilimenti Għawdxin li jħarsu regolamenti u kriterji stabbiliti li jassiguraw lill-klijent li s-servizz li jingħata, jkun verament jirrifletti l-valur tal-flus li qed jonfoq. Ftit xhur ilu għaddejna din il-proposta ta' '*Value Gozo*' lil Ministeru għal Għawdex u nispera li fix-xhur li ġejjin ikomplu d-diskussjonijiet mal-imsieħba kollha ħalli dan il-proġett jiġi mwettaq.

Il-GTA dejjem ukoll emmnet li t-turiżmu f'Għawdex għandu jkun settur immaniġġjat. L-Awtorità Maltija għat-Turiżmu hi kemm ir-regolatur, kif ukoll l-entità li għandha d-dover li tirreklama l-Gżejjer Maltin. Aħna bħala GTA insibu appoġġ kontinwu mill-MTA, u ta' dan irrodd ħajr. Madankollu nħoss li destinazzjoni żgħira bħal Għawdex għandha tkun mhux biss promossa u reklamata, iżda trid tkun ukoll immaniġġjata.

**Aħna bħala GTA konna l-katalisti sabiex illum fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex insibu Direttorat tat-Turiżmu u Żvilupp Ekonomiku. Kien fuq l-insistenza tal-GTA li f'Għawdex ikollna din l-istruttura. Iżda issa huwa wkoll il-mument opportun li nkomplu ntejbu fuq dak li akkwistajna sa issa. Għal dan il-għan, fix-xhur li għaddew, ippreżentajna memorandum lil Ministeru għal Għawdex li fih elenkajna l-viżjoni tagħna ta' kif nixtiequ naraw it-turiżmu jkun immaniġġjat fil-gżira tagħna. Nixtiequ għalhekk li dawk kollha involuti, il-Ministeru għat-Turiżmu, il-Ministeru għal Għawdex, l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu u l-GTA nibdew niddiskutu sabiex insibu l-aħjar mod li bih ikollna turiżmu li ma jimxix għal riħu iżda industrija li titmexxa fuq pjan studjat.**

*(Silta mid-diskors fil-Laqgħa Ġenerali, 21 ta' Frar 2014)*

A Whole New Look

Sharmain's
Styling Salon

Our Lady of Victory
Crt/1
Triq ta' Kassia
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

# *Diskursata dwar* il-Ko-Edukazzjoni



Chev. Frank Gatt

**It-Tokk, ir-Rabat, Għawdex**: għadha kemm spiċċat il-quddiesa tal-għaxra u nofs fil-knisja ta' San Ġakbu. **Nina** u **Sunta**, kif jagħmlu kważi kuljum, hekk kif ħarġu mill-knisja, intilfu jiflu l-aħħar aħbarijiet.

**Nina**: Smajtha l-aħħar waħda, Sunt? X'affarijiet dawn! Issa ser iħalltu l-bniet u s-subien anke fl-iskejjel sekondarji.

**Sunta:** U biex qed tistagħġeb, Nin. Int donnok għadek tgħix fi żmien il-Ġgantija. Fl-aħħar ser nagħmlu bħal ħafna pajjiżi oħra. Kont tistħi tiltaqa' mal-barranin u tgħidilhom li għadna nifirdu l-bniet u s-subien fl-iskejjel sekondarji. Kienu jidħku bina, jaħsbu li għadna fil-Medjuevu.

**Nina**: U jien x'jimpurtani x'għandhom jgħidu dawn it-talin. Taf x'naf : li din hi idea ġdida fjamanta għalina l-Maltin u l-Għawdxin u ser tqajjem pandemonju.

**Sunta**: Nin, skużani ngħidlek, imma mintix aġġornata. Din l-idea mhi ġdida xejn: għandek tkun taf li Platun stess, filosofu Grieg li għex xi erba' mitt sena qabel Kristu, kien jirsisti li l-bniet u s-subien għandhom jiġu edukati flimkien. Tajjeb tkun taf ukoll, li din is-sistema ta' ko-edukazzjoni kif inhi msejħa, ġa ġiet imħaddma b'suċċess fi skejjel sekondarji ġewwa Malta : fil-Kulleġġi Santa Klara u San Benedittu u f'diversi skejjel oħra indipendenti.

**Nina:** U ngħid jien x'ser jakkwistaw aktar l-istudenti billi tħallathom flimkien ? Mhux biżżejjed jitħalltu ġewwa l-Grotta u Paceville ?

**Sunta**: Ara, Nin, kun af li l-vantaġġi huma bosta: għidli int, x'sens jagħmel li tifridhom biex imbagħad terġa' ġġibhom flimkien fis-*Sixth Form;* u ngħiduha kif inhi: id-dinja tax-xogħol hi magħmula minn irġiel u nisa u allura, b'din is-sistema, sa minn età ċkejkna, iż-żewġ sessi jidraw jaħdmu u japprezzaw it-talenti ta' xulxin u b'hekk jinqatgħu ċerti preġudizzji li ħlief ħsara ma jagħmlux.



**Nina:** X'aktar ?

**Sunta :** Barra minn hekk, il-ko-edukazzjoni tfisser ukoll li bniet u subien jiġu trattati b'mod ugwali bl-istess drittijiet u dmirijiet; u mbagħad din is-sistema hi aktar ekonomika u tiffrankalna ħafna flus: skola waħda tkun biżżejjed u r-riżorsi jistgħu jinqasmu; b'hekk innaqqsu l-ħela u l-flus ikunu jistgħu jintużaw għal skopijiet aktar kurrikulari għall-ġid tal-istudenti kollha. B'hekk ukoll, il-vjaġġ edukattiv ikun mingħajr skossi, mill-klassijiet tan-nuna sal-edukazzjoni terzjarja.

**Nina:** Qed nibda nifhem. Imma, kif taf inti, xejn mhu ward u żahar, kollu abjad jew kollu iswed.

**Sunta:** Naturalment, Nin. Hawn min jibża' li din is-sistema tista' ttellef mill-istudju lill-istudenti għax ikunu aktar moħħhom f'xulxin milli fit-tagħlim. Però jiena ċerta li dan jiddependi mit-tip ta' dixxiplina li jkun hemm f'kull skola jew kulleġġ. Inżid ngħid li din id-diversità tgħin mhux ftit biex kemm il-bniet kif ukoll is-subien jitgħallmu minn xulxin u jitjiebu mhux biss akkademikament imma wkoll soċjalment u emozzjonalment.

**Nina:** Interessanti. Taf li kważi kkonvinċejtni!. Saħħa, Sunt.

**Sunta:** Saħħa, Nin.



# 150 Sena Djoċesi

Ġabra qasira ħafna tal-ktieb
*Religion and Politics in a Crown Colony. The Gozo Story. 1798-1864*



Joseph Bezzina

# Id-Djoċesi kienet ta' ħtieġa kbira

**Il-poplu Għawdxi, maqtugħ għalih fuq gżira ċkejkna iżda sabiħa, kien għal mijiet ta' snin mitluf u minsi minn kulħadd. Ġrajjietu hi sensiela waħda ta' traskuraġni u abbandun. L-iktar effett ta' dan, il-poplu żviluppa matul is-snin karattru qawwi u indipendenti. Tant hu hekk li sa minn żmien żemżem tingħad fostna l-frażi *Għawdex repubblika* – jiġifieri l-Għawdxi, sakemm u safejn jista', ifendi għal rasu.**

Kienu aktarx dawn l-ewwel ħsibijiet li mbuttaw lill-Għawdxin tas-seklu l-ieħor biex jitħabtu ħalli Għawdex u Kemmuna jsiru Djoċesi għalihom indipendenti minn Malta. Għax waqt li fil-ħwejjeġ ċivili kienu, kif għidna, draw jaħsbu għal rashom, fil-ħajja reliġjuża tagħhom kellhom, iridu u ma jridux, joqgħodu neżlin u telgħin Malta għal kull bżonn li jinqalgħalhom. Xtaqu nsomma li jkollhom Isqof eqreb lejhom.

Aħna li sal-lum għadna noqgħodu Għawdex ilkoll nafu bil-biċċa wġigħ ta' ras li sikwit niltaqgħu magħha biex noqgħodu mmorru Malta. Aħseb u ara s-seklu l-ieħor, meta mhux biss kien għad m'hemmx vapur tal-passiġġieri, iżda anqas kien hemm xi forma ta' trasport għan-nies biss. U min kellu ħtieġa jmur, ried jara kif jiddobba passaġġ mad-dgħajjes tal-Latini li kienu jġorru l-merkanzija bejn il-gżejjer. U billi dawn kienu dgħajjes tal-qlugħ, u billi kienu jmorru sal-Port il-Kbir, kienu jitilqu mal-Paternoster, u jekk kollox imur sewwa, kienu jieħdu minn erba' sa ħames sigħat biex jaslu l-port. Aħna l-Għawdxin nistgħu b'xi mod nobsru kemm kien vjaġġ kiefer f'nofs il-ħalel tal-baħar qawwi fix-xitwa u taħt xemx tiżreġ sa tixwik fis-sajf. Ħaġa kważi mank titwemmen: iktar mietu Għawdxin jaqsmu l-fliegu milli matul l-aħħar żewġ gwerer dinjija. Jien stess imsemmi għal ziju li ħalla ħajtu f'dil-biċċa baħar.

Intant, kull meta l-Għawdxin għamlu t-talbiet tagħhom biex Għawdex jinqata' Djoċesi, din tal-biċċa baħar kienet dejjem ir-raġuni ewlenija msemmija minnhom. U ma nagħtuhomx tort!

Iżda dan ma kienx biżżejjed. **L-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex li kienu joqgħodu l-Belt Valletta ma tantx kienu jiġu Għawdex bil-qalb imħabba l-battikata li riedu jagħmlu. Bejn l-1798 u l-1857, meta sar Isqof l-Għawdxi Monsinjur Gajtan Pace Forno, l-Isqfijiet ġew Għawdex sitt darbiet**



*Il-port tal-Imġarr fil-bidu tas-seklu dsatax bit-Torri Garzes (lemin) – litografija ta' Edouard de Montuelé (1821) – copyright NAG•Arkivju Nazzjonali Għawdex.*

**biss – medja ta' darba kull għaxar snin! Fil-fatt ġew ħames darbiet sal-1822 u darb'oħra fl-1848, sitta u għoxrin sena wara. L-Isqof Franġisk Saver Caruana (1831-1847) qatt ma rifes fuq il-gżira tagħna. L-Għawdxi Pace Forno ġie Għawdex erba' darbiet bejn is-sena 1857 u s-sena 1863.**

Imħabba f'hekk bosta kienu dawk li jibqgħu mingħajr is-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof. Fil-ktieb tiegħi, li tiegħu int qed taqra ġabra qasira ħafna, semmejt diversi statistiċi marbuta ma' dan il-fatt. Hawn insemmi każ wieħed biss. Fl-1856, għadda minn Malta l-Isqof Giuseppe Pravi, missjunarju kapuċċin fis-Sri Lanka (Ceylon). Kif kien Malta, stednuh jiġi Għawdex ħalli jamministra s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof. Nafu minn Djarju miktub dakinhar li l-Għawdxin bdew jagħmlu l-fila wara l-bieb tal-Matriċi (illum Katidral) sa minn nofsillejl. U minkejja li beda jagħmel il-Griżma fis-7.00am, uħud kellhom jistennew sal-ġurnata ta' wara biex irċivew is-sagrament. B'kollox kienu konfermati 1,286 ruħ.

L-aktar, iżda, li kienu qed ibatu imħabba n-nuqqas ta' Isqof u ta' Djoċesi kienu dawk li riedu jsiru qassisin. Dawn kien jew ikollhom joqgħodu jistudjaw għal rashom f'Għawdex jew, jekk kien ikollhom il-mezzi meħtieġa, isibu jikru Malta u jmorru joqgħodu hemm. Hekk jew hekk kien ikollhom imorru Malta għal kull eżami u mill-ġdid għal kull Ordinazzjoni. Mhux l-ewwel darba li, imħabba baħar qawwi, xi wħud tilfu ċ-ċans li jkunu ordnati u kellhom jistennew bosta xhur oħra.

**Dawn u ħafna diffikultajiet oħra kienu jintemmu – irraġunaw l-Għawdxin – kieku Għawdex u Kemmuna kellhom isiru Djoċesi għalihom.**

*(jissokta)*

# Utopja...! Sewwa kieku!



Dr Alfred Grech

Mikhail Bulgokav fir-rumanz "L-Imgħallem u Margarita" bl-immaġinazzjoni ħarkiena tiegħu iqiegħed f'ħalq Kristu waqt li kien qed jiġi interrogat minn Ponzju Pilatu dan il-kliem: "Illi kull poter huwa forma ta' vjolenza eżerċitat fuq in-nies u li għad irid jiġi żmien li ma jkun hemm ebda Saltna ta' Ċesari u lanqas ebda forma oħra ta' saltna. Il-bniedem jgħaddi għas-saltna tas-sewwa u l-ħaqq fejn ma jkun jinħtieg ebda forma ta' poter".

**Ejja ma nidħlux fil-mertu ta' kemm dan il-kliem ikunx jaqbel jew le mal-verżjoni tal-Vanġeli jew isibx postu fil-kwadru sħiħ tat-tagħlim Kristjan. Imma li xi darba għad isseħħ is-saltna t'Alla jew is-saltna tas-smewwiet jew dik l-utopja fejn tispiċċa l-liġi u tispiċċa l-ħtieġa tal-vjolenza fil-forma ta' pulizija, gwardjani, spetturi, suldati, sovraintedenti u x'naf jien li kienet dejjem fil-ħsieb ottimista tal-bniedem.**



Sir Thomas More kien ħolom bl-Utopja fl-1516 meta fil-ktieb tiegħu li għandu l-istess isem dwar soċjetà ideali fi gżira fittizzja fl-oċean Atlantiku. Pjuttost tibqa' tberren fil-ħolm u l-immaġinazzjoni tal bniedem li għad xi darba tinħoloq soċjetà fejn la jkun hemm bżonn ta' liġijiet u lanqas tal-pulizija. Din l-idea ċertament qiegħda f'moħħ kull min jemmen li wara din il-ħajja hemm ħajja oħra, fejn jiġu aġġustati l-affarijiet, fejn l-imgħawweġ jiddritta, fejn il-ħażin jiġi kkastigat u t-tajjeb ippremjat. U għaliex ngħidu dan? Għaliex tipprova kemm tipprova f'din il-ħajja, qatt mhu ser tilħaq il-perfezzjoni. Nagħmlu kemm nagħmlu programmi, niżviluppaw kemm niżviluppaw it-teknika, nsibu li qajla għamilna xi progress fejn jirrigwarda s-serenità u s-serħan tal-moħħ. Anzi pjuttost il-kontra, u kif juru l-affarijiet, it-tendenza hija aktar lejn il-konfużjoni milli lejn l-ordni. Wara kollox dan hu prinċipju tax-Xjenza Fiżika. **L-univers kulma jmur qiegħed jiksaħ u tiżdied dik li jgħidulha "*enthropy*" ( fi kliem ieħor it-taħwid). U din mhix xi ħaġa teoretika biss. Taraha u tmissha b'idejk. Iktar ma mingħalina ġejjin 'il quddiem iktar qegħdin nagħmlu ħajjitna kkumplikata. Iktar ma nippruvaw insibu soluzzjonijiet studjati għall-problemi li jinħolqu, iktar inżidu d-diffikultajiet f'termini burokratiċi. Min għandu ftit taż-żmien bħali jiftakar dinja aktar sempliċi u inqas ikkumplikata. Meta kont żgħir qajla kien hawn min kellu televiżjoni d-dar u ma kien hawn xejn mill-ħafna apparat diġitali li huwa ferm komuni llum. Konna inqas komdi, tassew, imma l-ħajja kienet inqas, wisq inqas ikkumplikata, u jiena ngħid, kienet aħjar.**

Meta l-gvern jgħid li ser iniedi xi programm b'xi soluzzjoni għal xi problema soċjali jfisser li ser iżid il-burokrazija. Meta l-parlament jilleġiżla xi liġi ġdida, għid li ser jikkumplika aktar il-ħajja. Ma jfissirx li għaliex qed jiżdiedu l-liġijiet, qed jinstabu aktar soluzzjonijiet. Soluzzjonijiet jista' jkun li qegħdin jinstabu imma qiegħda tiżdied il-kumplikazzjoni. U mbagħad jirrenjaw l-avukati għaliex ħafna drabi jinstab li l-liġi ma taqbilx ma' oħra jew liġijiet li jmorru kontra xulxin jew li ma jistgħux jiġu applikati fl-istess waqt. U ħafna drabi nsibu wkoll li qegħdin noħolqu inġustizzji bl-applikazzjoni stess tal-liġijiet li nippromulgaw. Għaliex il-liġi u l-ġustizzja m'humiex termini sinonimi, u fl-esperjenza tiegħi ta' 38 sena avukat nista' nistqarr li l-applikazzjoni tal-liġi mhux dejjem ikollha riżultat ġust u ekwu u jrid joqgħod ferm attent il-ġudikant biex ma jkunx qed jagħmel travestija mill-ġustizzja x'ħin qed japplika l-liġi li jkun għadda l-parlament.







Barra minn hekk, ħafna drabi nsibu li xi liġijiet li jgħaddi l-parlament huma riżultat ta' xi pressjoni jew reazzjoni soċjali għal dak li jkun qed jiġri fil-pajjiż f'xi żmien partikulari. Meta kellna kwistjonijiet ta' skandli ta' tixħim għaddejna liġijiet u żidna l-pieni fuq ir-reat tat-tixħim. Meta kellna u għad għandna problema bid-droga, għaddejna liġijiet li żidna l-pieni fuq min jinqabad bid-droga... u hekk kull meta qamet xi kwistjoni sensazzjonali bħal tal-pedofili, jew tal-persuni bi preferenzi sesswali, jew tal-persuni b'diżabbiltà, jew tal-vjolenza domestika. Nilleġiżlaw bl-għaġla biex nissodisfaw l-oltraġġ pubbliku u nagħtu x'jifhem lil kulħadd li xi ħaġa qiegħda ssir, li xi soluzzjoni nstabet u kulħadd issa jista' jserraħ rasu. Imma qajla jsir studju tassew fil-fond biex wieħed jara jekk hux kull min jintlaqat bil-liġijiet li ngħaddu jintlaqat b'mod ġust. U dan jingħad ukoll u xejn inqas minnu min hu ħati u dawk kollha li jinsabu qrib tiegħu. Għaliex fil-ħsieb tiegħi l-ġustizzja m'għandhiex issir biss għal min hu vittma jew jintlaqat ħażin. Imma wkoll għal min jista' jkun ħati u bħala effett għal dawk li huma parti mill-familja tiegħu jew qegħdin qrib tiegħu. Ħa nġibu eżempju! Jekk xi ħadd jinstab ħati u bħala konsegwenza jitlef xi liċenzja, bħal ngħidu aħna liċenzja tan-negozju, ir-riżultat huwa x'aktarx li dak li jkun ma jistax jibqa' jħaddem in-negozju, jew professjoni jew sengħa tiegħu li minnha jaqla' l-ħobżna ta' kuljum. Kemm jgħaddi minn moħħ il-leġiżlatur li ppromulga dik il-liġi jew il-ġudikant li jagħti s-sentenza li r-riżultat tas-sospensjoni tal-liċenzja ma tirriflettix fuq il-ħati biss imma wkoll fuq martu u wliedu u dawk kollha li minnu jiddependu għall-għajxien ta' kuljum.

Miniex wieħed mill-ammiraturi ta' Peppi Azzopardi li jtella' l-programm televiżiv "Xarabank". Anzi xi kultant ikolli riżervi kbar sew għal dak li jkun diskuss f'dan il-programm, kif ukoll għal mod li bih jitmexxa. Imma donnu l-poplu Malti u Għawdxi xi programm bħal dak irid, u la l-poplu jrid hekk, allura agħtih milli jrid: *"panem et circenses"* (bħalma kienu jgħidu r-Rumani). Imma Peppi Azzopardi qal waħda tajba: li kieku kien għalih il-ħabs ineħħieh. Hawnhekk naqbel miegħu. **Iżda jista' jkun li rridu nistennew iż-żmien li qal Kristu ta' Bulgakov meta ma jkun hemm ebda saltna ta' Ċesari u lanqas ebda forma ta' saltna oħra. Dakinhar il-bniedem ikun għadda għas-saltna tas-sewwa u l-ħaqq, fejn ma jkun jinħtieġ ebda forma ta' poter.**

"Your life. My vision."



LORNE CREMONA
PHOTOGRAPHY

weddings | engagements | baptisms
portraits | social & family occasions

69, Mġarr Road, Qala - Gozo
7945 2685
info@lornecremona.com
www.lornecremona.com
follow us on facebook

# Il-Papa Franġisku... ifiehem ċar imnebbaħ mill-Kelma ta' Alla

Mons Salv Grima



**"Qed naħseb ukoll fuq ir-rigal tal-Għaxar Kmandamenti: triq li biha Alla wriena l-ħajja tassew ħielsa, ħajja mimlija. Il-kmandamenti mhumiex litanija ta' 'tagħmilx hekk u tagħmilx hekk'; iżda huma innu għall- 'iva' kbira lil Alla, 'iva' għall-imħabba, 'iva' għall-ħajja..."** Kliem li wasslu waqt l-omelija tiegħu fi Pjazza San Pietru fis-16 ta' Ġunju 2013. Sadakinhar il-Papa Franġisku kien diġà beda jnissel tamiet ġodda, kuraġġ u ħeġġa bħalma baqa' jagħmel tul is-sena kollha li ilu Ragħaj Spiritwali tal-Knisja Universali. Is-semmiegħa numerużi tiegħu jagħtu xhieda ta' dan.

**Il-kmandamenti bħala l-*'iva'* lil Alla, għall-imħabba u għall-ħajja, għandhom eku qawwi fil-kelma ta' Alla nnifsu li minnha l-Papa jispira ruħu kontinwament bħalma qed jagħmel fir-riflessjonijiet li jagħti fil-quddiesa ta' kuljum f'Santa Marta. Tassew li qed jistrieħ fuq il-verità li ġejja minn Alla għalkemm il-bniedem jista' jiddarras meta jisma' xi kliem li ma jdoqqx sabiħ la għal widnejh u lanqas għax-xewqat tiegħu. Min-naħa l-oħra l-Papa stqarr ukoll li Alla għandu s-sorpriżi tiegħu.**

Dan l-eku jinsab anki fl-Antik Testment fejn insibuh mifrux f'diversi Kotba Mqaddsa. Hekk per eżempju ".... Il-Mulej jifraħ bik u jagħmel il-ġid miegħek, bħalma kien jifraħ b'missirijietek, jekk inti tisma' l-kelma tal-Mulej, Alla tiegħek, u tħares l-ordnijiet tiegħu u l-liġijiet miktuba fil-ktieb ta' din il-liġi; jekk terġa' lejn il-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha u b'ruħek kollha" (Dewt 30, 9-10).

## Kelma milqugħa għall-ġid

Meta Mosè għarraf b'dan lill-poplu, għalkemm ta' ras iebsa, żied juri kemm "din il-liġi mhix tqila għalik u anqas 'il bogħod minnek, .... hija qribek sewwa, f'fommok u f'moħħok, biex tagħmilha". Dan kien il-pjan meraviljuż tal-Mulej Alla li stenna l-'iva' ta' Israel meta qallu: "Ara jiena llum qegħidtlek quddiemek il-ħajja u l-ġid, il-mewt u d-deni. Issa jekk tisma' mil-liġi tal-Mulej, Alla tiegħek, li qiegħed nordnalek illum: li tħobb lill-Mulej, Alla tiegħek, li timxi fit-triqat tiegħu, u li tħares l-ordnijiet u l-liġijiet u d-digrieti tiegħu, inti tgħix u titkattar... Agħżel il-ħajja biex inti tgħix int u nislek, billi tħobb lill-Mulej, Alla tiegħek, u tisma' l-kelma tiegħu, u torbot qalbek miegħu..." (Dewt 30, 11-20).

**Soltu ngħidu li r-raġuni ma tridx forza. U dan qed jinħass mit-tweġiba attenta li qed tingħata lill-Papa Franġisku, kemm permezz tal-istampa u mezzi oħra tax-xandir u xejn inqas mill-udjenzi li jkollu kull fejn ikun. Anki hawn insibu kif l-istedina ta' Alla li tkellem mhux dejjem kellha reżistenza min-naħa tal-bniedem, tant li fis-salmi nsibu wkoll tweġiba għaqlija u kollha kuraġġ bħalma huma versi bħal dawn:** "Nitgħaxxaq bil-kmandamenti tiegħek, li jiena ħabbejt. Nerfa' idejja lejn il-kmandamenti tiegħek, u naħseb fuq il-preċetti tiegħek..... Niftakar fid-digrieti tiegħek ta' dari;..... fihom, Mulej, jiena nsib il-faraġ tiegħi..... F'nofs il-lejl inqum infaħħrek minħabba d-digrieti ġusti tiegħek..... Aħjar għalija l-liġi ta' fommok mill-eluf ta' flejjes tad-deheb u l-fidda" (S 118, 47-48, 51-52, 62, 72).

## Imsaħħaħ bil-kelma ta' Kristu

Bħala l-Vigarju ta' Kristu, il-Papa Franġisku ma jistax ma jkunx imnebbaħ l-iktar minn kliem l-Imgħallem tagħna li għaqqad il-kmandamenti mal-imħabba: "Kif ħabbni Missieri, hekk ħabbejtkom jien. Ibqgħu fl-imħabba tiegħi. Jekk tħarsu l-kmandamenti tiegħi, intom tibqgħu f'imħabbti" (Ġw 15, 9). Żgur li mhux il-każ li dawn huma xi madmad jew xi piż, imma espressjoni ta' mħabba. Però mhux kull imħabba hija l-istess. U għalhekk Kristu kompla jfisser liema mħabba: **"Nagħtikom kmandament ġdid: li tħobbu lil xulxin, bħalma ħabbejtkom jien"** (Ġw 13, 34).

Fi kliem Santu Wistin din in-novità ta' dan il-kmandament ġdid tikkonsisti filli l-imħabba ġġedded lill-bniedem, tagħmilna werrieta ta' patt ġdid, ngħannu għanja ġdida, bħala poplu ġdid u li jidher ukoll bħala l-Għarusa l-ġdida. **Bħal dan huwa t-ton ripetut tal-Papa meta anki jħobb jirripeti ċerti frażijiet għall-attenzjoni tas-semmiegħa biex iwassal messaġġ ta' ħniena, tama, ritorn u maħfra, imħabba, ħajja ġdida u sens ta' responsabbiltà flimkien ma' rabta ma' Kristu.**

Minkejja dan il-kliem kollu mhux kull bniedem tal-lum huwa dejjem lest li joqgħod għal dak li jridlu l-ġid. Dan ġara anki fl-imgħoddi, infatti fl-ittra lil-Lhud, l-awtur ifakkar x'inkiteb fil-ktieb tal-Proverbji (3, 11-12) waqt li josserva: "Insejtuha għal kollox il-kelma ta' twissija li qalilkom ta' wlied li intom: 'Ibni, la twarrabx it-twiddib tal-Mulej, u la taqtax qalbek meta jċanfrek; għax il-Mulej iwiddeb lil min iħobb, jolqot lil kull min jilqa' b'ibnu'...... Alla qiegħed jimxi magħkom ta' wlied. Min hu dak l-iben li missieru ma jwiddbux? Jekk intom tibqgħu bla twiddib, bħalma kellhom l-ulied kollha, intom tkunu qieskom tfal ta' ħaddieħor, mhux ulied. Barra minn dan, aħna kellna wkoll missirijietna skont

il ġisem; kienu jwiddbuna, u aħna konna nweġġħuhom. Mela kemm aktar għandna noqgħodu taħt il-Missier tal-erwieħ, biex ikollna l-ħajja...... Alla jwiddibna għall-ġid tagħna,......kull twiddiba tnikkitna, iżda mbagħad..... lilna troddilna l-frott ta' ħajja mimlija bis-sliem" (12, 5-11).

## Il-kelma fuq fomm l-omm

Anki hawn il-Papa Franġisku mnebbaħ minn dal-ħsieb jaqbad l-eżempju tal-missier u l-iben biex ikompli jispjegah permezz tal-imġiba ta' omm ma' wliedha. Dan spjegah meta ried ixebbah did-darba lill-Knisja mal-Omm u fakkarna kif "din tieħu ħsieb u tgħallem lil uliedha kif jimxu f'ħajjithom, turihom it-triq korretta li għandhom jaqbdu, taf ukoll kif tiggwidahom. Dan tagħmlu biex tibqa' tixteqilhom l-aħjar, huma u jikbru u jsiru adulti. Dan tagħmlu bil-ġentilezza, delikatezza u mħabba, anki meta tipprova tikkoreġilna l-mixja tagħna minħabba li nkunu ħriġna mil-linja t-tajba, jew meta nkunu qbadna toroq oħra li jeħduna lejn l-abbiss. **L-omm taf x'inhu importanti għat-tifel ċkejken tagħha biex tgħinu jimxi fit-triq it-tajba. Fuq kollox dan ma tgħallmitux mill-kotba imma minn qalbha stess. L-università tal-ommijiet hija qalbhom stess. Il-Knisja tagħmel l-istess. Tagħti lil ħajjitna d-direzzjoni, tgħallimna mnejn għandna ngħaddu" (Udjenza Ġenerali 18-9-2013).**

Kien hawn li l-Papa għaraf idaħħal ukoll x'post għandhom il-kmandamenti u jkompli jgħidilna li: "dawn juruna t-triq li minnha għandna ngħaddu biex insiru maturi, biex ikollna punti sodi fil-mod kif inġibu ruħna. Huma frott tat-tenerezza u tal-imħabba ta' Alla li tahomlna". Għalhekk, bħalma kien għamel Mosè mal-Poplu ta' Alla meta għaddielu t-twavel tal-Liġi (ara Dewt 5-6), il-Papa stedinna biex naqrawhom u mbagħad naħsbu fuqhom b'mod pożittiv. "Naraw li jirrigwardaw il-mod kif inġibu ruħna ma' Alla, magħna stess u mal-oħrajn. Propju dak li tgħallimna ommna biex ngħixu tajjeb. Il-kmandamenti jistednuna biex ma nagħmlux idoli materjali li mbagħad jagħmluna skjavi, biex naħsbu f'Alla, biex ikollna rispett għall-ġenituri, biex inkunu onesti, biex nirrispettaw lill-oħrajn...".

Ikompli jistieden: *"Ippruvaw taqrawhom hekk u tikkunsidrawhom qishom il-kliem u t-tagħlim li tagħti l-omm biex tmorru tajjeb fil-ħajja. Omm qatt ma tgħallem dak li hu ħażin, trid biss il-ġid ta' wliedha, u hekk tagħmel il-Knisja. L-omm taf issegwi bil-prudenza u t-tenerezza lil uliedha u anki meta jiżbaljaw issib dejjem il-mod biex tifhimhom, tibqa' qrib tagħhom u tgħinhom. L-omm taf isseffaq wiċċha għal uliedha u taqbeż għalihom".*

## "Min jiena jien biex niġġudika?"

**Frażi tal-Papa li għamlet ħoss u li hija meqjusa bħala l-iktar waħda qawwija kienet dik li qal fl-intervista li ta fuq l-ajruplan huwa u jirritorna mill-Brażil fid-29 ta' Lulju, 2013, meta staqsa: "Min jiena jien biex niġġudika?" Hawn mill-ġdid qed japplika għalih kliem Kristu li qal: "Il-Missier ma jagħmel ħaqq minn ħadd, imma ħalla f'idejn l-Iben biex jagħmel il-ħaqq kollu hu" (Ġw 5, 22) għalkemm ikompli jistqarr ukoll: "Jien ma ġejtx biex nagħmel ħaqq mid-dinja, iżda biex insalva lid-dinja"** (Ġw 12, 47) u żied ifisser dan meta qal li "hemm min jagħmel ħaqq minnu; il-kelma li jiena għedt, tkun hi li tagħmel ħaqq minnu fl-aħħar jum" (Ġw 12, 48). U għalhekk Kristu ta twissija ċara: "Tiġġudikawx, biex ma tkunux iġġudikati....." (Mt 7, 1), fuq liema direzzjoni u twissija għamel l-istqarrija tiegħu l-Papa Franġisku. Kien għalhekk ukoll li żied jgħid kif il-Knisja li "hi omm ħanina li tfittex dejjem li tgħin, li tinkuraġġixxi anki lil uliedha li jiżbaljaw, qatt ma tagħlaq il-bibien tad-dar; ma tiġġudikax, imma toffri l-maħfra ta' Alla, toffri l-imħabba tiegħu li tistieden biex jerġgħu jaqbdu t-triq it-tajba anki lil uliedha li waqgħu f'abbiss profond" (18-9-2013).



**Reċentement ritratt tal-Papa Franġisku deher b'ħarufa fuq spallejh (6 – 1- 2014). Kienet ċirkostanza partikulari imma tassew b'tifsira speċjali bħala segwaċi tar-Ragħaj it-Tajjeb. Dan esprimih u għallmu dwar kif għandna nittrattaw ma' dawk l-Insara li qed jgħixu f'sitwazzjonijiet irregolari għall-Knisja jew inkella f'sitwazzjonijiet komplessi, u allura rridu nersqu lejhom fid-dawl tal-imġiba u l-kelma ta' Kristu.** Għad-diffikultà li tressqet lill-Papa Franġisku mill-Patri Ġeżwita fl-intervista taċ-*Civiltà Cattolica* (19-9-2013), beda biex qal li "fil-ħajja Alla jsieħeb lill-persuni u aħna rridu nimxu magħhom billi nitilqu minn fejn jinsabu huma. Irridu nimxu magħhom bil-ħniena. Meta jseħħ dan, l-Ispirtu s-Santu jispira lis-saċerdot biex jgħid il-kelma t-tajba". Kien qed jirriferi għall-ministeru tas-Sagrament tal-Qrar u kompla li **"ma nistgħux noqgħodu ninsistu biss fuq il-kwistjonijiet marbuta mal-abort, iż-żwieġ omosesswali u l-użu tal-metodi kontraċettivi..... Imma meta titkellem fuqhom, dan trid tagħmlu f'kuntest.... It-tħabbira ta' għamla missjunarja tikkonċentra fuq l-essenzjal, fuq il-meħtieġ, li hu anki dak li jqanqal u jiġbed l-iżjed.... Mela rridu nsibu bilanċ ġdid, inkella anki l-binja morali tal-Knisja tkun tirriskja li ċċedi bħal kastell tal-karti li titlef il-freskezza u l-fwieħa tal-Vanġelu......** Il-messaġġ Evanġeliku allura ma jistax jirriduċi ruħu għal xi aspetti tiegħu li, anki jekk importanti, waħidhom ma jikxfux il-qalba tat-tagħlim ta' Ġesù".

**Iż-żmien għad jrid ikompli jurina iktar minn dan dwar il-Papa Franġisku. Issa jiddependi wkoll minn kemm dawk ta' rieda tajba huma lesti li jilqgħu l-appelli u valuri oħra li qed jaslulhom. Ikollna ngħidu li minn dak li diġà nafu s'issa l-Papa Franġisku qed juri li għandu tattika kif jinqeda bir-raġuni u b'ton ta' persważjoni biex jgħallem u jfiehem x'inhu ta' ġid għall-bniedem skont dak li wasslilna Alla.**



# dun MIKIEL ATTARD

## Qassis Dejjem Żagħżugħ



**Miriam Portelli**

Lil Dun Mikiel Attard dejjem niftakru jaħdem għall-ġid taż-żgħażagħ. Kien wieħed minn ta' quddiem li stinka biex jinbena Qasam ġdid tal-*Museum* fin-Nadur bl-iskop li joffri ambjent ħolistiku għat-tfal u żgħażagħ li jattendu fih. Dun Mikiel kellu fih l-ispirtu ta' San Ġwann Bosco!

Kien Dun Mikiel li beda żewġ inizjattivi fin-Nadur favur iż-żgħażagħ: il-laqgħa tal-*Museum* għall-ġuvintur kull l-ewwel Sibt tax-xahar, u l-laqgħa ta' talb għaż-żgħażagħ fl-aħħar tas-sena. Żmien qabel l-attività kien jibgħat nota d-dar ta' kull ġuvni biex ifakkru fil-laqgħa, u kull l-ewwel Sibt tax-xahar taraħ dieħel il-Każin tal-Futbol biex ifakkar lil dawk preżenti li se jkun hemm il-laqgħa. U meta jasal il-ħin, joqgħod ħdejn l-isqaq tal-*Museum* biex isellem lil kull żagħżugħ dieħel għal-laqgħa. Kellu kelma ta' kuraġġ għal kulħadd. Dun Mikiel kien kapaċi jara s-sabiħ f'kull min kien jiltaqa' miegħu. U dik it-tbissima ġenwina serqet qalb ħafna żgħażagħ li f'Dun Mikiel kienu jaraw gwida sinċiera u tajba.

Lil Dun Mikiel jien kont nafu sa minn meta kont żgħira. Bħala familja konna ġirien. Dak iż-żmien ftit nies kellhom telefon id-dar, u Ta' Natu [kif kienu jsibuha l-familja ta' Dun Mikiel] kienu minn dawk il-ftit. Allura jekk xi ħadd ried iċempel, kien dejjem imur għandhom. U huma qatt ma qalu le lil ħadd. Dejjem jippruvaw jgħinu u jagħtu daqqa t'id.

Sirt naf lil Dun Mikiel aktar mill-qrib meta spiċċajt mill-Università u bdejt naħdem Għawdex. Kien Dun Mikiel li ħajjarni nibda nagħti servizz fil-GDAŻ (Grupp Djoċesan Attivitajiet Żgħażagħ) u fiċ-Ċentru taż-Żgħażagħ fin-Nadur. Kellu fiduċja kbira fiż-żgħażagħ u ma kienx jibża' mill-isfidi li toffri din l-età, anzi kien juża l-enerġija tiegħu biex iressaqna aktar lejn Alla u lejn il-Knisja. Il-motto tiegħu kien *"Ad maiorem Dei gloriam"* – għall-akbar glorja ta' Alla.

Kien isib kull okkażjoni biex iwassal kelma ta' ġid liż-żgħażagħ. Niftakar darba f'Sibt il-Għid bagħat għalija u qalli: "Għandi biċċa xogħol għalik u għaż-żagħżagħ taċ-Ċentru". Tani ammont ta' *flyers* u bagħatna nqassmuhom liż-żgħażagħ f'post ta' divertiment li kien iffrekwentat ħafna. Anki fid-divertiment kien dejjem jara kif se jxerred kelma ta' kuraġġ. Kien sikwit isostni b'konvinzjoni: "Anki jekk ma jibqa' ħadd jemmen, jien nibqa' nemmen", u *"It's costly either way"*, u allura dejjem kien jisħaq fuq l-għażla t-tajba. Għalih kull persuna kienet importanti – għalhekk permezz tiegħu ħafna żgħażagħ resqu lejn is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.



Barra minn hekk, Dun Mikiel kien dejjem lest li jisimgħek. Meta xi żagħżugħ/a kienu jitolbu biex ikellmuh, kien mill-ewwel jgħid iva. Il-bieb tad-dar tiegħu dejjem kien miftuħ u hemm fil-kwiet ikunu jistgħu jitkellmu u jagħtihom xi parir. Sa tard filgħaxija Dun Mikiel kien ikun fil-kamra tal-uffiċċju fid-dar tiegħu jilqa' n-nies u joffri s-servizz ta' direzzjoni spiritwali. Min jaf kemm minna



sibna f'Dun Mikiel għajnuna spiritwali fil-mumenti l-aktar diffiċli ta' ħajjitna!

Dun Mikiel kien ukoll qassis missjunarju. Kien hu li fforma l-Grupp Missjunarju Għawdxi. L-iskop ta' dan il-grupp kien li jħajjar żgħażagħ jagħmlu esperjenzi missjunarji. Għalih kien importanti li jżur missjunarji Għawdxin. Jien kelli x-xorti nsiefer miegħu darbtejn – darba t-Tuneżija u darb'oħra l-Perù. Kien jemmen li ż-żjara lil missjunarji Għawdxin tagħtihom ħafna kuraġġ. U waqt dawn l-esperjenzi arah jagħti d-daqqa t'id meħtieġa u jagħmel kuraġġ kull meta xi membru tal-Grupp kien jaħbat jaqta' qalbu. Ma ninsa qatt ix-xena meta konna qed naqsmu l-Andes u jien bżajt ngħaddi minn passaġġ dejjaq ħafna, u nara lil Dun Mikiel jitlob għalija biex nagħmel il-kuraġġ u ngħaddi. Il-Peruvjani mill-ewwel raw fih dik it-tjubija! Bħalissa qed tiġi xena oħra quddiem għajnejja, fejn grupp ta' anzjani ġabulu bukkett żgħir fjuri qabel ma tlaqna mill-villaġġ. Anki bit-tbissima tiegħu Dun Mikiel kien jixhed qdusija.

Dun Mikiel kien jaħdem bla heda biex jgħin liż-żgħażagħ jersqu lejn Ġesù. Kellu mħabba speċjali lejn il-Madonna, speċjalment dik Ta' Pinu. Għalhekk fid-disgħinijiet hu waqqaf il-Grupp *GYM Talb Ta' Pinu*. Kien jgħid li kif iż-żgħażagħ imorru l-*gym* biex iżommu ġisimhom *fit*, hekk dan il-grupp għandu jgħin liż-żgħażagħ jikbru fl-imħabba tagħhom lejn Marija Ommna. Flimkien ma' grupp ta' żgħażagħ kien jorganizza laqgħat ta' talb darba fix-xahar kull tielet Ħamis – laqgħat li kull min attenda xi waħda minnhom għadu jiftakar dawk il-mumenti sbieħ f'riġlejn il-kwadru Ta' Pinu fil-preżenza tal-Ewkaristija. Ma kien jaqta' qalbu qatt. Anki meta aħna ż-żgħażagħ forsi xi darba konna naħbtu ħa naqtgħu qalbna, kien jagħmlilna kuraġġ u jsostni li aħna nagħmlu l-parti tagħna; hu l-Mulej li jaħdem permezz tagħna. Għalkemm qassis anzjan u forsi anki dgħajjef, kellu kuraġġ ta' sur u mħabba kbira.

Fuq kollox Dun Mikiel kien qassis Ewkaristiku. Anki meta kien ikun 'il bogħod mill-knisja, Dun Mikiel kellu dejjem lil Ġesù preżenti f'ħajtu. Min siefer miegħu żgur jiftakar is-*"Saturday Night Fever"* – kien itenni li waqt li hemm ħafna nies jiddevertu nhar ta' Sibt filgħaxija, Ġesù jinsab waħdu fit-tabernaklu. U jibda jsemmi raħal raħal f'Għawdex u kull knisja u kappella li fiha hemm Ġesù Sagramentat. Kien itenni: "Ejja nagħmlulu żjara fil-ħsieb tagħna u nuruh imħabbitna". Ma' Dun Mikiel għamilt is-*Saturday Night Fever* fid-deżert tat-Tuneżija, fil-ġungla tal-Amażonja u fil-muntanji tal-Andes. Anki fl-aktar postijiet remoti, Dun Mikiel kien jirnexxielu jingħaqad ma' Dak li kien iċ-ċentru ta' ħajtu.

Espressjoni li tiddeskrivi lil Dun Mikiel Attard hi *"a man for all seasons"* – qassis li jappella kemm għaż-żgħażagħ u kemm għall-adulti, qassis li kien miftuħ għall-oħrajn, qassis li kull fejn mar ħalla marka pożittiva fuq min iltaqa' miegħu. Fuq kollox, kien qassis li stajt tara fih l-imħabba ta' Alla għall-oħrajn. Grazzi, Mulej, li tajtni l-grazzja niltaqa' ma' dan il-qassis qaddis.

**Din is-serje ta' artikli qed tiġi ppubblikata mill-Postulazzjoni għall-Kawża tal-Beatifikazzjoni u l-Kanonizzazzjoni tal-Qaddej ta' Alla Dun Mikiel Attard bil-għan li dan il-Qaddej ta' Alla jsir aktar magħruf fost il-poplu ta' Alla.**

# Żmien il-Għid: 50 Jum ta' "Hallelujah"

Ħsibijiet minn tliet kotba tal-Arċisqof Fulton J. Sheen:
*"Our Grounds for Hope", "Moods and Truths",* u *"On Being Human"*

*riflessjonijiet miġbura mill-*
**Arċipriet C. Mercieca**

## 1 MILL-ĠIMGĦA L-KBIRA GĦALL-GĦID IL-KBIR

- L-Għid ma jistax jiġi mifrud mill-Ġimgħa l-Kbira.
- **Kristu, rebbieħ fuq il-mewt fil-Għid hu l-istess Kristu li kien vittma tal-ħażen fil-Ġimgħa l-Kbira.**
- Il-Ġimgħa l-Kbira kienet preludju għall-Għid il-Kbir.
- Mill-Ġimgħa l-Kbira għal Sibt il-Għid il-folja tinqaleb: L-Imsallab reġa' ħa l-ħajja. Il-Mejjet irxoxta.
- Aħna naslu għall-Glorja ta' Ħadd il-Għid permezz tal-passjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.
- Il-Kalvarju kien għal ftit żmien. L-Għid hu għal dejjem.
- Il-lezzjoni kbira tal-Għid hija din : "Ma kienx Kristu li miet fuq is-salib. Kienet il-mewt li mietet u nqerdet."
- Fil-Ġimgħa l-Kbira, il-ħażen għamel l-almu tiegħu kollu biex ikollu rebħa fuq **l-imħabba** u **t-tbatija. Veru li l-ħażen jista' jkollu rebħa għal siegħa. Iżda hu t-tajjeb li jikseb ir-rebħa aħħarija.**



### Fil-Ġimgħa l-Kbira

- l-għedewwa kienu ottimisti żżejjed.
- u l-ħbieb ta' Kristu kienu pessimisti żżejjed,
- l-għedewwa kienu mingħalihom "Alla miet" u r-rebħa tagħhom
- il-ħbieb ta' Kristu beżgħu li kollox kien intemm.
- Iżda fil-fatt, it-tnejn marru żmerċ.

### Is-Salib jistaqsi :

Għaliex Alla jippermetti l-ħażen u d-dnub isammru lill-Ġust mas-siġra tas-Salib?

### L-Għid iwieġeb :

Sabiex il-ħażen u d-dnub jiġu mirbuħa mill-imħabba. Għaliex l-imħabba hija aqwa mid-dnub u mill-mewt.

Kristu Msallab jista' bid-dritt jgħid **: "Jiena rbaħt lid-dinja".**

## 2 L-GĦID – REBĦA GĦAL KRISTU

- Hekk kif Kristu, telfa dawwarha f'rebħa bil-Qawmien tiegħu, hekk ukoll, aktar ma sitwazzjoni tidher *hopeless*, aktar il-qawwa ta' Alla taħdem b'ċertezza.
- **Bħalma suldat ġej mill-gwerra jġorr fuqu l-medalji tar-rebħa fuq sidru, hekk ukoll Kristu jqum mill-mewt bil-Ħames Pjagi, feriti li ġarrab u li bihom rebaħ il-battalja kontra d-dnub.**
- "Fl-ewwel jum tal-Ġimgħa (il-Ħadd), meta d-dixxipli kienu flimkien imbeżżgħin, bil-bibien magħluqa, Ġesù qagħad f'nofshom u qalilhom: "Il-Paċi magħkom". *(Ġw 20 : 19)* Ġesù kif daħal, ħadd ma jaf: iżda daħal.
- Dejjem hekk jiġri. Minkejja li l-bibien kienu magħluqa, minkejja l-biża' mill-għedewwa u minkejja d-dalma tal-waħx... dakinhar aktar tidher **il-qawwa ta' Alla.** Bil-Qawmien tiegħu mill-mewt, Kristu żgurana li l-ħażen qatt mhu se jirbaħ aktar.
- **Meta l-qawwiet tad-dlamijiet jidhru invinċibbli u ma jistgħux jiġu megħluba, dakinhar tidher aktar il-qawwa t'Alla li tirbaħ kull tfixkil.**
- Hawn min jaħseb li s-sitwazzjoni tad-dinja tal-lum hija *hopeless*, għaliex jgħidulek li dak kollu li jmiss



ma' Alla donnu jidher tellief. Iżda m'għandniex għax naqtgħu qalbna u niddispraw.

- Id-dinja dehret wkoll *hopeless* meta sallbet is-Salvatur. U safrattant, id-dinja bil-paganiżmu kollu tagħha għaddiet għaċ-ċiviltà Kristjana.
- Il-miraklu tal-Qawmien jista' jseħħ illum ukoll.
- Il-Messaġġ tal-Għid hu : "M'hemmx għalfejn niddispraw"

**Is-sitwazzjoni, tidher kemm tidher *hopeless,* għad baqa' tama għad-dinja tal-lum. Għaliex Kristu huwa "il-Qawmien u l-Ħajja".**

## 3 L-GĦID MESSAĠĠ TA' TAMA GĦALL-KNISJA

- La tibżgħux meta l-għedewwa tar-Reliġjon jippersegwitaw lill-Knisja, u jippruvaw jidfnuha fil-qabar kif għamlu lill-fundatur tagħha Ġesù Kristu
- Il-Knisja l-aktar li tagħmel progress dakinhar li tkun persegwitata.
- **Il-Knisja meta ma tkunx persegwitata tkun dgħajfa.**
- Il-Kristjaniżmu huwa differenti mir-reliġjonijiet l-oħra, għaliex dejjem jibda b'telfa. Iżda mbagħad it-telfa jdawwarha f'rebħa.
- Kemm se ddum it-taqbida bejn it-tajjeb u l-ħażin ma nafux.
- Kemm il-Knisja se ddum għaddejja minn tiġrib u minn persekuzzjonijiet... ma nafux.

Imma ħaġa waħda hi ċerta: **ir-rebħa hi tagħha żgur.** "il-bibien tal-infern ma jegħlbuhiex."

Bil-Qawmien ta'Kristu, ir-rebħa diġà ksibniha. **Rebaħ Hu, irbaħna aħna!**

- Il-qawwiet tal-ħażen ma jistgħu qatt jagħmlu agħar milli għamlu fuq il-Kalvarju meta sallbu lil Dak li hu l-istess Tjubija. La l-ħażen ma rebaħx dakinhar, qatt aktar mhu ser jirbaħ.
- **Id-dlam kollu tad-dinja, qatt mhu ser jirnexxilu jitfi d-DAWL.**
- Ix-xwabel kollha tad-dinja qatt mhu ser jirnexxilhom joqtlu ruħ waħda.
- Il-ħażen, qawwi kemm hu qawwi, qatt mhu ser jirnexxilu jisirqilna t-tama.

**Dejjem u f'kull żmien kien hemm xi nies li jlestu t-tebut għall-Knisja għax waslet fl-aħħar: iżda fil-fatt, fit-tebut daħlu huma, għaliex huma mietu u l-Knisja għadha ħajja.**

**Dejjem issib nies li jgħidulek li l-Knisja agunija u fl-aħħar nifs, imma safrattant il-Knisja għadha mimlija ħajja.**

**Dejjem issib nies li qed iħaffru l-qabar tal-Knisja biex jidfnuha darba għal dejjem. Imma safrattant, min irid jidfen lill-Knisja, jindifen hu stess fil-qabar li jkun ħaffrilha.**

## 4 L-GĦID MESSAĠĠ TA' TAMA GĦALINA

**Meta kollox jidher mitluf, dakinhar tfiġġ ir-rebħa.**

Il-mument ta' telfa, spiss huwa l-vġili ta' rebħiet spiritwali kbar.

**L-aktar siegħa mudlama tal-lejl hija l-bidu ta' żerniq ġdid.**

Id-dalma mhix għal dejjem. Malli jfiġġ id-dawl, ikeċċi u jaħrab id-dlam.

**Biex nilbsu l-kuruna tal-glorja, jeħtieġ li l-ewwel inxiddu l-kuruna tax-xewk.**

Biex naslu għad-dawl, irridu l-ewwel ngħaddu mill-wied tad-dlam.

Ma hemm l-ebda dell mingħajr dawl.

Ma hemm l-ebda xewka minghajr warda.

Ebda tbatija u sagrifiċċju mhu għalxejn.

Kif is-sħab iġorr ix-xita fuq il-muntanji, hekk is-sabar tiegħek fit-tiġrib, jgħin lil bnedmin oħra.

**Ħadd il-Għid mhuwiex biss miraklu tal-imgħoddi.**

**Huwa wkoll wegħda u garanzija għall-ġejjieni.**

**Kuraġġ! Ittama! It-tiġrija kważi ġrejtha kollha. Ftakar li dak Ġesù li għadda mill-Kalvarju jinsab ħdejk u jinkuraġġik għar-rebħa.**

# Alla jidher f'kull bniedem... Ħadd mhu żejjed!



Mons Lawrenz Sciberras

**Wieħed awtur Lhudi Joseph Roth, darba kiteb: "Ħafna huma l-ħlejjaq kbar u sbieħ, imma ma hemm xejn ammirabli u li jsaħħar daqs il-bniedem". Din hija verità li ħadd ma jista' jiċħadha.** Fil-waqt li s-salm 139, 14 jgħid: "Inroddlok ħajr għax b'mod tal-għaġeb għamiltni". Il-kelma "għaġeb" fl-Iskrittura mhix dak li nifhmu aħna biha, imma tfisser li quddiem Alla Ħallieq din il-kreatura hija tassew kbira, daqskemm unika fir-ruħ, fil-ġisem u fil-ħidma li għad tiżvolġi.

Il-ħolqien tal-biedem huwa xi ħaġa li wieħed assolutament ma jistax jifhmu. U dan għaliex qiegħed ukoll fuq il-quċċata tal-ħolqien. Biss interessanti ħafna kif l-aġġografu wara kull ġurnata li Alla kien joħloq fiha, jikteb: "U Alla ra li kollox kien tajjeb" (Ġen 1,10). Meta Alla ħalaq il-bniedem mela raġel u mara, u berikhom u ordnalhom biex inisslu u jimlew l-art, il-kittieb iżid: "U Alla ra li kollox kien tajjeb ħafna" (Ġen 1,31). Dan il-kliem fih x'wieħed jomgħod

## Fuq suriet Alla

Punt ieħor iktar għoli minn dak ta' qablu huwa x-xempju jew sura li fuqu Alla ħalaq il-bniedem, mela xempju divin; **"U Alla ħalaq il-bniedem fuq xbieħatu, fuq xbieħatu Alla ħalqu" (Ġen 1,27). Veru li Alla ma għandux sess, (raġel – mara), kif sikwit jiġri f'reliġjonijiet oħra. Għal Bibbja l-figura ta' Alla bħala Ħallieq għandha r-rappreżentazzjoni simbolika ħajja u effikaċi fit-tnejn li jiġġeneraw. L-imħabba tar-raġel flimkien ma' dik tal-mara, kapaċi li t-tnejn flimkien jiġġeneraw il-ħajja ġdida, sinjal tanġibbli li dan jasal sa għand Alla. Huwa kollu għalhekk li fis-salterju l-Mulej jidher bħala missier u omm fl-istess ħin; għaliex dan huwa mixja suġġestiva biex jirrivela lilu nnifsu fil-misteru tal-imħabba!**



Dak li qed jitlob għalhekk jgħid li huwa "l-iben tal-qaddejja tiegħek" (Sl 86,16). Din il-frażi turi x'kien qed isir fi klan familjari partikulari. Iżda s-salterju jmur aktar il bogħod minn hekk; difatti dak li qed jitlob jistqarr: "Għalkemm telquni missieri u ommi, il-Mulej jilqagħni għandu" (Sl 27,10). Dan ikompli jiċċara bil-fatt li Alla hu "il-Missier tal-orfni" (Sl 68,6). "Bħalma jħenn il-missier għal uliedu hekk iħenn il-Mulej għal min għandu l-biża" (Sl 103,13).

**Hemm ukoll numru ta' salmi fejn Alla jiġi ppreżentat bħala OMM twajba u ħanina.** Tant hu veru dan li l-għerq Lhudi ta' minn fejn tinbet l-imħabba mela "il-ġuf matern" jiġi applikat mhux anqas minn wieħed u għoxrin darba għal Alla fis-salterju. Hekk is-salm 131, jippreżenta lit-tarbija f'ħoġor ommha, miftuma – mela madwar sentejn u nofs – titliegħeb u ferħana għaliex qiegħda fi żgur u taħt il-ħarsien ta' ommha. "Imma żammejt ruħi fis-skiet u l-mistrieħ, bħal tarbija f'ħoġor ommha; bħal tarbija miftuma, hekk hi ruħi ġewwa fija" (Sl 131,2).

## Ħolqien il-bniedem

Hawn issa ta' min ikompli jaħseb u jgħarrex fuq min tassew hu l-bniedem. Kull wieħed iġorr ġo fih dan il-kobor, minkejja d-diversità tal-identità personali u fl-istess ħin mhemmx ripetizzjoni tagħha. Wieħed hu uniku u differenti minn l-ieħor. **Hemm għajdut Lhudi li jħobb juża dan ix-xebh bejn żewġ realtajiet maħluqa. "Il-bnedmin jinqdew b'forma waħda ta' flus, avolja jagħmlu numru kbir ta' muniti u li huma identiċi waħda għal oħra. Ir-Re tar-rejjiet, il-Qaddis u Imbierek, għamel il-forma ta' kull bniedem fuq il-forma, xempju ta' Adam. Madankollu ma ssib ebda individwu wieħed bħal ieħor. Mela kull wieħed jista' jgħid: "Id-dinja ġiet maħluqa għalija". U preċiżament hawn jidher il-kobor tal-Ħallieq.**

Din in-nobbiltà ta' kull persuna umana fl-identità u fid-diversità tagħha tibda diġà fil-ġuf tal-omm: Hawn qiegħed tassew il-kobor infinit ta' Alla, u hawn ukoll qiegħed l-ikrah tremend tal-abort. Ħalli nissiġillaw din il-verità bis-salm 39:

***"Għax int sawwart il-ġewwieni tiegħi,***
***U f'ġuf ommi inti nsiġtni***
***Nroddlok ħajr, għax b'mod tal-għaġeb għamiltni.***
*Tal-għaġeb huma l-għemejjel tiegħek.*
*U l-ruħi inti tafha tajjeb*



*Ma kienx moħbi għadmi minnek*
*Meta kont qiegħed insir fis-satra*
*U nintiseġ fil-qigħan tal-art.*
*Raw għajnejk l-għemejjel tiegħi*
*Kollha nkitbu fil-ktieb tiegħek*
***U jiemi kienu ġa magħduda***
***Meta ebda wieħed ma kien għad hemm.***
*Kemm huma tqal ħsibijietek għalija O Alla,*
*Kemm huma bla tarf il-għadd tagħhom" (Sl 139, 13-17).*

## Alla jaf bina sa mill-ġuf

Issa meta nirriflettu fuq il-ħarsa ta' Alla l-Ħallieq toħroġ idea kollha kemm hi oriġinali daqskemm straordinarja. Din il-ħarsa tidħol fil-ġuf imdallam tal-omm: Din hija l-ikona ta' Ommna l-Art, imma fuq kollox hija wkoll dik il-ħarsa tal-ġejjieni fiżiku u spiritwali tagħna. Madankollu, **l-ħarsa divina hija mixħuta direttament lejn dak il-għaġeb li huwa *l-golmì*, kelma bil-Lhudi li fil-Bibbja hija użata darba waħda biss (almenu f'din il-forma). Din il-kelma trid tfisser xi ħaġa mrambla, forma ta' ċilindru u li wieħed jista' liberament ifissirha bit-terminu "embrijun".**

Mela b'daqqa tassew emozzjonanti u mħeġġa s-Salmist qed jipproklama apertament li **dan il-*golmì*, embrijun, minkejja li għadu bla ebda forma ta' xejn, u daqshekk żgħir, imma Alla fl-omnipotenza infinita tiegħu diġà jaf sew bil-firxa wiesa tal-jiem, tal-ħsibijiet u tal-opri numerużi li din il-kreatura daqshekk ċkejkna għad tagħmel fin-nisġa tal-istorja ġejjiena tagħha.** Spontanjament il-ħsieb jiġri u jmur f'passi oħra paralleli ta' dikjarazzjoni divina li hemm f'Ġeremija, il-Qaddej ta' Jaħweh, il-Battista u San Pawl. Kollha kemm huma għandhom l-istess ħsieb profond minkejja li jesprimuh fi kliem differenti:

a) **"Qabel ma sawwartek fil-ġuf, għaraftek; qabel ma ħriġt minn ħdan ommok, ikkonsagrajtek, jien qegħedtek profeta fuq il-ġnus"** (Ġer 1,5).
b) "Isimgħuni gżejjer, agħtuni widen, popli mbiegħda! Il-Mulej mill-ġuf sejjaħli, **mill-ġewwieni ta' ommi ftakar f'ismi**" (Is 49,1).
c) "Għax hu jkun kbir quddiem il-Mulej, ma jkun jixrob ebda inbid jew xorb qawwi, u jimtela bi spirtu qaddis **sa minn ġuf ommu**" (Lq 1,15).
d) "Imma meta Dak li għażilni **sa minn ġuf ommi** u li sejjaħli permezz tal-grazzja tiegħu" (Gal 1,15).

Dan ifisser għalhekk kemm is-salm 136 ifaħħar u jgħolli l-omnixxenza (Alla jaf kollox) (vv 1-6) kif ukoll l-omnipreżenza divina (vv 7-12). Mela l-kreatura umana qiegħda **dejjem taħt il-ħarsien tal-Mulej sa mill-ewwel mument tal-eżistenza tagħha kif ukoll li dejjem hija msieħba minn idejH.**

## Konklużjoni

Ejjew għalhekk infittxu l-preżenza divina f'kull kreatura umana sa mill-ewwel mumenti (ġenesi) tat-tnissil tagħha, iżda niskopru wkoll **l-attenzjoni kostanti li biha Alla jsieħeb il-bniedem u dan mingħajr qatt ma jħallih waħdu. Il-bniedem huwa dak l-esseri li fih tista' tiltaqa' ma' Alla.** Dan jista' jsir għaliex l-istess Iben għadda mill-istess mixja tal-ħolqien, tal-konċepiment, tat-twelid, kiber maż-żmien u miet, tant li huwa wkoll sar *sarx*, laħam tal-bniedem. L-għaġeb hu li l-bniedem quddiem din il-mixja kollha jsir superjuri fuq kull kreatura oħra.

Alexander Saliba
Computer Sales and Services
65, Ta' Said Street Nadur, Gozo
alexandersaliba@gmail.com
21 555 358
99 864 262
**Repairs** Desktop PC's and Laptops - Android Phones and Tablets / iPads and iPhones




# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(It 68 Parti )*

## *IL-ĦABSIJIET TA' GĦAWDEX U XOGĦOL IL-KALZRIERA U L-GWARDJANA (4)*



Anton F. Attard

**Il-Priġunieri fil-Ħabs il-Ġdid**

Fil-ħabs ta' Għawdex iċ-ċelel u l-btieħi, billi huma spazjużi ħafna u l-għadd ta' persuni miżmuma limitat ħafna, ħadd ma kellu jidħollu d-dubju li l-priġunieri kienu se jinżammu ffullati ma' xulxin.

Fil-ħabs il-ġdid ta' Għawdex ma kien hemm ebda xogħol forzat.

Ix-xorta ta' xogħol li kien isir mill-priġunieri fil-ħabs il-ġdid ta' Għawdex kien dan: Jikinsu u jnaddfu l-ħabs u l-inħawi tiegħu, iġorru l-ilma għall-ħabs u jfettħu l-istoppa. Kienu jiżbgħu u jbajdu wkoll il-kmamar tal-ħabs.

Il-priġunieri fil-ħabs il-ġdid ta' Għawdex kienu jitħaddmu wkoll 'il barra mill-ħitan tal-ħabs billi jikinsu t-toroq taċ-Ċittadella qadima ta' Għawdex. Kien ikollhom superviżjoni fuqhom mill-Gwardjan tal-għassa.

Fis-sena 1938, il-Gvern nefaq £322. 13s 3d biex iżomm il-ħabs ta' Għawdex.

F'din l-istess sena l-priġunieri fil-ħabs il-ġdid ta' Għawdex ma jidhirx li qalgħu xi flus.

**Dawn kienu l-Kalzriera, il-Gwardjana u nies oħra li ħadmu fil-Ħabs ta' Għawdex.**

**Sena 1852:**

Il-Kalzrier Luigi Cutajar maħtur fl-1 ta' Settembru, 1839. Kellu Salarju ta' £30 fis-sena u 13s 4d talli kien jirregola l-istokk.

**Sena 1872:**

Il-Kalzrier Enrico Calderone maħtur fl-4 ta' Mejju, 1872. Kellu salarju ta' £30 iżda magħhom kellu wkoll £10 talli kien jagħmel xogħol klerikali fl-Uffiċċju tal-Pulizija f'Għawdex. Nifhmu li kien mal-ħatra tiegħu li nfetaħ il-Ħabs il-Ġdid fis-sqaq imsejjaħ Triq il-Ħabs, illum Triq Bieb l-Imdina. Għalhekk, l-isem "Triq il-Ħabs" ma setax kien eqdem minn din id-data.

**Sena 1900:**

Il-Kalzrier kien Enrico Calderone b'salarju ta' £48 fis-sena.

F'din is-sena nħatar il-Gwardjan Giuseppe Xuereb fit-18 ta' April, 1900, b'salarju ta' £30 fis-sena u dik is-sena ħa salarju ta' £21. 1s 8d. Nifhmu li kien f'din is-sena li saret riforma fil-ħabs il-ġdid. Fir-Rapport ta' din is-sena il-pjanta tal-Ħabs il-Qadim ma tingħatax.

Mis-**sena 1901** il-Kalzrier Calderone beda jingħata £4 għall-kera tad-dar.

**Sena 1904-1905:**

Il-Kalzrier kien Enrico Calderone b'salarju ta' £54 fis-sena.

Gwardjan: Giuseppe Xuereb maħtur fit-18 ta' April, 1900, b'salarju ta' £30. Xuereb ingħata wkoll l-uniformi u r-razzjon.

Fattiga: Luigi Cardona maħtur fl-1 ta' April, 1904, b'salarju £14 fis-sena, iżda dik is-sena ħa salarju ta' £12 3s 4d.

Nifhmu li kien f'din is-sena li beda jaħdem aħjar il-ħabs il-ġdid fis-sqaq imsejjaħ Triq il-Ħabs.

**Sena 1905-1906:**

Fir-Rapport ta' din is-sena dehret għall-ewwel darba l-pjanta tal-ħabs il-ġdid. Kien ukoll f'din is-sena li l-Gwardjan Ġużeppi Xuereb ingħata l-kwartieri fil-ħabs biex joqgħod fihom, naturalment flimkien mal-uniformi u r-razzjon.

**Sena 1906-1907:**

Il-Kalzrier Enrico Calderone spiċċa u floku laħaq Giuseppe Xuereb maħtur fid-9 ta' Ottubru, 1906, b'salarju ta' £54 fis-sena. Xuereb ħa wkoll £4 għad-dar u £10 għal xogħol klerikali fl-Uffiċċju tal-Pulizija.

Gwardjan: Emmanuele Said maħtur fid-9 ta' Ottubru, 1906, b'salarju ta' £30, iżda dik is-sena ħa £28 14s 5d. Emmanuele Said ingħata wkoll kwartieri residenzjali

fejn joqgħod fil-ħabs il-ġdid, ir-razzjon u l-uniformi. Dan Emmanuele Said kien magħruf bħala "Tat-Taljan".

Fattiga: Luigi Cardona b'salarju ta' £14.

### Sena 1918-1919:

F'din is-sena l-Gwardjan Emmanuele Said ingħata wkoll £1 10s bħala Bonus tal-Gwerra.

### Sena 1918-1920:

F'din is-sena s-salarju tal-Kalzrier Giuseppe Xuereb jidher bħala 5s kull jum, li jiġu £91 10s u £10 għal doveri klerikali fl-Uffiċċju tal-Pulizija.

Dak tal-Gwardjan Emmanuele Said jidher bħala 3s kull jum u £14 18s, u kellu wkoll il-kwartieri residenzjali fil-ħabs u r-razzjon.

### Sena 1929:

Ġużeppi Xuereb minn Kalzrier inħatar Gwardjan Ewlieni fl-1 ta' April, 1929, b'6s kull jum li jiġu £109. 10s 0d. Kellu wkoll *Allowance* ta' £8 fis-sena għad-dar fejn joqgħod.

Il-Gwardjan Emmanuel Said kellu 4s kull jum li jiġu £73 u *allowance* ta' £6 bħal *house allowance.*

### Sena 1933:

F'din is-sena nsibu li nħatar Gwardjan ġdid Francesco Vella li nħatar fl-1 ta' Settembru, 1933. Kellu salarju ta' £73 u £6 bħala *house allowance.* Dan Francesco Vella kien magħruf bħala "Id-Domna".

### L-Egħluq tal-Ħabs ta' Għawdex

Sa żmien it-Tieni Gwerra Dinjija l-Ħabs ta' Għawdex kien għadu jiffunzjona mhux ħażin. Bosta nies kienu jeħlu l-ħabs minħabba kontravenzjonijiet ta' żmien il-gwerra jew għax ma jibagħtux lil uliedhom l-iskola jew inkella serqiet żgħar. Terġa', il-flus tant kienu skarsi u meħtieġa li n-nies bdew jippreferu jmorru joqgħodu ġurnata jew tnejn il-ħabs milli jħallsu l-multa. Dak iż-żmien kien hemm ukoll Gwardjana mara, ċerta Marinton Gatt, bil-laqam "taż-Żiemel", minn Victoria, u li xogħolha proprju kien li taħdem il-bizzilla.

Wara l-mewt tal-aħħar Gwardjan tal-Ħabs, il-Gwardjan Ewlieni, msejjaħ ukoll "Il-Maġġur tal-Ħabs,"[22] l-operat tal-ħabs ta' Għawdex kien destinat li jispiċċa. Is-sentenza ta' priġuncrija biex wieħed jiskontaha fil-ħabs ta' Għawdex kienet tnizzlet minn sitt xhur għal ħmistax-il ġurnata. Il-vaganza ta' Gwardjan ma mtlietx. F'każ ta' bżonn kien jintbagħat xi ħadd temporanju, bħalma kien jintbagħat Leli Vento, tal-Ħbula, jew xi servjent mill-Isptar ta' Għawdex fuq bażi volontarja u bi ħlas *extra,* u dan kien jispiċċa malli jispiċċa l-priġunier. Lil Vento riedu jagħmluh tal-fiss, imma bil-patt li jmur iservi Malta, imma dan ma riedx imur jaħdem Malta. Dan l-aħħar l-ikel għall-priġunieri kien jinġieb mill-kċina tal-Isptar Victoria.

Skont ir-Rapport tal-Ħidma tal-Ħabsijiet ta' Malta għas-Sena 1961, insibu din l-informazzjoni:

"Il-Ħabs Ċivili tal-Gran Kastell fil-Gżira ta' Għawdex ingħalaq fil-bidu tas-sena 1961, imma saru arranġamenti biex ikun jista' jerġa' jinfetaħ meta jkun meħtieġ. Priġunieri ssentenzjati mill-Qrati tal-Maesta' Tagħha f'Għawdex, għal perijodi li ma jeċċedux il-ħmistax-il ġurnata, iservu s-sentenza tagħhom f'Għawdex. Altrimenti priġunieri ssentenzjati mill-Qrati tal-Maesta' tagħha f'Għawdex jiġu trasferiti biex iservu s-sentenza tagħhom fil-Ħabsijiet Ċivili ta' Malta."

Ir-Rapport għas-sena 1962 żied igħidilna:

"Ittieħdet id-deċiżjoni li billi baqa' xi tiswijiet kbar xi jsiru u tibdil strutturali meħtieġ fil-Ħabs Ċivili tal-Gran Kastell, il-priġunieri ssentenzjati mill-Qrati ta' Għawdex għandhom iservu s-sentenza tagħhom fil-Ħabsijiet ta' Malta, anki saħansitra għal perijodi li ma jaqbżux il-ħmistax-il ġurnata."

*(jissokta)*

HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE
FIRE PLACES
Importers of
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

Xerri l-Bukkett

Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iż-Żewwieqa Qala
Tel. 21553500

# L-Erba' Anniversarji Nazzjonali



**Anton Tabone**
*anton.tabone@onvol.net*

**Kif jaf kulħadd din is-sena ssibna nfakkru u niċċelebraw erba' anniversarji nazzjonali ta' avvenimenti li wasslu biex pajjiżna jsir stat sovran, demokratiku, ċivili, modern, b'ekonomija żviluppata, u rapprezentat fil fora dinjija. Pajjiż indipendenti, ħieles, repubblikan, membru tal-Unjoni Ewropea. Pajjiż li għandu għad-disposizzjoni tiegħu l-istrumenti amministrattivi meħtiega bħal dawk ta' pajjiżi ferm u ferm ikbar fil-qies minn Malta. Il-kapulavur ta' pajjiżna kien u jibqa', li minkejja ċ-ċokon tiegħu, jippossjedi l-infrastruttura sħiħa paragunabbli ma› pajjiżi ġganti f'termini dimensjonali.**

Fil-kuntest tal-erba' anniversarji xtaqt indaħħal il-kontribut ta' gżiritna matul il-perijodu indikat fil-programm tal-festi u oħrajn 'il barra minnu. Dejjem ħassejtu neċessarju nisħaq li Għawdex kien u jibqa' kontributur fl-interess nazzjonali, għax dejjem instab fuq in-naħa ġusta tal-istorja fil-kuntest ta' kif appoġġja b'mod konkret il kisbiet storiċi li bnew in nazzjon tagħna kif nafuh illum. F'kull avveniment insibu lill-Għawdex jimbotta 'l quddiem l-aspirazzonijiet tal-poplu u qatt ma baqa' lura. Għalhekk jidhirli li b'xi mod għandu jixref sehemu f'dan kollu għas-sodisfazzjon tal-Għawdxin u għal għarfien ta' kulħadd.

Jekk wieħed jibda biex jeżamina kif ir-rapreżentanti tal-poplu Għawdxi fil-Parlament Nazzjonali vvutaw għall-akkwist tal-Indipendenza fis-sajf tas-sena 1964, isib li mid-distrett elettorali t'Għawdex kienu erba' membri



minn ħamsa li vvutaw favur. F'dik l-okkażjoni ma kienx hemm distrett elettorali ieħor ġewwa Malta li ta l-istess riżultat. Fil-każ ta' meta Malta saret Repubblika l-MPs jirrapreżentaw lill-votanti Għawdxin ivvutaw ilkoll kemm huma favur – ħamsa minn ħamsa, ta' naħa u oħra. Bla dubbju ta' xejn, almenu f'dawn iż-żewġ okkażjonijiet l-appoġġ parlamentari kien kważi assolut. Fuq nota familjari, nħoss sodisfazzjon kbir niftakar li missieri bħala deputat, ivvota fil-Parlament favur l-Indipendenza ta'Malta u jien u zijuwi, Ċensinu, bħala deputati, vvutajna fil-Parlament favur Malta Repubblika. Sintendi dan għamilnih mal-maġġoranza tal-kollegi MPs tagħna f'dawk il-perijodi.

Fl-okkażjoni tat-tmiem tal-bażi militari f'pajjiżna, magħrufa bħala Jum il-Ħelsien, ma niftakarx li kien hemm xi vot speċifiku fil-Parlament. Ma niftakar l-ebda manifestazzjoni pubblika ta' reżistenza. It-trattat tad-difiża bejn Malta u r-Renju Unit magħmul fil-1964 għal għaxar snin kellu jiskadi fil-1974, liema trattat emendat ġie mtawwal b'ħames snin sal-1979. Għaldaqstant anki dan l-avveniment għadda b'wiċċ il-ġid mingħajr konfrontazzjonijiet jew kuntrasti żejda. Għalhekk din l-okkażjoni ukoll u s-sinjifikat tagħha sar wieħed paċifiku.

Mhux l-istess jista' jingħad meta il-pajjiż ġie biex jagħżel it-triq li twasslu biex jidħol u jingħaqad fl-Unjoni Ewropea, jew nkella biex jibqa' barra. Viżibilju ta' dibattiti kbar u ħafna drabi sħan, kienu organizzati ma' Malta u Għawdex. Kienu diskussi ż-żewġ proposti: il-"*partnership*" min-naħa u "Malta Stat Membru fl-UE" min-naħa l-oħra. Referendum u elezzjoni ġenerali wara, iddeċidew id-destin tal-pajjiż. Il-maġġoranza tal-votanti Għawdxin kemm fir-referendum kif ukoll fl-elezzjoni ġenerali kienu b'mod konsistenti favur id-dħul fl-UE. Għaldaqstant Malta saret parti mill-UE daqs kull stat ieħor qabilha u warajha, u llum kapitlu ieħor fl-istorja tagħna lkoll jinsab magħluq u siġillat ukoll. Hawn ukoll fuq nota personali nirreġistra s-sodisfazzjon li bħala *Speaker* iffirmajt dokumenti parlamentari konnessi mad-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea.

Ktibt iżjed 'l fuq li Għawdex minn dejjem kien kontributur fl-interess nazzjonali u jeżistu ħafna iżjed okkażjonijiet li jixhdu dan, minbarra dawk elenkati hawn fuq. Għalkemm m'għandu x'jaqsam xejn mal-avvenimenti msemijin hawn fuq, ma tistax tħalli barra meta fl-aħħar gwerra dinjija Għawdex u l-bdiewa tiegħu kienu jfornu lill-Malta bil-qamħ u prodotti agrikoli varji u fl-istess żmien il-gżira kienet tipprovdi kenn u rifuġju lill-mijiet ta' familji Maltin biex jiskansaw mill-perikli tal-bumbardamenti mill-ajru fuq lokalitajiet residenzjali tagħhom ġewwa Malta. Nemmen bi sħiħ li dan l-episodju ta' qlubija fil-patrijottiżmu tiegħu għandu ikun reġistrat u ċertament hu eżempju dejjiemi tal-kontribut responsabbli u ġeneruż ta' Għawdex fl-interess suprem nazzjonali.

Tiġini wkoll f'moħħi l-ġrajja tas-*Sette Giugno* meta Giuseppe Bajada mix-Xagħra nqatel b'arma tan-nar sparata mit-truppi Ngliżi u nżerta kien wieħed mill-erba' persuni li tilfu ħajjithom f'dik l-okkażjoni ta' protesta nazzjonali kontra l-għaks li kien jiddomina l-ħajja ta' kuljum, kif ukoll kontra l-ħakma kolonjali. Ikomplu jiġuni f'moħħi tant Għawdxin jew mnissla minn Għawdex, li daħlu fil-kamp tal-politika u taw sehemhom bl-unuri kollha fl-interess nazzjonali, bħala Kapijiet, Deputati Mexxejja, Ministri u 'l bqija.

Ma dawn inżid Għawdxin li laħqu l-apiċi tal-karriera jew missjoni tagħhom billi spiċċaw fl-għola karigi tal-pajjiż. Arċisqof u Isqfijiet; Prim Mħallfin u Mħallfin; Avukati tal-Kuruna; Professuri Akkademiċi, Maestri ta' l-Orkestra nazzjonali. Sa tasal fil-qasam edukattiv u tiftakar fl-Għawdxin li bnew u strutturaw l-ilsien Malti: DeSoldanis, Ninu Cremona, Ġużè Aquilina, Ġorġ Pisani huma forsi l-aqwa fost oħrajn li taw kontribut indispensabbli fil-grammatika u fil-letteratura ta' ilsienna. L-istess kontribut eċċellenti ġej minn għadd ġmielu ta' artisti Għawdxin – fl-iskultura, fil-pittura, fil-mużika, fil-kant, fuq il-palk u l-kumplament.Dawn ukoll kkontribwew mhux ftit fl-interess nazzjonali.

L-istess Djoċesi Għawdxija hi kontributur qawwi għall-interess nazzjonali. L-operat tagħha f'dawn l-aħħar mija u ħamsin sena ta ħafna frott mhux biss fil-liturġija u fil-kultura imma wkoll meta membri mill-kleru tagħha u reliġjużi oħra marru jagħmlu xogħol pastorali barra minn Malta u bil-preżenza tagħhom poġġew isem pajjiżna fuq livell internazzjonali b'benefiċċju għal interess nazzjonali. Effettivament, aħna l-Għawdxin din is-sena, minbarra li ninsabu nassistu għall-erba' anniversarji nazzjonali indikati hawn fuq, ninsabu ukoll infakkru, appuntu il-150 anniversarju mit-twaqqif tad-Djoċesi tagħna.

**Iktar ma nikber, jiġifieri iktar ma nixjieħ, ma nistax nimmaġina lil Għawdex mingħajr Malta, imma daqstant ieħor ma nistax nimmaġina lil Malta mingħajr Għawdex.**

BEAVER
Whether you are mother of the bride/groom or guest we want you to have the perfect dress for your special occasion.
We also carry evening dresses and formal wear, shoes, bags and also hiring of hats.
2, St George's Square, Victoria, Gozo, Malta - Tel: 2155 1287
Left handside of St George's Basilica

# L-għasafar fil-Qwiel

*(Dan huwa s-sitt artiklu minn sensiela ta' kurżitajiet dwar xi speċi ta' flora u fawna li għandhom x'jaqsmu ma' Għawdex u l-istorja tiegħu).*



*kitba u ritratti ta'*
**Joe Sultana**

Missirijietna kellhom xeħta kif iżejnu kliemhom. Waqt xi diskursata, u anke xi argument, erħilhom jitfgħu erba' kelmiet li jkun fihom x'tifhem. Kienu jivvintawh kliem il-għerf, u jinqdew b'xi qawl biex jagħtu xi tifsira; biex iħabbru x'jista' jinqala'; jew biex isaħħu l-argument tagħhom. Il-qawl, jew kif nafuh ukoll bħala proverbju, jikkonsisti fi ftit kliem li jkun fihom x'tomgħod. Sfortunatament illum ħafna qwiel, jew proverbji, kważi tlifnihom; rari tismagħhom ħlief minn għand xi ħadd mgħobbi biż-żmien, li fil-vokabularju tiegħu, kliem bħal kompjuter, internet u mowbajl, ma jeżistux. "Kliem ix-xiħ, żomm fih" huwa wieħed minn dawk il-qwiel li għadek kull tant tisma' u li hu magħruf sew fil-gżejjer tagħna. Imma hemm ħafn'oħrajn li f'ċerti nħawi ta' Malta u Għawdex qatt ma kienu jużawhom jew jafu bihom, għax ma kinux parti mill-ambjent tagħhom.

Fost xi qwiel insibu dawk li jitkellmu dwar xi għasfur partikolari, jew inkella jużaw l-isem ta' għasfur figurattivament. Il-Bilbla minn dejjem kienet popolari speċjalment fl-imgħoddi meta kienet ħafna iżjed komuni milli hi llum. Kienet tbejjet fl-inħawi kollha fil-kampanja t'Għawdex. Il-Bilbla ma tinstabx is-sena kollha f'pajjiżna. Tasal fir-rebbiegħa, tibqa' magħna fi żmien il-bejta, u tħallina fil-ħarifa. Dan il-fatt jissemma fi tlett iqwiel. Wieħed minnhom igħid: **Nhar il-Lunzjata tiġi l-Bilbla u tmur l-Alwetta**. Jingħad hekk għax għal kuntrarju tal-Bilbla, l-Alwetta tasal hawn fil-ħarifa, u wara li tqatta' x-xitwa magħna, titlaq fir-rebbiegħa biex tbejjet fl-Ewropa.



*Il-Bilbla tasal fir-rebbiegħa biex tbejjet*

It-tieni proverbju huwa l-istess, imma jsemmi meta titlaq il-Bilbla mhux meta tasal: **"Fid-Duluri tmur il-Bilbla u tiġi l-Alwetta"**.



*Tliet frieħ tal-Bilbla fil-bejta.*

It-tielet proverbju jgħid **"Il-Pespus ikeċċi l-Bilbla"**. Diversi speċi ta' psiepes, bħad-Dizz, iżurna fil-passa tar-rebbiegħa u tal-ħarifa. Wieħed minnhom, li fix-Xagħra nafuh bħala l-Pespus tal-Ġarġir, jasal f'Ottubru u jqatta' x-xitwa f'pajjiżna. F'Ottubru titlaq il-Bilbla u għalhekk il-qawl jgħid il-Pespus ikeċċi l-Bilbla. Qawl ieħor igħid **"Fejn hemm il-qniepen hemm il-bliebel"**. Kien hemm min kiteb u fisser li dan il-proverbju jingħad għax f'art moxa jkun hemm il-fjuri qishom qniepen u hemm ikun hemm ukoll il-bliebel. Tifsira mġebbda naraha jien. Wisq naħseb li f'dan il-kas il-qawl mhux qiegħed jirreferi għall-għasafar. Il-kelma bliebel mhix biss il-plural ta' Bilbla. Hija wkoll il-plural ta' belbul, li tfisser xi ħaġa mdendla u tixxejjer u x'aktarx li dan il-qawl jirreferi għall-ilsien tal-qanpiena. Għalhekk dan il-qawl antik igħid li fejn hemm il-qniepen hemm il-bliebel (l-ilsna tal-qniepen).

Il-Buqrajq, għasfur tal-passa, li joħroġ iħuf x'ħin ikun se jidlam biex jaqbad l-insetti fl-ajru. Jidher l-iżjed f'pajjiżna fir-rebbiegħa. Għalhekk qawl ieħor igħid **"Nhar San Ġużepp jidher il-Buqrajq"**. Dari n-nies ma kienx ikollhom kalendarji u ż-żmien kienu jassoċjawh mat-twemmin reliġjuż



*Il-Kokka 'l uliedha tara l-isbaħ.*



*Iċ-Ċiefa tasal f'Ta' Ċenċ f'San Mattija.*



*Iċ-Ċawla tissemma' f'ħafna qwiel.*

u mal-festi tal-qaddisin. Iċ-Ċiefa, tajra mdaqqsa, tqatta' għomorha fuq il-baħar u tersaq lejn l-art bil-lejl fi żmien il-bejta, wara li tkun għaddiet ix-xitwa bejn sema u ilma. Fis-sisien f'Ta' Ċenċ hemm kolonja kbira taċ-Ċief. Meta darba kont hemm ħdejn raġel xiħ minn ta' Sannat, u l-kliem waqa' fuq iċ-Ċief, malajr semmieli l-Qawl "**F'San Mattija tasal iċ-Ċiefa**".

Issib xi nies li ma tantx jiggustaw lil x'uħud mill-għasafar, minħabba l-għamla u l-imġiba tagħhom, jew għax m'għandhomx kuluri attraenti. Ma jarawhomx sbieħ. Fost dawn insibu l-kokk. Minħabba f'hekk il-Kokka tintuża figurattivament fil-qawl "**Il-Kokka 'l uliedha tara l-isbaħ**", li jfisser li l-omm lit-tfal tagħha tara l-isbaħ. L-istess jingħad f'qawl ieħor "**Iċ-Ċawla 'l uliedha tara l-isbaħ**".

Iċ-Ċawla tissemma' f'diversi qwiel, għax fl-imgħoddi kienet magħrufa sew minn missirijietna. Fost il-qwiel biċ-Ċawla nsibu "**Jekk int Ċawla tipprovax tagħmilha ta' Ajkla**"; parir siewi għal xi ħadd li jippretendiha ħafna mingħajr ma jkollu biex. U għal xi ħaġa li rari jew qatt ma sseħħ, il-qawl jgħid: "**Ċawla bajda qatt ma dehret**", għax iċ-Ċawla, l-Għorab, il-Korvu u ċ-Ċawlun, speċi taċ-Ċawl, kollha huma għasafar suwed.

Sfortunatament iċ-Ċawla nqerdet minn pajjiżna. Inqerdet minn dawk li ma kellhom l-ebda ħjiel xi jfisser li tirrispetta n-natura tal-gżira tagħna u li tapprezza l-għasafar ħajjin fil-kampanja. Għad fadal minnhom li ma jħallu xejn li jbejjet fi gżiritna. L-aħħar kolonja taċ-Ċawl kienet tinstab fil-Qortin tax-Xagħra fejn madwar 30 Ċawla kienu għadhom ibejtu hemm 64 sena ilu. L-aħħar Ċawla sparaw fuqha fuq l-Għolja tad-Dabrani f'April 1956.

Ta' min igħid li l-paremjoloġija hija l-istudju u l-ġbir tal-qwiel u l-aqwa paremjologu fil-Gżejjer Maltin kien l-Għawdxi l-Professur Ġużè Aquilina li fl-1972 ippubblika "*A Comparative Dictionary of Maltese Proverbs*", u fl-1975 ippubblika "*It-Teżor tal-Qwiel Maltin*".

(Letteratura li qdietni: Attard, J. 1963. Conserving the most neglected part of our National Heritage – The Birds. M.O.S. Gozo Branch First Biannual Report January 1963:9-13; Sultana, J. 200. L-Għasafar ta' Malta. PIN, Malta.).




# L-ewwel Kmandament:

## *"Hemm miktub, 'Lill-Mulej Alla tiegħek tagħti qima, u lilu biss taqdi.' " (Lq 4,8)*



Mons Renato Borg

**Il-Bibbja hija r-rakkont mimli entużjażmu u drammatiku tal-"istorja ta' mħabba" bejn Alla u l-poplu tiegħu: hija l-istorja tas-salvazzjoni li bdiet meta Alla sejjaħ lill-Abraham u d-dixxendenti tiegħu. Daħal fid-djalogu magħhom u beda jurihom ftit ftit l-identità tiegħu u l-pjan tas-salvazzjoni li kellu għall-bniedem. Minn naħa tiegħu, l-poplu kien imsejjaħ biex iwieġeb billi jafda fil-wegħdiet ta' Alla u jkun fidil għat-talbiet tiegħu. L-Antik Testment jurina kontinwament it-tiġdid tal-Patt bejn Alla u l-bniedem, dejjem taħt is-sinjal tal-fedeltà ta' Alla, li juri lilu nnifsu bħala l-uniku salvatur ta' Iżrael.**

F'diskors li għamel Mosè lill-poplu tiegħu jgħidlu li Alla huwa fidil fil-wegħdiet li jagħmel (*Dt* 4,32-40). Propju għaliex Alla wera ruħu fidil fil-wegħdiet ta' mħabba, huwa jitlob u jistenna mill-poplu l-istess fedeltà: b'dan il-mod biss Iżrael jista' jkun ferħan u jistana dejjem aktar. Dan huwa l-kontenut tal-ewwel Kmandament: "Jiena l-Mulej li ħriġtek mill-art tal-Eġittu, minn dar il-jasar. 'Ma jkollokx allat oħra ħliefi; ma tagħmel ebda idolu jew xbieha ta' ebda ħlejqa li hemm fl-għoli tas-smewwiet, jew taħt l-art, jew fl-ibħra taħt l-art. Tadurahomx u sservihomx" (*Dt* 5,6-9).

### It-tweġiba ta' Iżrael

Minkejja li Alla huwa fidil fil-wegħdiet tiegħu, Iżrael huwa sikwit ittentat li jpoġġi l-fiduċja, it-tama u l-imħabba propja tiegħu fuq "salvaturi" jew "ħelliesa" oħra u kull darba li jagħmel dan jiskopri li dawn il-preżunti "salvaturi" mhumiex kapaċi jieħdu tassew ħsieb il-poplu. B'dan il-mod, fi storja li nistgħu ngħidu li hija karatterizzata minn ħafna fallimenti u infedeltajiet, Iżrael isir dejjem iktar konxju li jeżisti Alla wieħed u li l-allat l-oħra huma foloz għax maħluqa minn idejn il-bniedem (*Salm* 115).



Mhux hekk Ġesù. Fil-bidu tal-ħajja pubblika, meta Ġesù kien meħud mill-Ispirtu fid-deżert, u ġie ttentat mix-xitan biex jaqla' ħarstu minn fuq il-Missier billi jinżel jadurah, Ġesù jagħżel lil Alla l-Missier bħala l-unika ħaġa tajba u jgħid lix-xitan: "Itlaq, Xitan! Għax hemm miktub, 'Lill-Mulej Alla tiegħek, għandek tadura, u lilu biss taqdi.' " (*Mt* 4,10). Barra minnhekk Ġesù jwissi lil dawk li jsegwuh biex joqgħodu attenti mill-ipokresija ta' dawk li jridu juru lilhom infushom f'atteġġament ta' talb biex jintgħoġbu mill-bnedmin (*Mt* 5,5-6). Għal kuntrarju, "Alla huwa spirtu, u dawk li jadurawh għandhom jadurawh fl-ispirtu u l-verità.» (Ġw 4,24).

### Tadura lil Alla fil-verità – Il-kult spiritwali

Li tadura lil Alla fil-verità jfisser li r-relazzjoni tiegħek ma' Alla tgħaddi fost ir-relazzjonijiet tal-oħrajn. Dan għaliex jekk hemm Alla wieħed biss u dan huwa Missier, dan ifisser li l-bnedmin kollha huma aħwa. Il-fidi f'Alla wieħed, jekk mhix akkumpanjata mill-ġustizzja u mill-fraternità, hija kollha ta' xejn; min jgħid li jħobb lil Alla u ma jħobbx lil ħuh huwa giddieb (Ġk 2,14-26; 1Ġw 4,20-21).

F'diversi tradizzjonijiet reliġjużi, inkluża dik Ebrajka, insibu riti li bihom il-bniedem jipprova jesprimi r-relazzjoni tiegħu ma' Alla. Is-sagrifiċċji reliġjużi, li f'xi reliġjonijiet għadhom jikkonsistu fl-offerta tal-qtil ta' annimali, riedu jfissru r-rieda tal-komunità li tpatti għad-dnubietha u hekk twaqqaf mill-ġdid l-għaqda ma' Alla. Ġesù biex juri dak li hu tassew essenzjali fir-relazzjoni ma' Alla jikkwota l-profeta Hosegħa: "Mela morru tgħallmu x'jiġifieri, 'Ħniena rrid, u mhux sagrifiċċju'" (*Mt* 9,13; 12,7). L-appostlu San Pawl min-naħa tiegħu juri li fil-Kristjaniżmu l-kult issa sar wieħed spiritwali u għalhekk m'għadux iktar meħtieġ is-sagrifiċċju tal-annimali. Dawk li jemmnu fi Kristu huma f'komunjoni ma' Alla meta huma jgħixu l-istess għotja li biha Ġesù ta ħajtu għalina: "Nitlobkom ħuti, għall-ħniena ta' Alla, offru ġisimkom b'sagrifiċċju ħaj, qaddis, jogħġob lil Alla, jiġifieri l-qima spiritwali tagħkom" (*Rm* 12,1).

Kull bniedem għandu d-dritt u d-dmir morali li jfittex il-verità, l-aktar il-verità dwar Alla u l-Knisja tiegħu u, meta jsibha, il-bniedem huwa fid-dmir li jħaddanha u li jieħu ħsiebha

b'fedeltà, billi jagħti lil Alla qima vera. Fl-istess waqt, id-dinjità tal-bniedem titlob li fejn tidħol ir-reliġjon, ħadd ma jiġi mġiegħel imur kontra l-kuxjenza, kemm privatament u kemm pubblikament, waħdu jew flimkien ma' oħrajn, sakemm dan isir fil-limiti ġusti ta' l-ordni pubblika (ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika,* 2104-2109, 2137).

## L-adorazzjoni esperjenza ta' libertà

L-adorazzjoni ta' Alla wieħed hija esperjenza vera ta' liberazzjoni u ta' ħelsien. Libertà milli l-bniedem idur fuqu nnifsu u jingħalaq fih innifsu; ħelsien mill-iskjavitù tad-dnub u mill-idolatrija tad-dinja. Dan għaliex kif għallimna Ġesù ma tistgħux taqdu fl-istess ħin żewġ sidien; lil Alla u lili nnifsi, lil Alla jew lid-dinja (*1 Ġw* 2,15) lil Alla u l-flus (*Mt* 6,24). Minkejja l-ħafna kondizzjonamenti li magħhom il-bniedem jiltaqa' fil-ħajja tiegħu ta' kuljum, però l-bniedem huwa f'qagħda li jagħmel għażliet tassew ħielsa minn kull rbit. Dan huwa possibbli jekk il-bniedem iżomm quddiem għajnejh li hu jappartjeni lil Alla. L-esperjenza tal-imħabba gratuwita u bla ebda kondizzjoni li ġejja minn Alla hija l-bażi ta' dan il-kmandament li minnaħa tagħna jitlob li aħna nwiegħbu billi nħobbu lil Alla fuq kollox u l-ħlejjaq l-oħra bħala rigal ta' Alla. Il-bniedem jista' jesperimenta ħelsien veru meta hu jagħti lilu nnifsu lil Alla.

Għalhekk għan-nisrani dan ifisser li jħares u jwettaq it-tliet virtujiet teologali, il-fidi, it-tama u l-imħabba u li jaħrab mid-dnub li jmur kontra dawn il-virtujiet.

## Ix-xbiehat u l-kult ta' Alla

Nafu bl-akkuża li ssir lill-insara fl-użu li jagħmlu ta' xbiehat u statwi oħra biex huma jagħtu kult lil Alla. Kien hemm żmien fl-istorja tal-Knisja li l-ikonoklasti riedu jneħħu għal kollox dawn ix-xbiehat. San Tumas ta' Aquino jispjega dan il-kult b'dan l-argument: "L-atti ta' kult mhumiex indirizzati lix-xbiehat fihom infushom, iżda inkwantu li jservu biex juruna lil Alla inkarnat." San Tumas ikompli jispjega li dawk li jitfgħu ħarsithom fuq ix-xbiehat, il-ħarsa tagħhom ma tieqafx fuq ix-xbieha nnifisha, iżda hija indirizzata għar-realtà li hija tippreżenta.

Il-*Kompendju tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* fil-paragrafu 446 filwaqt li jafferma li fit-Testment il-Qadim, dan il-kmandament hu projbizzjoni ta' kull xbieha ta' Alla, li hu kollu kemm hu traxxendenti, jkompli josserva li "Minn meta l-Iben ta' Alla sar bniedem, il-kult nisrani ta' xbiehat qaddisa ġie ġġustifikat (bħalma jgħid it-tieni Konċilju ta' Niċea tas-sena 787AD), ladarba huwa bbażat fuq il-Misteru tal-Iben ta' Alla magħmul bniedem, fejn Alla traxxendenti juri lilu nnifsu. Dan ma jfissirx li wieħed jadura xbieha imma li wieħed jagħti qima lil min tirrappreżenta dik ix-xbieha: Kristu, il-Verġni Marija, l-anġli u l-qaddisin."

## Id-Dnubiet li jeħduha kontra dan il-Kmandament

(Ara:*Il-Kompendju tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika,* 445; *Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika,* 2110-3128, 2138-2140)

**Dan il-kmandament jipprojbixxi:**

- *Il-politeiżmu* u *l-idolatrija,* li jagħmel alla lil xi ħlejjaq: il-ġid, il-flus u saħansitra lix-xitan innifsu;
- *Is-superstizzjoni,* li hi tgħawwiġ tal-qima li tistħoqq lil Alla veru u li tieħu diversi suriet fosthom: it-teħbir, il-maġija, is-seħer u l-ispiritiżmu;
- *L-irreliġjon,* li tesprimi ruħha meta l-bniedem jittanta lil Alla bi kliem jew b'għemil; fis-sagrileġġ li hu profanazzjoni ta' persuni jew ħwejjeġ qaddisa, b'mod speċjali l-Ewkaristija; fis-simonija li hi x-xiri u l-bejgħ ta' realtajiet spiritwali;
- *L-ateiżmu* li jiċħad l-eżistenza ta' Alla u li spiss huwa bbażat fuq fehma qarrieqa tal-awtonomija tal bniedem;
- *L-anjostiċiżmu* li ma jgħid xejn jew ma jaf xejn dwar Alla u li jista' jkun sura ta' indifferentiżmu u ta' ateiżmu fil-prattika.

**Forsi meta nagħtu ħarsa lejn din il-lista, wħud minna jistgħu jgħidu li qatt ma naqsu mill-ħarsien ta' dan il-kmandament. Iżda jiena u int hemm bżonn li b'sinċerità kbira nagħtu ħarsa lejn kif ngħaddu l-ġurnata ta' kuljum. Int u jien qegħdin insibu ħin għal Alla f'ħajjitna? Kemm ngħaddu ħin fid-djalogu u adorazzjoni lil Alla? Xi tfisser meta f'ġurnata nsib ħin għal kollox iżda mbagħad m'għandix ħin għal Quddiesa? Meta xi ħadd jaqa' fuqna u jistedinna biex nagħrfu aħjar lil Alla u nersqu iktar lejh għaliex it-tweġiba tkun "M'għandix żmien"? Naħseb li mhumiex ftit l-artali li tellajna lil xi allat foloz li qegħdin isawru ħajjitna.**



# L-Inbid fil-Bibbja

Fr Charles Buttigieg



## Is-Simbolu tal-Inbid

L-inbid fil-Bibbja huwa s-simbolu ta' ferħ u jissemma ħafna drabi fil-Bibbja (ara Salm 104:14 u Qoh 9:7). Huwa s-simbolu tal-prosperità u tal-Art Imwegħda, l-għenba hija s-simbolu ta' Iżrael. Jissemma sa minn żmien Noe sal-Ġdid Testment fejn naraw l-episodju importanti tal-ewwel sinjal li sar fit-tieġ ta' Kana, fejn Ġesù biddel l-ilma fl-inbid. Mela l-ewwel miraklu li għamel Ġesù kellu rabta mal-inbid. L-inbid huwa fuq kollox marbut mas-saħħa u mal-barka ta' Alla, filwaqt li x-xarbiet velenużi huma marbutin mas-saħta. Għalhekk l-inbid, huwa s-simbolu ta' ferħ u ta' festa, "li jferraħ qalb il-bniedem" (Salm 104:5); ma tistax timmaġina festa mingħajr inbid: "Ma għandhomx inbid", qalet Marija lil binha fit-tieġ ta' Kana (ara Ġw 2:1-11). Eżodu 29:40-41 jitkellem mill-offerta tal-inbid kuljum lil Alla. Infatti l-kelma Ebrajka għal festa tfisser 'tixrob'. Il-profeti speċjalment Isaija, Ġeremija, Eżekjel, Osea, Mikea, Ġoel, Nahum u Żakkarija jużaw ħafna s-simboliżmu tad-dielja u tal-inbid, fuq kollox ma ninsewx l-allegorija tad-dielja fil-kapitlu 15 ta' San Ġwann.

## L-Inbid fil-Palestina

L-ispiji ta' Mosè fl-Art Imqaddsa kienu skoprew li l-art hija tajba ħafna għall-għeneb (ara Num 13:23). Art fejn l-ilma mhux daqshekk abbundanti, u l-ħalib tal-annimali faċli jiqras bit-temperaturi sħan, il-produzzjoni tal-inbid bħala "id-demm tal-għenba" kienet neċessità kif jikteb il-Bin Sirak. Il-Lhud fil-qedem kienu jixorbu l-inbid bħala estratt mhux biss mill-għeneb imma ukoll minn frott iehor. L-inbid fil-produzzjoni naturali tiegħu jinvolvi l-meraq tal-għenba flimkien mal-qoxra tal-għenba nnifisha, fejn il-ħmira naturali tal-qoxra tal-għenba (*Saccharomyces cerevisiae*) titħallat mal-element taz-zokkor fil-meraq fl-għenba u tikkonvertih għall-inbid (eżattament għall-gass *carbon dioxide* u l-likwidu *alcohol*). Din il-ħmira fl-għeneb kienet tintuża fil-produzzjoni tal-ħobż u għalhekk ir-rabta bikrija li nsibu bejn il-ħobż u l-inbid u għalina l-Ewkaristija. Il-produzzjoni tal-inbid tmur lura saħansitra 6000 sena Q.K. kif insibu fi fdalijiet li nstabu f'Shulaveris-Gora f'Georgia u fl-Iran, fil-Hajji Firuz Tepe fil-Muntanji Zagros u fil-muntanji Taurus fit-Turkija. Il-klima u l-ħamrija tal-Palestina huma adattati ħafna għat-tkabbir tal-għeneb. Fit-Transgordanja nsibu art fertili b'vulkani mejtin li hija tajba ħafna għall-għeneb, bħal per eżempju l-art ta' Baxan u Mowab. L-għelieqi tad-dwieli kienu protetti mill-għadu jiġifieri mill-annimali selvaġġi u mir-riħ qawwi permezz tal-ħitan tal-ġebel u kien ikun hemm torri għoli fl-għalqa fejn wieħed kien jista' jindokra l-għeneb tiegħu minn xi ħalliel (ara parabbola tal-għalqa tad-dwieli). Fil-fatt wieħed illum isib ħafna postijiet antiki f'Iżrael marbuta mal-għasir tal-għeneb u mal-produzzjoni tal-inbid. Il-qtugħ tal-għeneb kien isir f'Lulju fin-naħat tax-Xmara Ġordan

> *"Ma għandhomx nbid"*
>
> *(ara Ġwanni 2:5)*

u f'Awwissu mal-kosta Mediterranja. Fil-fatt l-art ta' Mowab bejn il-Wied Hesban u l-Wied Hesa hija magħrufa ħafna għall-inbid tagħha (ara Is 16:7-10). Insibu ukoll kant marbut mal-qtugħ tal-għeneb (ara Isa 27:2 u 65:8). Plutarku u Plinju jsostnu li l-inbid tal-Palestina kien ta' kwalità superjuri fil-Mediterran. Tajjeb li ngħidu li l-inbid idum jiffermenta u jsir inbid tajjeb wara erbgħin ġurnata. Hawn Malta missirijietna kienu jgħasru l-għeneb f'Settembru u kienu jibdew jixorbu minnu fil-Festa tal-Qaddisin kollha, ovvjament inbid iktar ma jkun qadim iktar ikun tajjeb.

## L-Inbid fl-Antik Testment

Fl-ewwel ktieb tal-Bibbja, l-Ġenesi, naraw mill-ewwel ir-rwol importanti tal-inbid. Naraw lil Noè jkabbar l-għeneb fl-għelieqi tiegħu f'Ġen 9:20-21 u l-kultivazzjoni tal-għeneb fi żmienu. Naraw ukoll lil Noè jkun vittma ta' xorb żejjed tal-inbid u x'ħin iqum jisħet it-tifel ta' Ham jew Kam, Kanaan (ara ukoll 4Q180-181). Il-qassis misterjuż ta' Salem, Melkisedek li kien qassis ta' El-għeljon, ibierek lil Abraham u l-familja tiegħu bil-ħobż u l-inbid (pre-figura tal-Ewkaristija ta' Kristu, ara Ġen 14:18). Iżakk ibierek lill-ibnu Ġakobb u jawguralu abbundanza ta' qamħ u inbid. L-istess għamel Ġakobb lil uliedu, it-tnax-il tribù ta' Iżrael. It-tnax-il spiji li bagħat Mosè fejn kienu waslu sal-wied ta' Eskol u rritornaw lejn Kades fid-deżert ta' Paran ġabu magħhom għanqud għeneb kbir (ara Numri 13 u 14). L-arblu ta' Ġesse (missier David) jew ir-rimja ta' Ġesse li jħabbar Isaija, hija d-dielja.

Il-kelma komuni Ebrajka għall-inbid hija *'yayin'* li tfisser 'tagħli' (u għalhekk b'riferenza għall-fermentazzjoni tal-għeneb) u din il-kelma nsibuha 3196 darba fl-Antik Testment, filwaqt li fil-Grieg għandna l-kelmiet *'oinos'*, u *'gleukos'*, bil-Latin: *vinum*. Fil-Hitti hemm il-kelma *'wiyana'* u fil-Grieg Aeoliku hemm il-kelma *'woinos'* (fl-Ingliż: *wine*). Insibu kelmiet oħra għal tipi oħra ta' nbid, per eżempju hemm ukoll il kelma Ebrajka *'tirosh'* li kien inbid ħelu (ara Hos 4:11) bil-Latin dan jissejjaħ *'mustum'*. Kien hemm ukoll tip ta' nbid qawwi *'shekar'* (bil-Malti għandna l-kelma 'sokor') u bil-Grieg *'sikera'*. Hemm il-kelma *'chemer'* u Aramajka *'chamar'* li jirriferi għall-inbid fil-proċess tal-fermentazzjoni. Fil-fatt il-kelma Ebrajka *'hamar'* tfisser 'jagħli', fil-Malti għandna l-kelma 'aħmar' marbuta man-nar. Kien hemm ukoll il-kelma Ebrajka għall-inbid il-ġdid tas-sena *'asis'* u bil-Grieg *'glukasmos'*. L-inbid meta kien isir ħall kienu jsejħulu *'chomets'* għall-inbid qares, bil-Grieg *'oxos'*. Kien ikun inbid imħallat bl-ilma u għalhekk

kien meqjus bħala x-xorb tal-fqar. L-inbid il-qadim kienu jgħidulu '*shemar*' u bil-Grieg '*trugias*'. Kien hemm ukoll l-għeneb ippressat fi żbib imsejjaħ '*ashishah*' (2 Sam 6:19). Kien hemm kelmiet oħra Ebrajċi għall-inbid imħallat bħal: '*sobhe*', '*mamsok*', '*mesekh*', '*mezeg*' u bil-Grieg '*kerasma*'. Fil-Latin hemm il-kliem bħal: *aigleuces vinum, defrutum vinum, vinum pendens, simper mustum*. Il-kittieb storiku Joseph meta jitkellem dwar il-frott tal-għenba jikteb: '*gennema tes ampelou*'.

Fil-Bibbja hemm kundanna għal min jisker bl-inbid kif naraw fil-Prov 23:20; Isaija 5:11. Is-sokor fil-Bibbja huwa għalhekk marbut mad-dnub. Fil-Ġenesi naraw lil Noè u lil Lot jeħodhom l-inbid (ara Ġen 9:20-21 u Ġen 19:32-33). Naraw l-inbid bħal offerta tal-bikri lil Alla (Dewt 18:4). Ġuditta toqtol lill-Ġeneral tal-Assirja, Oloferne wara li dan siker u hi qatgħetlu rasu. Absolon it-tifel ta' David u r-Re Assweru fi żmien Ester kienu taħt l-effett qawwi tal-inbid fl-aġir ħażin tagħhom. Riferimenti oħra bibliċi b'rabta mal-inbid huma Isaija 16:10; Ġer 40:1-12; Nehemija 13:15 u Lam 2:12. F'Ġeremija 35 insibu lir-Rekabiti li ma jixorbux inbid. Anke n-Nażrin ma kienux jixorbu nbid (ara Num 6:1-4) bħalma kien Sansun (Imħallfin 14:8-9), Samwel (1 Sam 1:11) u Ġwanni l-Battista fejn wara nsibu lill-ebjoniti u l-enkratiti. Marbut ma' dan hemm l-episodju tal-wegħda li kellu San Pawl f'Atti 24:5-18. Fil-fatt in-'*nazir*' (ara Num 6:1-21) kien ifisser l-ikkonsagrat lil Alla u dak li kien separat mid-dinja u mogħti lil Alla u ma kienx jixrob inbid u ma jaqtax xagħru u ma jersaqx lejn il-katavri. Is-saċerdot Lhudi li kien se jiċċelebra l-liturġja kien ukoll jastjeni qabel minn inbid u minn xi xorb qawwi (Lev 10:1). Fl-eżilju, Danjel u l-Lhud ma xorbux mill-inbid tar-rejiet li ħakmu fuqhom għaliex kienu jaraw fih att ta' infedeltà lejn Alla. Anke r-rejiet kienu joqgħodu ħafna attenti mix-xorb żejjed tal-inbid ħalli l-ġudizzji tagħhom ikunu dejjem sewwa. Is-salmi ukoll juru l-ferħ u l-barka tal-inbid fejn is-salm 116 jitkellem mill-'kalċi tas-salvazzjoni'. "L-inbid daqs il-ħajja għall-bniedem jekk tixorbu bil-qies tiegħu" (Sir 31:25 u Titu 2:3). L-inbid kien ukoll jintuża fis-sagrifiċċji tal-Lhud bħal dak tal-ewwel frott lil Alla. L-inbid kien jifforma x-xorb prinċipali fl-ikla tal-Għid tal-Lhud. Tajjeb li nsemmu l-magħsar u l-pressa tal-għeneb tissejjaħ '*gath*' (ara Imħ 6:11).

## L-Inbid fil-Ġdid Testment

Ġesù mhux biss ixebbaħ lilu nnifsu mad-dielja imma jgħid li hu "Jiena hu d-dielja vera" (Ġw 15:1). Ġesù wettaq l-ewwel miraklu skont San Ġwann bl-inbid u biddel l-ilma f'inbid tajjeb ħafna (bil-Grieg: *kalon onion*, ara Ġwanni 2:1-11). L-inbid tajjeb huwa deskritt bil-Latin: *poculis vini innocentis* jew *utilissimum vinum* jew *saluberrimum vinum*, fil-kitbiet ta' Plinju u Plutarku. Ġesù fit-tagħlim tiegħu uża ukoll is-simboliżmu tal-inbid meta jitkellem mill-inbid ġdid f'damiġġani ġodda tal-ġild u dan b'riferiment għall-fidi (ara Luqa 5:37-38 u Mark 2:22), fejn naraw l-inbid il-qadim bħala riferiment għad-drawwiet qodma waqt l-inbid il-ġdid ifisser il-ħajja ġdida fi Kristu. Naraw ukoll lil Ġesù jiekol u jixrob għand il-pubblikani (ara Matt 11:19). Fuq kollox bħalma huwa Melkisedek fl-Antik Testment, hekk **Ġesù juża l-elementi tal-ħobż u l-inbid fl-Ikla tal-Għid fl-aħħar ċena (ara Matt 26:26-29; Mark 14:22-25 u Luqa 22:14-23 u 1 Kor 11:17-34) fejn it-tielet**



**tazza nbid kienet tissejjaħ it-tazza tal-barka (*cos ha-berachah*), dan b'kuntrast mal-inbid tal-kundanna 'tax-xjaten' ("li jixrob il-kundanna tiegħu") li jsemmi San Pawl f'1 Kor 10:21. L-inbid flimkien mal-ħobż huma l-element essenzjali li għażel Ġesù nnifsu għall-Festa tal-Ewkaristija. Il-Knisja minn dejjem ikkundannat dawk il-gruppi jew setet li kienu jissostitwixxu l-inbid ewkaristiku b'xi xorb ieħor. Għalhekk fid-dinja biblika, l-ħobż u l-inbid huma l-elementi l-iktar universali u l-iktar bażiċi biex wieħed jiekol ma' sħabu u jagħmel festa. Fil-Quddiesa, Ġesù jbiddel quddiem għajnejna, il-ħobż u l-inbid fil-Ġisem u d-Demm tiegħU, għax Hu tassew jixtieq jibqa' magħna biex jagħmlilna festa u jkollna tassew il-ferħ veru** (ara Ġw 15:1-11), "Tassew, tassew ngħidilkom, jekk ma tiklux il-ġisem ta' bin il-Bniedem u ma tixorbux demmu, ma jkollkomx il-ħajja fikom." (Ġw 6:53). Naraw fil-Ġdid Testment ukoll il-qawwa mediċenali kif naraw fl-episodju tas-Samaritan it-Tajjeb li dewwa l-feriti biż-żejt u l-inbid. San Pawl jikkundanna s-sokor kif naraw f'Gal 5:19-21, Rum 13:13 u Ef 5:18. Fl-aħħarnett anke Jum il-Mulej huwa marbut ma' nbid ġdid.

## Biblijografija


Bacchiocchi, S., *Wine in the Bible: A biblical study on the use of alcoholic beverages*, Andrews University 1999.

Cavalieri, D. et als, "Evidence for S. cerevisiae Fermentation in ancient wine", in *Journal of Molecular Evolution* 57 (2003) 226-232.

Chepey, S., *Nazirites in the late second temple Judaism: a survey of ancient jewish writings, the New Testament, archaeological evidence and other writings from late antiquity*, AJEC 60 Leiden 2005.

Gordon, E., *Christ, the apostles and wine*, Philadelphia 1947.

Jenks, A.W., "Eating and drinking in the Old Testament", in *Anchor Bible Dictionary* 2, 250-254.

Marshall, T., *The crucified Rabbi: Judaism and the origins of the Catholic Christianity*, Saint John Press 2009.

McGovern, P.E., *Ancient wine: The scientific search for the origins of viniculture*, Princeton 2003.

Mondavi, R., "Wine and History" in *The Public Historian* 16 (1994/4) 67-69.

# Il-Qaddis li ġie jgħix Għawdex

John Cremona

Matul is-sekli ftit kienu dawk il-barranin b'fama ta' qdusija li rifsu x-xtut ta' Għawdex u għalkemm insibu li qaddisin kbar bħal San Pawl, San Luqa u Sant'Agatha f'xi żminijiet għammru f'Malta ma jidhirx li dawn waslu sa Għawdex. Nafu madanakollu b'irħieb b'fama ta' qdusija li għal xi żmien għexu f'Għawdex fosthom l-eremit tas-Santwarju tal-Qala magħruf bħala San Kerrew.

**Żgur li l-aktar qaddis barrani magħruf li rifes ix-xtut ta' Għawdex, minbarra Ġwanni Pawli II, kien San Ġużepp Benedittu Labrè. Dan il-qaddis twieled f'Amiette, raħal fi Franza fil-25 ta' Marzu 1748. Kien l-akbar wieħed mill-ħmistax-il wild tal-familja ta' Jean Baptist u martu Anne Grandsire. Huwa rċieva l-edukazzjoni mingħand zijuh li kien kappillan ta' parroċċa u ta' sittax-il sena beda jfittex li jidħol f'xi kunvent. Ipprova kemm mat-Trappisti, mal-Kartusjani u maċ-Ċisterċensi imma ħadd minnhom ma aċċettah kemm minħabba li kien għadu żgħir fl-età kif ukoll minħabba saħħtu. Wara dan iddeċieda li jqatta ħajtu bħala pellegrin f'ħajja ta' faqar kbir, penitenza ħarxa u talb u li jżur is-santwarji l-aktar importanti tal-Kristjaniżmu fl-Ewropa fosthom Loreto u Santiago da Compostella.**

X'aktarx li kien dan il-ħsieb li wassal lill-pellegrin sa Malta u li għal ftit taż-żmien qabel ma miet ġie joqgħod f'Għawdex. Skont it-tradizzjoni kien joqgħod f'kamra żgħira fil-parti t'isfel fi Triq it-Tiġrija, illum Triq Fortunato Mizzi. Din il-kamra kienet magħrufa bħala tal-Lampa peress li marbut magħha kien hemm benefizzju magħruf bl-istess isem. F'artikli miktuba mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap[1] kif ukoll minn Ġorġ Pisani[2] insibu numru ta' rakkonti marbuta mal-ħajja ta' dan il-qaddis kemm dam fostna. Insibu fost l-oħrajn li dan il-qaddis kellu devozzjoni qawwija lejn l-Erwieħ tal-Purgatorju u li kien jgħaddi ħin twil mehdi fit-talb fil-Knisja ta' San Ġorġ propju ħdejn l-artal tal-erwieħ li jinstab fl-istess knisja. Rakkont interessanti huwa dak li jirrigwarda lin-Nutar Ludovico Spiteri li kien iservi bħala Nutar bejn is-snin 1776-1809. Jingħad li darba dan Ġużeppi Labrè kien jinstab fit-telgħa tal-belt ta' Għawdex fejn iltaqa' ma' dan in-Nutar. Huwa ħabbarlu li t-tarbija tifla li kienet ser twelled mart in-Nutar kellha titwieled ħajja u li kellu jsemmiha Rita għall-qaddisa tal-impossibbli li dakinhar kienet għadha Beata. Jidher li t-taħbira ta' Labre' kienet minnha għaliex fil-ktieb tal-magħmudijiet tal-parroċċa ta' San Ġorġ insibu rreġistrata l-magħmudija ta' Anna, Maria, Rita, Angela bint in-Nutar Ludovico Spiteri u martu Catarina li saret mill-viċi-parroku Dun Nikol Grima nhar it-8 ta' Ġunju 1782[3]. Minn dan nistgħu nobsru li l-waqfa ta' dan il-Qaddis f'Għawdex seħħet lejn l-aħħar xhur tas-sena 1781 u l-ewwel xhur tas-sena 1782. Interessanti l-fatt li fil-Kunvent ta' Santu Wistin fir-Rabat jeżisti kwadru sabiħ magħruf bħala l-Beata Rita li jingħad li tħallas min-Nutar Ludovico Spiteri b'radd ta' ħajr lill-qaddisa għat-twelid tat-tifla f'saħħitha.



B. BENEDETTU GIUSEPPI LABRE
*Min umilia ruhu, chien fis-sebh tal gloria*
Job. 22.

**Ġużeppi Labrè miet b'fama kbira ta' qdusija f'Ruma fis-17 ta' April tas-sena 1783. Huwa ġie dikjarat Beatu mill-Papa Piju IX fl-20 ta' Mejju 1860 u bħala qaddis mill-Papa Ljun XIII fit-8 ta' Diċembru 1881.**

L-inċiżjoni li qiegħed inġib ma' dan l-artiklu ġiet ippubblikata fil-ktieb li ġie stampat f'Malta fis-sena 1863 u li jġib it-titlu *' Tifsir mil ħajja u il virtu' tal Beatu pellegrin Benedittu Giuseppi Labre mahrugia fli stampa fil festa sollenni tal beatificazioni tighu u migjuba bil Malti minn Richard Taylor'.* L-inċiżjoni għandha qisien ta' 95mm x 65mm. L-artist li għamilha mhux magħruf.

1 Vella Apap Dun Nikol., 'San Benedittu Ġużeppi Labre' (1748 – 1785) – Ħajtu fil-qosor. Manuskritt 1980 u ppubblikat fil-Leħen is-Sewwa.

2 Pisani Ġorġ., 'Għawdex joħlom fil-Leġġendi. PIN 1991

3 Liber Baptizatorum Parr. S. Georgii Vol.6 (1773-1792) fol.248

# L-organista Patri Antonino Gat, Franġiskan

**Id-dokument numru mitejn u tnejn u għoxrin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hi ordni mill-Università għall-ħlas tas-salarju ta' Patri Antonino Gat, organista tal-Knisja Matriċi ta' Għawdex. Jinsab reġistrat fit-tielet volum tal-*Acta* tal-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), folju 136r (NAG, UG, *Acta,* 3/1613–1614, 136r).**

Din hi t-traskrizzjoni tal-ħlas:

*Noi infrascritti Giurati del Isola et Università del Gozzo per il presente nostro mandato comettemo a voi Manifico Salvo Refalo, Thisoriero di essa Università che dalli suoi introijti habbiate pagare al Reverendo Padre Fra Antonino Gat (Galo?) del Ordine di Santo Francesco Scudì otto e tarì quattro di moneta, che se gli devono per di suo salario di mesi otto incominciati dalli dieci sette di luglio presente passato e finiti alli sedici di marzo presente passato a ragione di scudi dodici e tarì sei l'anno che gli da detta Università per suonare l'organo in questa nostra Matrice chiesa in ragione di un domenicale decreto emanato sotto lì 16(26?) di Martio 1613*

*et a cauthela nostra fecemo fare il presente mandato; dato die 14 mensis aprilis 1614.*



Fil-ħarġa ta' Jannar 2013 (Dok. 208), ġibna tagħrif dwar l-orgni ġdid akkwistat mill-Knisja Matriċi ta' Għawdex – possibbilment l-ewwel orgni li nġab fi knisja f'Għawdex. Imbagħad, fil-ħarġa ta' Ġunju-Lulju 2013 (Dok. 214), semmejna l-ħatra ta' Patri Antonino, Franġiskan, bħala l-organista tal-Matriċi. Il-Granmastru Alof de Wignacourt (1601-1622), b'*Digriet* tas-16 ta' Marzu 1613, awtorizza lill-Università, wara talba li din ressqitlu, biex toħroġ il-paga tal-organista mid-dħul tagħha. Din id-data tad-*Digriet* hi mniżżla b'mod mhux ċar fit-tieni dokument; lanqas ma hu ċar il-kunjom tal-patri Franġiskan fl-istess dokument li hu mkagħbar sewwa.

L-Università offrietlu s-somma ta' ħames *oncie* Sqallin fis-sena għas-servizzi tiegħu fil-Knisja Matriċi. *Oncia* kienet tiġi żewġ skuti u nofs fi flus Maltin; jiġifieri jiġi li kellu salarju ta' tnax-il skut u sitta rbgħajja fis-sena. Paga tajba għal bniedem jaħdem *part-time.* Bl-awtorizzazzjoni riprodotta hawn fuq, Patri Antonino rċieva s-salarju ta' tmien skuti u erbgħa rbgħajja, il-ħlas ta' tmien xhur servizz, jiġifieri mis-17 ta' Lulju 1613 sas-16 ta' Marzu 1614. Dakinhar kien għalaq sena joffri s-servizzi tiegħu fil-Matriċi.

Erba' mit sena ilu, il-Għid il-Kbir kien ħabat nhar it-30 ta' Marzu 1614. Dan il-ħlas jiġi li sar qrib il-bidu tal-Ġimgħa Mqaddsa, il-ġimgħa li fiha l-funzjonijiet tal-knisja jilħqu l-aqwa tagħhom u għalhekk l-organista kien ikellu x'jagħmel iktar mis-soltu. Din kienet it-tieni sena li Patri Antonino kien qiegħed jagħti s-servizz ta' daqq fil-Matriċi.

Iż-żieda fis-solennità taċ-ċelebrazzjonijiet jixhed li l-gżira kienet stejqret sewwa mill-qerda li ħalla warajh l-assedju ta' Lulju 1551 meta l-maġġoranza tal-Għawdxin kienu ttieħdu fil-jasar. Il-popolazzjoni bdiet tiżdied b'ritmu mgħaġġel. Is-swar ġodda taċ-Ċittadella, mitmuma fis-sena 1613, kienu serrħu moħħ il-poplu minn attakk aħrax bħal dak ta' sittin sena qabel. Wara l-infiq kbir li sar fil-bini tas-swar u li minnu gawda kull Għawdxi li ħadem, kien hemm iktar flus fl-idejn. Kien jiġri li meta jiżdied id-dħul tgawdi l-familja bi djar iktar diċenti, b'ilbies kemxejn isbaħ, u b'ikel aħjar. Iżda kienet tgawdi wkoll il-knisja għax in-nies kienu jistgħu jagħtu xi ħaġa iktar għaż-żamma tagħha.

Kien għalhekk li l-Knisja Matriċi setgħet tixtri orgni s-sena ta' qabel. Bil-mod il-mod, reġgħet bdiet tixtri u takkwista dak kollu meħtieġ għas-solennità tal-funzjonijiet, ħwejjeġ li t-Torok kienu qerdu fl-attakk tas-sena 1551.



# Kull Bolla għandha Storja



**Salvu Felice Pace**
*sfelicep@go.com.mt*

Nammira ħafna lil dawk li jiddedikaw ruħhom għal xi delizzju. Missieri kien xempju ta' kollettur dedikat. Kien għamel riċerka dwar l-istorja tat-trasport pubbliku Malti u wara bena figuri tal-inġenji tat-trasport sa minn żmien il-kaless sax-xarabank. Wara li kien irtira mis-servizz pubbliku, kien beda kollezzjoni tat-tappijiet tal-fliexken tal-birra u xorb simili u għal xi żmien il-kollezzjoni tiegħu kienet fost l-akbar fid-dinja. Kien ukoll kollettur tal-bolli.

Dawn il-ħsibijiet ta' nostalġija ġew f'moħħi hekk kif bdejt nirriċerka s-suġġett għal din l-edizzjoni. Sibt il-portal tal-*Gozo Philatelic Society* (GPS) bl-isem **www.stamps-gozo.com**. Il-bolla għandha storja twila ħafna. Tmur lura għas-sena1840 meta kienet ġiet inawgurata l-bolla magħrufa bħala l-*Penny Black* fir-Renju Unit li f'dak iż-żmien kien jinkludi wkoll lil l-Irlanda. Qabel ma kienet introdotta din il-bolla, kien ir-riċevitur tal-ittra li kien iħallas għas-servizz. Tistgħu ssibu l-istorja tal-bolla tal-pustaġġ f'**http:/wikipedia.org/wiki/Postage_stamps**. L-istorja tal-bolla f'Malta tmur lura għas-sena 1860. Tagħrif dwar din l-istorja ssibuh f'**https://www.maltaphilately.com**.

It-taqsimiet tal-websajt huma *Diary, Exhibition, Library, Membership, Productions* u *Contact.* Fis-sit issib arkivju li jibda minn Novembru 2010 sa Marzu 2014. Hemm taqsima fuq il-lemin tal-paġna ta'merbħa bl-isem *Categories.* Hawn issib tagħrif dwar *Covers, Exhibition, GPS, Personalized* u *Publications.* Il-*covers* jirreferu għal dawk li huma b'mod populari magħrufa bħala *First Day Covers. Exhibition* taċċenna għal wirja annwali organizzata ta' kull sena mill-GPS u li ssir fis-sala tal-wirjiet fil-Ministeru għal Gawdex. *Personalized* tħares lejn bolol personalizzati bħal dawk dedikati lill-Prim Ministri ta' Malta. *Publications* telenka materjal maħruġ mis-Soċjeta bħal kartolini għal xi okkazzjoni speċjali.

Kull meta kelli l-pjaċir inżur il-wirja annwali kont impressjonat ħafna mhux biss dwar il-materjal fil-wirja iżda wkoll bid-dedikazzjoni tal-membri tal-GPS taħt id-direzzjoni ta' Anthony Grech. Flimkien jipproduċu wirja ta' kalibru tassew għoli. Il-bolla hija mezz effettiv ħafna ta' tagħrif u tagħlim għall-persuni ta' kull età. Dan huwa delizzju li jixraqlu kull sapport. Kuntatt mal-GPS jista' jsir mis-sit stess fejn issib formula apposta jew b'email indirizzata **secretary@stamps-gozo.org**.

Għadu kemm ħareġ is-Sitt Volum ta'

**Attwalità**

***Ġrajjiet ta' Veru***




miġbura mill-Arċipriet Mons Karm Mercieca u Francesco Pio Attard (editur)

- **41 storja ta' nies magħrufa li sabu d-dawl tal-fidi u l-verità.**
- **Ktieb ieħor f'sensiela utli ħafna għall-Katekisti, Konferenziera, Edukaturi, Ġenituri, Żgħażagħ, u għal kulmin iħobb is-sewwa.**
- **Fih 144 paġna, u b'qoxra *glazed*, imżejjen b'ritratti attwali ta' nies li bidlu ħajjithom.**

*Jinbiegħ €7 mil-Lumen Christi Bookshop, Victoria, Għawdex, kif ukoll f'Malta mil-Librerija Preca fil-Blata l-Bajda, "Emmaus" f'Birkirkara, Catholic Bookshop f'Raħal Ġdid, Librerija tas-Sależjani f'Tas-Sliema, u mill-bookshop tal-Istitut Kattoliku fil-Furjana.*




# 11. Il-Bidu tal-Qawwa tar-Russja u l-Iżolament tal-Ġappun

Wara li fl-aħħar artiklu rajna t-taqlib li kien hemm fl-Ewropa fis-seklu sittax b'mod partikulari minħabba r-Riforma Luterana, illum ser naraw kif fl-istess żmien ir-Russja bdiet tissaħħaħ billi sfruttat il-ġlud tal-annimali tas-Siberja u kif il-Ġappun iżola lilu nnifsu mill-bqija tad-dinja !

## Ivan it-Terribbli



Min jaħseb li l-kwistjoni jekk il-ġlud tal-annimali għadhomx jintużaw bħala mezz kif il-mara ssebbaħ id-dehra tagħha, tajjeb ikun jaf li din mhix xi ħaġa taż-żminijiet riċenti, imma ilha magħna mijiet ta' snin. Minħabba s-sbuħija tagħhom dawn il-ġlud bil-"fur"għandhom valur ekonomiku għax jiswew ħafna flus, minkejja li llum hawn ħafna nies kontra l-qtil tal-annimali għal dan l-iskop. Il-bniedem li skopra dan il-valur ekonomiku kien Ivan Grozny, jew kif inhu iktar magħruf bħala, Ivan it-Terribbli. Fi żmienu, fl-1570, ir-Russja kienet art fqira miksija kważi s-sena kollha bis-silġ. Illum bħalma jaf kulħadd ir-Russja hija ta' potenza ekonomika u politika eminenti.

Is-Serbja hija parti mmensa tar-Russja. Din il-parti tar-Russja kienet tissejjaħ "Sib Ir" li tfisser "l-Art Rieqda". Kien Ivan it-Terribbli li qajjimha mir-raqda tagħha. Dan irnexxielu jagħraf il-potenzjal ta' din l-art selvaġġa u jpoġġiha fiċ-ċentru tal-kummerċ ta' dak iż- żmien, is-seklu 16. Huwa ra l-potenzjal ta' artu fir-riżorsi naturali tagħha u biddilha minn pajjiż totalment agrikolu għal pajjiż li l-ekonomija tiegħu tiddependi mir-riżorsi naturali. Is-soluzzjoni kienet tinsab fil-qalba tal-foresti mmensi tas-Siberja.

Fis-seklu sittax il-klima tad-dinja kienet għaddejja minn perjodu ta' kesħa kbira. Xmajjar kbar bħat-Thames ta' Londra kienu ffriżati u pajjiżi sħaħ bħall-Iżlanda kienu maqtugħin totalment mill-bqija tad-dinja. Anke f'pajjiżi bħal Spanja u l-Portugall niżel ħafna silġ. Għalhekk kien jinħass il-bżonn li l-bniedem, bħalma għamlu l-antenati ta' qablu, jużaw l-iktar mezz naturali biex iżommu sħan. Is-soluzzjoni kienu l-ġlud tal-annimali tal-foresta u minn dawn ir-Russja kellha biex tbigħ. Ivan it-Terribbli għaraf il-potenzjal ta' dan in-negozju u beda l-kummerċ tal-ġlud tal-annimali fuq skala kbira. Iktar ma l-bniedem kien ikun sinjur iktar seta' jixtri ġlud li jsaħħnuh. Wara l-bniedem beda jikkonsidra ukoll id-differenza fid-dehra tal-ġlud mhux biss bħala oġġett biex tisħon bih, iżda wkoll bħala oġġett ta' vanita`. Iktar ma' tkun sinjur iktar stajt tixtri ġlud fini u sbieħ. Ivan sfrutta dan kollu billi qabbad lill-familja Stroganovs biex imexxu dan il-kummerċ tal-ġlud lejn l-Ewropa Ċentrali. Huwa tahom id-dritt li jisfruttaw il-foresti u jużaw il-metodi tagħhom biex jagħmlu dan mingħajr l-ebda xkiel, mill-Gvern jew mis-sidien tal-art.

## Yermak

Il-kap ta' dawn il-"kuntratturi" kien Yermak. Huwa beda diehel qalb il-foresti lejn il-Lvant tal-pajjiż u jaħtaf dawn l-artijiet taħt idejh. In-nies ta' dawn il-postijiet kienu bdiewa sempliċi u ma' kellhomx armi biex jiddefendu ruħhom min-nies armati tal-Kossak Yermak. Bis-saħħa tal-ixkubetti Yermak ħataf dawn l-artijiet u qatel kemm sab annimali biex jeħdilhom il-ġlud tagħhom. Huwa bagħat lil Ivan it-Terribbli ħames t'elf ġild mill-foresti tas-Siberja mill-iktar fini bħala rigal. Xħin Ivan ra dawn il-ġlud tassew sbieħ huwa ra l-potenzjal tagħhom u huwa stess beda joqtol kull annimal li kien isib fil-foresti ta' qrib Moskow, hekk li wara ftit żmien kważi dawn il-foresti spiċċaw kważi mingħajr annimali, mhux bħall-foresti tas-Siberja li kienu mmensi. Dak iż-żmien il-ġild tal-ors iswed kien jiswa' iktar mill-piż tiegħu f'deheb. Ivan mill-ewwel irrealizza l-potenzjal enormi ta' dan is-sors naturali bħala oġġett b'valur ekonomiku. Biex jirringrazzja lil Yermak, Ivan bgħattlu kurazza sabiħa u tah it-titlu ta' Prinċep tas-Siberja.

Yermak dam sentajn oħra jisraq mill-foresti tas-Siberja u n-nies tiegħu kienu għajjenin u bil-ġuħ. Yermak kien qed isib reżistenza min-nies tal-post u darba minnhom fis-sajf tas-sena 1584 kellu jaħrab u jgħaddi minn xmara biex jipprova jsalva ħajtu. Ġara li l-ilma ma kienx ilaħħaqlu u bil-piż tal-kurazza li tah Ivan spiċċa għereq. Wara Yermak inħolqu Kossakki oħrajn li bħalu ġew biex jisirqu lin-nies slavaġ tas-Siberja u joqtlulhom l-annimali tal-foresta u f'perjodu ta' sittin sena s-Siberja kollha, medda ta' art ta' erbat elef mil kwadru, kienet taħt idejn ir-Russja t'Ivan it-Terribbli.

## Il-potenzjal tas-Siberja

Illum ir-Russja mhi xejn mingħajr is-Siberja, għax minflok il-ġlud tal-annimali, taħt l-art kiesħa tas-Siberja hemm iż-żejt, il-faħam u l-gass li huma r-riżorsi naturali li jagħmlu lir-Russja potenza ekonomika u politika qawwija. Kieku ma kinitx is-Siberja, kieku r-Russja llum kienet tkun sempliċiment pajjiż komuni mingħajr l-ebda saħħa.

## L-Imperu Ġappuniż



Fis-seklu sittax l-Imperu Ġappuniż kellu opportunità biex jikber u jinfirex madwar d-dinja, iżda l-Ġappun qal le. Ir-raġuni prinċipali ta' din d-deċiżjoni stramba kienet ir-reliġjon Kattolika. Il-Ġiżwiti kienu rifsu fuq l-art tal-Ġappun għall–ewwel dabra fl-1549 meta waslu hemm mill-Portugall. Sas-sena 1600 kien irnexxielhom jikkonvertu għar-reliġjon Kattolika madwar kwart ta' miljun mill-popolazzjoni tal-Ġappun. L-għan tagħhom kien li jikkonvertu lill-Ġappuniżi kollha għar-reliġjon Kattolika. Dan seta' kien possibbli għax l-influwenza tagħhom kienet kbira. Iżda ġara li ċertu wieħed Ingliż, William Adams, sab ruħu fil-Ġappun meta x-xini li kien fuqu għereq fil-bajja ta' Osaka f'April tas-sena 1600. Adams kien meħud quddiem il-kmandant Tokugawa. Meta l-Ġiżwiti semgħu b'Adams u saru jafu li kien protestant huma taw parir lil Tokugawa biex isallbuh għax qalu li kien eretiku. Tokugawa kien bniedem moħħu miftuħ u ta' intelliġenza kbira. Huwa ma' ħax il-parir tal-Ġiżwiti u ta ċans lil Adams biex jara hu stess x'ħobż jiekol. Adams għaġġeb lil Tokugawa bl-avventuri li rrakkontalu u qajjem kurżita' kbira f'Tokugawa.

Tokugawa tant ħa grazzja ma' Adams li għamlu l-għalliem personali tiegħu biex jgħallmu l-matematika u l-ġeometrija. Tokugawa ried li jibni flotta kbira ta' xwieni. Adams li serva taħt l-Ammiral Drake kellu esperjenza kbira tal-baħar u x-xwieni. Huwa ta pariri lil Tokugawa u l- Ġappuniżi bnew numru ta' xwieni jixbħu lix-xwieni li kont issib fl-Ewropa dak iż-żmien. Tokugawa u Adams saru ħbieb tal-qalb u Tokugawa pperswada lil Adams biex jibqa' fil-Ġappun.

Fl-1603 Tokugawa sar magħruf bħala Shogun, jiġifieri il-kap militari assolut tal-Ġappun. Huwa onora lil Adams bit-titlu ta' Samuraj. Dan huwa unur kbir għall-Ġappuniżi. Minn dakinhar il quddiem William Adams beda jissejjaħ Samuraj. Sadanittant il-Ġiżwiti pprovaw kemm felħu biex ixejnu l-influwenza ta' Adams u minkejja li kienu ħolqu ċertu kummerċ bejn il-Ġappun u l-Portugall u Spanja, l-għan aħħari tagħhom kien li jikkonvertu l-Ġappun kollu għar-reliġjon Kattolika. Għalhekk meta Tokugawa mar Osaka fl-1615 huwa sab oppożizzjoni minn 40,000 Ġappuniżi Kattoliċi mmexxija mill-Ġiżwiti. B'rabja kbira huwa qatel numru kbir minnhom u keċċa 'l barra mill-Ġappun lill-Ġiżwiti. Mhux hekk biss iżda biex jiżgura li fil-Ġappun ma jkunx hemm iktar indħil barrani huwa keċċa lill-barranin kollha u pprojbixxa li xi Ġappuniż iħalli lill-pajjiż. Min kien jikser din l-ordni kien jingħata l-forka. Huwa ordna wkoll li x-xwieni Ġappuniżi ssirilhom fetħa fil-poppa biex jekk isalpaw 'l barra żżejjed mix-xtut Ġappuniżi dawn ikollhom jirritornaw lura għax jista' jidħlilhom l-ilma mill-baħar imqalleb u hekk jekk jitbiegħdu ħafna jkunu fil-periklu li jegħrqu. Dan l-iżolament tal-Ġappun dam għal sentejn sħaħ.

## Is-sokuku



Kull kummerċ li kien jeżisti qabel spiċċa u l-Ġappun sar pajjiż iżolat totalment mill-bqija tad-dinja. Din il-politika magħluqa u stramba ta' Tokugawa, li tissejjaħ sokuku, kellha konsegwenzi kbar fuq il-poplu Ġappuniż u kienet wieħed mill-ikbar żbalji fl-istorja tal-politika dinjija. Fl-istess ħin il-Ġappun għadda minn 250 sena ta' paċi u ħelisa mill-epidemiji kbar ta' mard li laqtu lill-Ewropa. Fl-istess ħin ukoll il-kultura Ġappuniża ħadet l-identità tagħha u saret unika. Il-lingwa, l-arti, l-ikel u l-arkitettura Ġappuniżi baqgħu bla mittiefsa u mingħajr ebda influwenza barranija. Għalhekk minkejja li din il-politika ta' iżolament (sokuku) kienet żball, xi ġid ħareġ ukoll u kien hemm żbalji akbar fl-istorja tal-umanità li ma' ħareġ l-ebda ġid minnhom, fosthom ħafna gwerer. Mhux ta' b'xejn li lil William Adams il-Ġappuniżi għamlulu monument u għadhom igħożżuh sal-lum.

Café & Wine Bar
KAPUTA
Pizza & Local Dishes
60 St. Joseph Square Qala, Gozo,
Tel: 27201355, Mob: 99272074

# Il-Kuraġġ fit-Talb

## *Omelija ta' Papa Franġisku fil-Kappella Santa Marta nhar il-Ħamis 10 ta' Ottubru 2013*



**Angelo Xuereb**

**It-talb tagħna jrid ikun kuraġġuż, mhux bi bruda, jekk irridu naqilgħu l-grazzji neċċessarji iżda fuq kollox permezz tiegħu nagħrfu l-Mulej. Jekk nitolbu lilu, ikun huwa stess li jagħtina l-grazzja tiegħu. Papa Fraġisku waqt il-quddiesa ta' filgħodu ċċelebrata f'Santa Marta, reġa' tkellem fuq il-qawwa u l-kuraġġ tat-talb.**



Fuq in-neċċessità tat-talb huwa meħtieġ li nitolbu, u nidħlu fil-qalba tiegħu. Huwa rrifera għall-pass liturġiku tal-Evanġelju ta' San Luqa (11, 5-13) "b'din il-parabbola – spjega l-Papa -- ta' dak il-ħabib bla mistħija" li mar bil-lejl għand ħabibu u talbu biex jagħtih x'jitma lil wieħed li mar għandu u li kien jafu: "b'din it-talba l-ħabib kellu jqum missodda u jagħtih il-ħobż. U Ġesù f'okkażjoni oħra jkellimna fuq dan: permezz tal-parabbola tal-armla li marret għand l-imħallef korrott, li ma kienx jagħti kasha, lanqas ried jagħti kasha; iżda hija tant insistiet, li tant dejqitu li fl-aħħar biex iwarrabha b'tali mod li ma tkomplix iddejqu, għamel il-ġustizzja kif kienet talbitu. Dan ifakkarna fit-talb tagħna? Kif nitolbu aħna? Nitolbu tant bi drawwa, b'ċerta tjubija, kalmi jew nitolbu b'kuraġġ quddiem il-Mulej biex nitolbuh il-grazzja, biex nitolbuh dak li għandna bżonn."

Dan l-atteġġament huwa importanti għaliex: "it-talb li mhux kuraġġuż – afferma l-Papa – mhux veru talb." Meta nitolbu hemm bżonn "il-kuraġġ li jkollna fiduċja fil-Mulej li jismagħna, il-kuraġġ li nħabbtu l-bieb. Il-Mulej jgħid dan, biex kull min jitlob jaqla' u min ifittex isib u min iħabbat jiftħulu."

Iżda l-Qdusija tiegħu staqsa, jekk it-talb tagħna huwiex hekk. Jew nillimitaw ruħna biex ngħidu: "Mulej għandi bżonnok, agħtina l-grazzja"? B'kelma waħda, "inħallu rwieħna li nidħlu fl-ispirtu tat-talb. Irridu nkunu nafu nħabbtu fuq il-qalb ta' Alla." Biex jirrispondi l-Isqof ta' Ruma jikkwota mill-Evanġelju: "Ġesu jgħidilna: liema missier minn fostkom jekk ibnu jitolbu ħuta jagħtih serp? Jew jekk jitolbu bajda jagħtih skorpjun? Jekk intom missirijiet tagħtu t-tajjeb lil uliedkom. U mbagħad ikompli jgħid: jekk intom li intom ħżiena tafu tagħtu ħwejjeġ tajba lil uliedkom, kemm iżjed il-missier tas-sema .. u aħna nistennew jgħidilna: jagħtikom ħwejjeġ tajba lilkom! Jagħti l-Ispirtu s-Santu lil dawk li jitolbuhulu. U din hija ħaġa kbira".

Għalhekk "meta aħna nitolbu bil-kuraġġ, il-Mulej mhux biss jagħtina l-grazzja, imma jagħtina lilu nnifsu fil-grazzja." Għaliex "Il-Mulej spjega l-Papa b'espressjoni qawwija – ma jagħti jew jibgħat l-ebda grazzja bil-posta: il-bieb huwa nnifsu, il-grazzja hija fih."

"Illum – ikkonkluda – fit-talb, fil-kolletta għadna kif għedna lil Mulej li jagħtina dak li fit-talb ma nibbastawx nitolbu, Huwa nnifsu! Aħna nitolbu grazzja, iżda ma nibbastawx ngħidu: ejja, Int se tagħtihielna. Aħna nafu li kull grazzja hija mogħtija lilna minnu: huwa Hu li jiġi u jagħtihielna. Ma nagħmlux mod li nirċievu l-grazzja u ma nirrikonoxxux dak li jġibilna, Dak li jagħtihielna huwa l-Mulej."


**LUMEN CHRISTI BOOKSHOP**



Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7

*Kull nhar ta' Ħamis, Ġimgħa u Sibt, mid-9.00a.m. sa' Nofsinhar.*

*Kull xorta ta' Kotba Reliġjużi u Edukattivi għall-kbar u għaż-żgħar, u oġġetti reliġjużi*

# Mistoqsijiet Parlamentari dwar Għawdex

## (1) Cruise Liners

**MP numru 7914;** seduta 121 – 18 / 02 / 2014
**L-Onor. Chris Said** staqsa lill-**Onor. Karmenu Vella, Ministru għat-Turiżmu:** Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 7550 li oriġinarjament saret lill-Ministru għal Għawdex u li issa ġiet riferuta lilu u jgħid kemm-il *cruise liner* daħal f'Għawdex matul is-sena 2013 u kemm-il passiġġier kien hemm fuq dawn il-*cruise liners*? Jista' jgħid kemm hemm *cruise liners* konfermati li se jagħmlu waqfa f'Għawdex matul is-sena 2014?

**Tweġiba:** Skont informazzjoni ppubblikata mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika n-numru ta' passiġġiera fuq il-*cruise liners* li żaru l-gżira ta' Għawdex matul is-sena 2013 jammonta għal 2,482.

Statistika dwar in-numru ta' *cruise liners* li jidħlu Għawdex ma tinġabarx. Però mill-informazzjoni li tinġabar mingħand l-operaturi jidher li fl-2013 daħlu (13) tlettax-il *cruise liner* u din is-sena huma maħsuba li jidħlu (17) sbatax.

## (2) Sit tal-Heliport - tindif

**MP numru 7495;** seduta 115, 03 / 02 / 2014
**L-Onor. Frederick Azzopardi** staqsa lill-**Onor. Anton Refalo, Ministru għal Għawdex:** B'riferenza għal dak li ġie rrapportat fil-*media* dan l-aħħar, fejn kelliem għal Ministeru għal Għawdex ġie kkwotat li qal li qed isir xogħol ta' tindif madwar il-konfini tal-Ħeliport f'Għawdex, jista' l-Ministru jgħid liema Dipartiment jew entità tal-Gvern qed twettaq dan ix-xogħol u n-numru ta' ħaddiema involuti f'dan ix-xogħol? Jista' jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra pjanta li tindika s-sit li qed jiġi mnaddaf?

**Tweġiba:** Ninsab infurmat li t-tindif madwar il-konfini tal-Ħeliport f'Għawdex qiegħed isir mill-Forzi Armati ta' Malta b'kollaborazzjoni bejn il-Ministeru għal Għawdex, il-Ministeru tat-Turiżmu u l-Ministeru tal-Intern. Jiena nfurmat ukoll li bħal issa hemm tliet ħaddiema involuti f'dan ix-xogħol. Qiegħed ukoll inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra pjanta li tindika s-sit li qed jiġi mnaddaf.

## (3) Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali

**MP numru 6361** ; seduta 98, 2 / 12 / 2013
L-Onor. **Justyne Caruana** staqsiet lill-**Onor. Joseph Muscat, Prim Ministru**: Jista' l-Prim Ministru jesplora l-possibbiltà li f'Għawdex ikun hemm Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali?

**Tweġiba:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant li bħalissa ma jinħassx li huwa vijabli li jkun hemm Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali f'Għawdex peress li n-numru ta' seduti li dan l-Uffiċċju għandu fil-Qorti ta' Għawdex huma:

- Seduta waħda fil-ġimgħa fil-qasam ċivili (madwar 5/6 kawżi)
- Seduta waħda jew l-iktar tnejn fix-xahar fil-qasam Kriminali (bejn 2 u 13-il kawża)

## (4) Ir-Rabat (Għawdex) - Triq Borg Olivier - Irranġar ta' Ħajt tal-Parkeġġ

**MP numru 7686;** seduta 116, 11 / 02 / 2014
**L-Onor. Frederick Azzopardi** staqsa lill-**Onor. Anton Refalo, Ministru għal Għawdex:** Jista' l-Ministru jwieġeb mistoqsija parlamentari 7361 li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport u Infrastruttura u li issa ġiet riferuta lilu u jara li l-ħajt tal-parkeġġ li hemm fi Triq Borg Olivier, ir-Rabat, Għawdex , liema ħajt jinsab fuq in-naħa ta' wara ta' dan il-parkeġġ, jiġifieri fi Triq San Ġużeppi Labre, isirulu xogħlijiet meħtieġa peress li l-istess ħajt jidher li hu fi stat imminenti li jiġġarraf?

**Tweġiba:** Peress li l-parkeġġ imsemmi fil-mistoqsija huwa responsabbiltà tal-Kunsill Lokali tal-post, nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru konċernat.

## (5) Ftuħ ta' Skola Medika - numru ta' studenti

**MP 7963** seduta 123, 24 / 04 /2014
**L-Onor. Joseph Cassar** staqsa lill-**Onor. Evarist Bartolo, Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol:** B'riferenza għal dak li tħabbar dan l-aħħar dwar MoU li ġie ffirmat ma' *Barts Medical School* għall-ftuħ ta' skola medika f'Malta, jista' l-Ministru jgħid x'numru ta' studenti se jidħlu jistudjaw kull sena?

**Tweġiba:** F'dan l-istadju ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-għan tal- MoU huwa li jkun hemm kollaborazzjoni bejn *Queen Mary Barts Medical School* u l-Gvern Malti bil-ħsieb li flimkien titwaqqaf istituzzjoni edukattiva li tiffoka fuq *Health Sciences* ġewwa Malta.


ĦALLI F'IDEJN MIN JIFHEM!

*Ħamsa u għoxrin sena esperjenza fit-tiswija ta' bjut li joqtru jew li jimmoffaw bl-ilma tax-xita...*



GREZZJU BONELLO

*lest li jiġi jagħtik parir u stima b'xejn!*

Tel: **2155 7694** Mob: **9946 9102**



# Mons. Alwiġ Vella

Arċipriet Emeritus taż-Żebbuġ
(1930 – 2014)

*kitba ta'*
**Dun Geoffrey G. Attard**

Nhar l-Erbgħa 12 ta' Marzu tħabbret il-mewt ta' Mons. Alwiġ Vella, arċipriet emeritus tal-parroċċa matriċi ta' Santa Marija taż-Żebbuġ, Għawdex wara ħajja twila ta' madwar 84 sena. Dun Alwiġ Vella twieled fil-Fontana Għawdex nhar it-8 ta' Ġunju 1930 minn familja ta' saċerdoti. Zijuh kien Dun Franġisk Mercieca kappillan taż-Żebbuġ li fi żmienu l-parroċċa ngħatat l-arċipretura filwaqt li żewġ kuġini tiegħu – Mons. Girgor Vella u Mons. Nikola Vella – servew bħala kappillani fil-parroċċi ta' San Lawrenz u Ta' Sannat rispettivament. Anke ħuh Ġorġ sar saċerdot u kien ta' għajnuna kbira għalih tul iż-żmien li dam kappillan fiż-Żebbuġ bejn l-1964 u l-1996. In-neputi tiegħu Mons. Salv Tabone huwa wkoll saċerdot u għal bosta snin kien ċerimonjier tal-Isqof Nikol Cauchi. Meta kellu biss sitt snin, Dun Alwiġ tela' ż-Żebbuġ biex flimkien mal-familja tiegħu jgħixu f'dan ir-raħal fejn attenda l-iskola primarja u rċieva s-sagramenti l-oħra. Ordna saċerdot minn idejn l-Isqof Pace fl-1955 u qatta' l-parti l-kbira ta' ħajtu f'dan ir-raħal. Kien fi żmienu li seħħ l-inċident tan-nar li qered iċ-ċentru parrokkjali fil-pjazza; ġrajja aktar sabiħa kienet dik tal-inkurunazzjoni tax-xbieha titulari nhar it-18 ta' Awwissu 1980 li għaliha kien attenda l-Kardinal Mario Luigi Ciappi O. P. Anke wara li rtira minn arċipriet, Mons Vella baqa' jħobb iż-Żebbuġ u kien baqa' jitla' għaċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi u l-funerali kollha sakemm saħħtu baqgħet tippermettilu. Kwiet u kemxejn riservat, Vella kien ta' natural sod u qawwi quddiem it-tiġrib hekk



li baqa' sal-aħħar isegwi dak li jiġri fil-parroċċa ta' mħabbtu. Wara li temm is-snin tal-parrokkat, hu kien mar joqgħod il-Fontana fejn tgħammed. Kien imma xieraq li l-funeral tiegħu – immexxi mill-Isqof Mario Grech flimkien ma' erbgħin saċerdot – isir fil-parroċċa li rieġa għal aktar minn tletin sena. Dan sar nhar il-Ġimgħa 14 ta' Marzu u attenda għalih nistgħu ngħidu r-raħal kollu. Ir-rispett li gawda f'ħajtu deher ċar ukoll fl-aħħar tislima li ngħatalu qabel ma ndifen fil-qabar tal-familja fil-kappella taċ-ċimiterju Żebbuġi. Agħtih O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem!



# DUN MIKIEL ATTARD

## *Nota tad-Direzzjoni*

Dawk il-qarrejja tar-Rivista tagħna li kienu jafu lil Dun Mikiel Attard u jixtiequ jagħtu xhieda tal-qdusija u t-tjubija tiegħu f'din ir-rivista, għandhom jiktbu l-esperjenza tagħhom u jiffirmawha, u jibgħatuha flimkien ma' ritratt tagħhom (żgħir tal-passaport), u jekk għandhom xi ritratt ieħor tifkira tiegħu, lir-Rettur tas-Seminarju:

**Fr Daniel Xerri, Seminarju Qalb ta' Ġesù, Victoria, Għawdex.**

tel: **2155 6479**
email: **majorseminary@gozodiocese.org**


# Imperial Eagle

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

# TISLIBA MALTIJA U RELIĠJUŻA

*Ħajr lil Emmanuel Ellis*



## Mimdudin

1. Ma qagħadx għad-deċiżjoni jew għas-sentenza (7)
7. Issibha fil-ġnien (5)
8. Tkissir u ħerba (7)
9. Għandu manjieri ħelwin (6)
11. Ftit taż-żmien ilu (5)
13. L-aqwa wieħed (4)
14. Is-sustanza (7)
15. Sajru biż-żejt fit-taġen (4)
16. Tinħaleb għalina (5)
17. Hekk kien Ġulju Ċesri (6)
21. Bajja qrib Marsalforn (7)
22. Rispett (5)
23. Nom ieħor minn "wens" (7)

## Weqfin

1. Klejma fil-Malti jew biċċa mill-kamra tar-raħeb (10)
2. Ħallew barra (8)
3. Temm xogħlu (4)
5. Fih ikun moħħu meta jkun distratt (4)
6. Saret storja (4)
9. Jekk timxi b'lura bħalu tagħmel (5)
10. Ma' kullimkien fid-dinja (10)
12. Mifrux (5)
13. Jiddendel b'tiżjin fil-festa (8)
18. Il-qaddisa ta' Cascia (4)
19. Tista' tkun bil-ponta jew tan-nar (4)
20. Neħħew minn fejn jista' jidher (4)

**TISLIBA - April 2014**

Isem u Kunjom ____________________

Indirizz ____________________

____________________

____________________

Post Code ____________________

*It-Tisliba trid tasal lil "Il-Ħajja f'Għawdex", Lumen Christi Media Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Għawdex, mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' Mejju 2014. Ir-rebbieħ jingħata premju ta' tlett kotba tal-Lumen Christi Publications.*

# Tom Bracegirdle jirbaħ it-tappa ta' Għawdex

## *Lauryn Therin u James Steward jirbħu tan-Nisa u l-Masters rispettivament*



**Joe Bajada**

Nhar is-Sibt 5 ta' April 2014 f'Għawdex inżammet it-tielet tappa tat-Tour ta' Malta li sar fuq iċ-ċirkwit fil-limiti magħrufa bħala ta' Xħajma fin-Nadur, Għawdex. Iċ-ċirkwit ta' Għawdex reġa' ġie nkluż fit-Tour ta' Malta organizzat mill-*Malta Cycling Federation*, wara nuqqas ta' sentejn minħabba li f'ċerti toroq f'Għawdex kienet qed issir il-manutenzjoni tagħhom. L-attività bdiet mill-Imġarr minn fejn iċ-ċiklisti telqu bir-roti tagħhom wara l-wasla tagħhom f'Għawdex. Minkejja r-riħ li kien ikkunsidrat xi ftit qawwi, it-temp iffavorixxa l-andament tat-tlielaq li ħadu ftit inqas minn sagħtejn. Iċ-ċirkwit kien twil 5 kilometri fejn l-Elite għamlu tnax il-dawra, mentri kemm in-Nisa, kif ukoll l-Masters għamlu tmien dawriet. It-tiġrija bdiet minn quddiem il-korsa taż-Żwiemel f'Tax-Xħajma minn fejn marru lejn in-Nadur u għaddew mill-*By-Pass* tax-Xewkija.



Kien Tom Bracegirdle li kien qed itellaq fuq bażi individwali li ħareġ rebbieħ f'ħin ta' 01.41:46. Fit-tieni post daħal Giuseppe De Salvo tat-*Team Maggi* f'ħin ta' 01:41:47. Madankollu l-istess De Salvo żamm il-flokk l-aħmar u eventwalment spiċċa r-rebbieħ tat-Tour għat-tieni darba wara s-suċċess li kellu fl-2012. Fit-tielet post spiċċa Adrien Le Roy ta' *Ocvo* 95 f'ħin ta' 01:41:50. Bħala l-aħjar Maltin l-ewwel spiċċa Ethienne Bonello tat-*Team Greens* f'ħin ta' 01:42:19. Warajh daħal Carl Attard ta' *Agones S.C.* f'ħin ta' 01:42:40 segwit minn Maurice Formosa ta' *The Cyclist* f'ħin ta' 01:42:40.

Il-kategorija tan-Nisa ntrebħet minn Lauryn Therin ta' *Bonito Squadra Corse* f'ħin ta' 01:06:25. Warajha daħlet Mathilde Pauls ta' *Fusion RT* f'ħin ta' 01:06:26 u fit-tielet post spiċċat Maxine Filby ta' *Trek Bicycle Coventry* f'ħin ta' 01:06:27. Għat-tieni sena konsekuttiva Mathilde Mathjsse ta' *Bonito Squadra Corse* rebħet il-Kategorija tan-Nisa f'ħin ta' 03:35:19. Bħala l-aħjar Maltija spiċċat Danica Bonello Spiteri tat-*Team Greens* f'ħin ta' 01:08:50 u t-tieni daħlet Michelle Vella Wood ta' *Birkirkara St. Joseph S.C.* f'ħin ta' 01:15:16. It-tielet kienet iklassifikata Marie Claire Aquilina tat-*Team Greens* f'ħin ta' 01:17:59.

James Steward ta' *Bonito Squadra Corse* rebaħ l-Kategorija tal-*Masters* f'ħin ta' 01:01:21 biex żamm il-flokk l-aħmar u eventwalment spiċċa anke r-rebbieħ fil-klassifika ġenerali. Warajh daħal Giuliano Montedori ta' *SS Grosseto* f'ħin ta' 01:04:44, u warajh daħal Marco Fiammingo ta' *SCD Acicatena* f'ħin ta' 01:04:49. Bħala l-aħjar Malti daħal David Galea ta' *The Cyclist* f'ħin ta' 01:04:49 segwit minn Richard Galea ta' *Mosta AF Sign Studo C.C.* f'ħin ta' 01:09:14 u Michael Lia ta' *Mosta AF Sign Studo C.C.* f'ħin ta' 01:09:14.

F'din l-20 edizzjoni tat-Tour ta' Malta ħadu sehem numru rekord ta' 137 parteċipant, żieda ta' kważi 37 ċiklist fuq l-edizzjoni tas-sena l-oħra, bl-akbar żieda tkun fil-kategorija tan-nisa. Iċ-ċiklisti kienu 63 fil-Kategorija *Elite* li minnhom 32 kienu Maltin. Fil-*Masters* għal dawk il-fuq minn 40 sena ħadu sehem 31, b'9 minnhom ikunu Maltin filwaqt li ċ-ċiklisti Nisa kienu 43, li minnhom 9 kienu Maltin. B'kollox ħadu sehem 24 klubb b'seba' minnhom kienu Maltin. Kien hemm xi ċiklisti li ħadu sehem fuq bażi ndividwali.

Dr. Grezzju Mercieca, *Advisor* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex attenda ċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet għan-nom tal-Onor. Anton Refalo, Ministru għal Għawdex. Huwa kien mgħejjun mis-Sur Joe Bajada, rappreżentant tal-Kunsill Malti għall-iSport f'Għawdex, li huwa wkoll l-kordinatur ta' din it-tappa fi ħdan il-Federazzjoni. Preżenti għal din iċ-ċerimonja kien hemm ukoll is-Sinjuri John Zammit u Daniel Borg Olivier iċ-*Chairman* u Segretarju tal-Kumitat Organizzattiv tat-Tour ta' Malta 2014. Minbarra li kienet attrazzjoni sportiva mhux tas-soltu, t-tappa li nżammet f'Għawdex serviet ukoll bħala promozzjoni tal-gżira kemm maċ-ċiklisti barranin kif ukoll mal-uffiċċjali u familjari li akkumpanjawhom għall-mawra tagħhom. Il-Kumitat Organizzativ jixtieq irodd ħajr lil Ministeru għal Għawdex, lil Kunsill Lokali tan-Nadur, lil *Gozo Horse Racing Association*, kif ukoll lil Puliżija għall-koperazzjoni sħiħa li wrew ma' l-organizzaturi sabiex din it-tiġrija setgħet tkun suċċess.

# IL-BIDWI

*versi ta'*
**Fr Geoffrey G. Attard**



Taraħ jaħdem qalb ir-raba'
Jiżra', jaħsad fl-istaġun
Bieżel dejjem m'hemmx ħin x'jitlef
Għaddej dejjem, xogħol kuljum!

Daqqa jaħleb taħt il-baqra
Daqqa jagħżaq bla waqfien
Daqqa jitma' fniek jew sriedak,
Ma taraħx jitlef iż żmien!

Dari l-ħrit bil-bagħal jew żiemel
Illum floku il-moħriet
Xogħol ta' sogru, jitlob ħila
Xemx u xita m'għandux kwiet!

U biex l-art trodd frottha, kollox
Jiddependi mis-smewwiet
Mela għax-xita fiż-żmien tagħha
Ħa jkun talbna b'tant barkiet!

# IR-RAGĦAJ

*versi ta'*
**Fr Geoffrey G. Attard**



M'għadekx tara fil-kampanja
Lir-ragħaj jirgħa bil-merħliet
Għebu mqar wesgħat ix-xagħri
Flok l-irħula nbnew l-ibliet.

Fadal forsi ftit tal-beraħ
Qalb il-ġebel tas-sejjieħ
U l-widien imserrpa w qodma
Fejn bħal jonfoħ tisma' r-riħ.

U kultant 'il bogħod mill-ħamba
Tad-djar għolja tal-konkrit
Għandek mnejn ragħaj tilmaħ miexi
B'merħla wrajh, waħda mill-ftit.

Fl-Għarb 'il ġew' fejn l-arloġġ waqaf
Lejn San Mitri w fil-widien
Flok karozzi, mogħoż u baqar
Mar-ragħaj tagħhom jgħaddu ż-żmien.

Jisbaħ jum meta t-tfal tagħna
Ma jifhmux ragħaj kif ikun
Jilmħuh biss qalb il-pasturi
Fil-presepju tal-kartun!

# Djamanti ta' Għawdex

*Ritratti ta' Joe Sultana*

## MADWAR GĦAWDEX FIR-REBBIEGĦA (2)



L-Għolja tas-Salvatur



L-Għolja tal-Ħarrax





## ATTRACTIVE RETURNS, NO CAPITAL RISK.

Offering guaranteed income, our new **Kapital Plus** is a limited offer Term Deposit for those who want to protect their capital and still enjoy the possibility of significant interest payments. Enjoy a guaranteed annualised income of 3%, with a potential of up to 14.4% over a 7 year term. **Your capital and fixed interest are guaranteed.**

facebook.com/apsbank

2122 6644 | apsbank.com.mt | values you can bank on | APS

Terms and conditions apply. All interests are gross of tax. Issued by APS Bank Limited, a credit institution licensed by the Malta Financial Services Authority. Nothing provided in this document constitutes investment, tax or any other form of professional advice. You should consult your independent legal, financial or other advisors to ensure that any decision you make is suitable for you with regards to your specific circumstances and financial situation. The performance of the underlying index is not guaranteed, values may rise or fall and past performance is not a guarantee to future performance. The Bank is subject to the Depositor Compensation Scheme in terms of Legal Notice 369 of 2003 as subsequently amended. EURO STOXX 50® is the intellectual property (including registered trademarks) of STOXX Limited, Zurich, Switzerland and/or its licensors ("Licensors"), which is used under license. The Account is in no way sponsored, endorsed, sold or promoted by STOXX and its Licensors and neither of the Licensors shall have any liability with respect thereto.